# Festa Titulari ta' Santa Marija

## L-Imqabba 2018



SOĊJETÀ SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V, L-IMQABBA, MALTA

FESTA TITULARI 2018

FEXSERV
THE MONEY PEOPLE

The BEST Deal
for your
Travel Money

Free Buy Back Guarantee

2576 2576 www.fexserv.com

SAN GWANN | ST. JULIAN'S
VALLETTA | MOSTA
GZIRA | GOZO

Terms & Conditions Apply





*L-Editorjal*

# L-imħabba u d-devozzjoni lejn Ommna Marija li tħeġġiġna naħdmu lkoll flimkien għal għan wieħed



**Jonathan Mifsud, f'isem il-Bord Editorjali, jikteb dwar l-importanza tal-volontarjat filwaqt li jintroduċi d-diversi artikli li jinstabu f'din il-pubblikazzjoni u jagħti ħarsa wkoll lejn uħud mill-ġrajjiet u anniversarji mfakkra matul din is-sena. Dan filwaqt li nagħtu wkoll rendikont tas-sena ħidma li kellna fi ħdan is-Soċjetà tagħna, Soċjetà tassew attiva u ħabrieka, fejn il-membri b'mod kollettiv jagħmlu l-almu kollu tagħhom u jagħtu ħidma sfiqa matul is-sena kollha. Membri li jżommu s-Soċjetà ħajja u li ma tibżax timraħ 'il quddiem u tkompli tikber u tespandi l-attivitajiet u l-ħidma tagħha.**

Hekk kif issa veramant dħalna fl-ispirtu tal-festa f'raħalna, minn hawn nixtieq nagħti merħba lilkom il-qarrejja ta' din il-publikazzjoni annwali, pubblikazzjoni li hija vetrina letterarja u dokumentata tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba, kif ukoll ġabra tal-ħidma ta' tant persuni li b'mod volontarju permezz ta' ħidmiethom u mħabbithom, qegħdin b'mod kontinwu jiktbu l-istorja ta' din is-Soċjetà. Hawn jispikka l-element qawwi ta' volontarjat, imħeġġeġ minn sens qawwi ta' komunità li s-Soċjetà tagħna hija kburija tant li tħaddan.

Il-festi tagħna huma vetrina tax-xogħol volontarju li jsir b'tant reqqa min-nies fl-irħula tagħna. Huwa dan il-volontarjat fi ħdan xi għaqda jew komunità li jżommok attiv matul is-sena kollha, bil-qofol li jintlaħaq matul il-ġimgħa tal-festa jew waqt xi attività li tiġi organizzata. Huwa importanti li persuni b'delizzji, ħiliet u kwalifiki differenti jgħinu volontarjament f'dawn l-għaqdiet sabiex bil-ħiliet differenti tagħhom il-festi tagħna jibqgħu fuq saqajhom u jissaħħu. L-esperjenzi u t-tagħlim li wieħed jikseb minn dawn l-għaqdiet jgħinu ħafna fil-formazzjoni personali kif ukoll fid-dinja tax-xogħol, u għalhekk minn hawn inħeġġeġ iżjed nies sabiex jagħtu s-sehem tagħhom f'dak il-qasam li huma tant iħossuhom komdi li jaħdmu fih volontarjament.

Is-Soċjetà minħabba li hija waħda ħajja u attiva, tgħaddi minn kemm mumenti ta' ferħ kif ukoll ta'dieqa. Permezz ta' din il-pubblikazzjoni, sejrin nagħtu ħarsa lejn dawk il-ġrajjiet li seħħew matul is-sena li għaddiet kif ukoll infakkru l-memorja ta' dawk il-persuni li ħadmu mill-qalb sabiex is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tinsab fejn qiegħda llum.

Fost il-ġrajjiet li ser nagħtu ħarsa lejhom f'din il-pubblikazzjoni nsibu l-attivitajiet speċjali li ġew organizzati mis-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V ġewwa r-raħal tal-Imqabba sabiex jiġi mfakkar il-75 sena anniversarju tad-dħul tal-Konvoj ta' Santa Marija fil-gżejjer Maltin. Insibu wkoll artikli ta' storja miktuba min-nies li kienu fil-qalba tal-ġrajja li jfakkru l-anniversarji tal-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija u l-anniversarju tal-20 sena mill-kisba tal-unur waħdieni *Les Etoiles d' Or du Jumelage* mill-Banda Re Ġorġ V. Diversi huma wkoll l-artikli ta' storja relata mar-raħal tal-Imqabba, kif ukoll ħsibna li niktbu artikli dwar partitarji prominenti li ħallewna matul din is-sena u minn hawn nixtieq nibgħat messaġġ ta' kuraġġ lill-familjari tagħhom. Dawn fost ħafna artikli interessanti huma togħma żgħira ta' dak li ħejjejna għalikom din is-sena sabiex għal darb'oħra nwasslulkom pubblikazzjoni ta' livell u li tolqot l-interessi ta' kulħadd.

Minn qalbi nirringrazzja lil sħabi tal-Bord Editorjali u lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-għajnuna u kollaborazzjoni li sibt mingħandhom għax għalkemm il-preparamenti sabiex tnediet din il-pubblikazzjoni saru meta kont ferm 'il bogħod minn raħal twelidi, kienet din l-istess pubblikazzjoni li żammitni attiv bil-ħidma tiegħi fi ħdan is-Soċjetà minn distanza daqstant ferm 'il bogħod.

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-artikolisti li flimkien għenu sabiex għal darb'oħra jkollna pubblikazzjoni ta' livell għoli. Nirringrazzja lil dawk kollha li għoġobhom jirriklamaw is-servizzi tagħhom magħna kif ukoll lill-Best Print tal-għajnuna li joffru għad-disinn ta' dan il-programm. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex dejjem nilħqu l-livell mixtieq.

Nawgura l-festa tajba lil kulħadd.

**Bord Editorjali**
MIFSUD Jonathan
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
MIFSUD Jonathan

**Riklami**
BRIFFA Carmel
FARRUGIA Antoine
GHIGO Patrick
TONNA Roderick

**Fotografija**
Arkivji tas-Soċjetà
CAMILLERI Mario
FALZON Alex
FARRUGIA Kan. Dr. Dun Jonathan
GHIGO Matthew
MIFSUD Gabriella
MIFSUD Jonathan
SCHEMBRI BALDACCHINO Chris
TONNA Johann
ZAMMIT Mario
Kummissjoni Web
Uffiċċju tal-President
Department of Information




**Ritratt tal-Faċċata**
Il-vara artistika u devota
ta' Santa Marija
waqt il-Purċissjoni.

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni
mhux bilfors jirrifletti l-fehma
tal-Bord Editorjali jew
tas-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V.*

*L-Artikolisti kollha
huma responsabbli għal kitbiethom.*

© Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V – Mqabba,
Malta Est. 1910

L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista'
tiġi kkupjata mingħajr il-permess
bil-miktub tal-Bord Editorjali.

**Issettjat u Stampat**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprintqrendi@gmail.com**

# Werrej



L-Editorjal ... 2
Kumitat Eżekuttiv 2018 ... 5
Il-Messaġġ tal-President ... 7
Messaġġ tas-Sindku ... 15
Messaġġ mill-Kappillan ... 17
Jikteb is-Segretarju ... 19
Appell mill-Kaxxier ... 23
Messaġġ mid-Direttur tal-Każin ... 25
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ... 31
Kelmtejn mis-Sotto Kumitat tan-Nisa 2018 ... 33
Messaġġ mis-Surmast ... 35
Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V ... 38
Messaġġ mill-Kummissjoni Banda ... 39
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ ... 48
Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar ... 59
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar ... 68
Mill-Imħażen tan-Nar tal-Art ... 75
Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ... 78
Ħidmet il-Kummissjoni WEB ... 81
Messaġġ mill-Klabb Tfal tat-Titular ... 85
Messaġġ mill-Go Reds Adoloxxenti Titulari ... 89
Il-kultura sportiva fis-Soċjetà ... 92
Anniversarju – 25 sena ta' suċċessi … mit-twaqqif sal-lum ... 97
25 sena ilu …Preludju għall-Avveniment ta' 20 sena ilu ... 109
90 sena ilu – Pedestall tal-fidda u ta' bradella ġdida għall-istatwa titulari tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni ... 115
Il-ventartal tar-Rużarju jagħlaq 95 sena ... 127
Attivist tas-Sena 2016/17 ... 136
Is-Semana Santa Spanjola ... 137
L-apparat pontifikali ta' Santa Marija jagħlaq 90 sena ... 142
Awguri – Dun Anton D'Amato ... 143
75 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija ... 145
Tislima ... 148
Tislima – Carmel Zahra 26.10.1948 - 11.04.2018 ... 152
Tislima – B'tifkira għażiża ta' Mro Leonard Spiteri li ħalla din id-dinja s-sena l-oħra ... 155
Tislima – Pawlu Sciberras ... 157
Awguri ... 161
Il-Kwadru taz-ziju Nin ... 163
Lil Santa Marija, it-Timbru ta' Ħajti ... 165
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda għas-sena 2018 ... 167
Il-knisja ta' Santa Marija f'Ħal Balzan ... 169
Sena Attivitajiet 2017/2018 ... 170
L-umiltà ta' Marija ... 173
Iż-Żjara Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares fl-Imqabba fl-1615 – L-Ewwel Parti: Deskrizzjoni tal-Knisja Parrokkjali ... 179
Il-Lingwa Maltija – Il-Mejda tal-Qubbajt ... 186
Fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba ... 188
Għall-Isem ta' Marija ... 189
Rendikont tal-Festa ta' Santa Marija 2017 ... 191
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ... 192

TAR-ROBBA Recycling Centre LIMITED

**Tar-Robba** l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332 Fax: 2164 2834
John Ghigo : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com








*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



TAR-ROBBA ta' pataw LIMITED

- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks









# Kumitat Eżekuttiv 2018

**Presidenti Onorarji**
Dr. Louis Galea B.A., LL.D.
Is-Sur Joseph Farrugia

**Segretarju Ġenerali**
Antoine Farrugia

**Viċi President u Delegat tal-Banda**
Chris Spiteri

**Direttur tal-Każin u Delegat għan-nar**
Joseph Briffa

**Uffiċjali għall-Media u Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Koordinaturi Proġetti NGO's**
Marica Mifsud

**President**
Carlo Sciberras

**Assistent Segretarju Ġenerali**
Marica Mifsud

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Jonathan Mifsud

**Delegat tal-Armar**
Patrick Ghigo

**Delegat għaż-Żgħażagħ, Nisa, Adoloxxenti u Tfal**
Marica Mifsud
Osvaldo Vella

**Koordinaturi Attivitajiet**
Mario Zammit
Jonathan Mifsud
Patrick Ghigo

**Membru għal Għomru**
Roderick Tonna

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Surmast Direttur**
Mro David Agius
A. Mus. LCM, A. Mus. VCM (Hons) ALCM

**Konsulent Legali**
Dr Mark Portelli BA.LLD

**Reviżuri**
Daniel B. Camilleri
Omar Caruana

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Kummissjoni Banda**
Christopher Spiteri, Antoine Farrugia, Davinia-Anne Cardona, Jean Carl Grech,
Jessica Farrugia, Rebecca Farrugia, Philip Saliba




# C&G HARDWARE STORE

**45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA**

**TEL N$^{OS}$: 21642167 • 99885491**

- CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
- NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
- WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
- ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
- ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
- GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
- GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
- LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
- ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
- METAL FANS + GAS HEATERS
- 10% DISCOUNT ON PAINT
- CAR ACCESSORIES
- LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
- IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS







SIGMA COATINGS

Sika

CISA

HAMMERITE
DIRECT TO RUST
METAL PAINT

WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS

narex

Cuprinol

SILCA

*Il-Messaġġ tal-President*

# Is-Saħħa fl-Għaqda…



**Carlo Sciberras, President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jfakkar diversi anniversarji li s-Soċjetà qed tiċċelebra din is-sena filwaqt li jwassal messaġġ pożittiv li jinkoraġġixxi u jippremja l-għaqda, id-dedikazzjoni u l-bżulija tal-fergħat fi ħdan is-Soċjetà tagħna.**

Għeżież,

Il-ferħ u l-entużjażmu li jġib miegħu x-xahar ta' Awwissu qiegħed jinħass f'kull rokna tar-raħal tagħna; ferħ u entużjażmu ġenwin li tieħu gost tarah jiżreġ fost kulħadd, mill-kbir saż-żgħir; ferħ u entużjażmu li jimla lil kulħadd bi spirtu pożittiv u b'ħarsa 'l quddiem biex tiġi ċċelebrata b'mod dinjituż il-Festa Titulari ta' Santa Marija fir-raħal tagħna.



Il-Festi kbar li ġew iċċelebrati matul dawn is-snin kollha kif ukoll il-kisbiet kbar li rrenjaw fis-Soċjetà tagħna huma xhieda ħajja ta' għaqda li xprunat suċċessi kollettivi, suċċessi ta' kulħadd, suċċessi li kulħadd ikun kburi bihom. Ta' dan kollu, nistqarr li nħossni kburi li nagħmel parti minn din is-Soċjetà u nħossni kburi bit-talenti li għandhom il-membri tagħna; talenti u snajjiet imprezzabbli li jpaxxu l-għajn f'setturi varji b'mod partikulari fl-opri tal-armar, fil-qasam piroTekniku u fil-qasam mużikali.

Is-sena 2017 kienet sena memorabbli fejn wara l-festa kbira li ċċelebrajna s-sena l-oħra, il-Kumitat Eżekuttiv f'kordinazzjoni ma' diversi fergħat medd għonqu għax-xogħol biex ikompli bil-ħidma tiegħu sabiex jiġi ċċelebrat b'mod dinjituż il-75 sena anniversarju mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija f'Malta. Il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu kkaratterizzati minn Pellegrinaġġ devot bil-vara Titulari ta' Santa Marija fl-1 ta' Novembru, madwar it-toroq tal-Imqabba bir-rotta tal-pellegrinaġġ tkun waħda speċjali fost preżenza sabiħa ta' fratelli u devoti. Barra minn hekk, tellajna wkoll b'suċċess avvenimenti oħra kbar, fosthom il-preżenza tal-Banda La Forma mill-Italja waqt programm mużikali fil-pjazza, kif ukoll programm mużikali u taħdidiet Marjani fil-knisja parrokkjali u attività tal-gwerra fil-pjazza, kif ukoll seminar Marjan fil-kappella ta' San Bażilju. Permezz ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijet komplejna nxerrdu d-devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima, bil-Parroċċa tal-Imqabba tkun fost l-aktar parroċċi madwar Malta li tat sinjifikat daqstant devot lil din il-ġrajja. Minn hawn nirringrazzja lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li taw l-opportunità lill-Imqabbin jingħaqdu permezz ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet devoti.

Il-ħajja però, fiha nnifisha tirriservalna ħafna sfidi kif ukoll mumenti ta' dieqa kbira. Is-Soċjetà tagħna mhix eċċezzjoni, u lkoll flimkien bkejna bin-niket mal-aħbar li kien ħalliena l-President Onorarju u eks President tas-Soċjetà Carmel Zahra f'April ta' din is-sena. Lil Nenu nħobb niddeskrivih bħala raġel ġust li ħadem mill-qalb u bla heda biex is-Soċjetà tagħna poġġieha fuq l-ogħla pedestall, però fuq kollox kien raġel li jħobb lil Santa Marija u dik l-imħabba speċjali li kellu lejn Santa Marija kienet determinanti biex ikun *missier* meqjus għalina l-membri ta' din is-Soċjetà għal 27sena sħaħ bħala l-President tagħna. Bkejna wkoll it-telfa għal għarrieda ta' Pawlu Sciberras, wieħed mill-membri veterani fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija li għadda għall-ħajja ta' dejjem f'Jannar ta' din is-sena. Pawlu kien maħbub minn kulħadd u ta servizz kbir u mill-qalb lis-Soċjetà u l-Festa ta' Santa Marija permezz ta' ħidmietu fil-qasam piroTekniku għal snin twal. Minn hawn nieħu l-okkażjoni biex insellem il-memorja tas-soċji u l-partitarji kollha li flimkien ma' Pawlu u Nenu għaddew għall-ħajja ta' dejjem matul din is-



*Carlo Sciberras, President tas-Soċjetà flimkien ma' Carmel Briffa u Joseph Briffa waqt l-aħħar tislima tal-President Onorarju u eks President tas-Soċjetà Carmel Zahra*


ELBROS
built for life
BUILDING MALTA'S
LANDMARK PROJECTS
www.elbros.com.mt

sena, filwaqt li nibgħat messaġġ ta' faraġ u kuraġġ lill-familjari kollha tagħhom.

L-aspirazzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv din is-sena kienu ffukati b'mod prinċipali fuq proġetti ta' investiment f'rinovazzjoni tas-sede tas-Soċjetà bl-akbar proġett ikun ir-restawr u r-rinovazzjoni tas-'Sala Marija Assunta', fejn din is-sena qiegħda tingħata dehra aktar maestuża permezz ta' xogħol estensiv fiż-żebgħa, induratura, irħamar, linef u l-madum tal-art. Ix-xogħol relatat ma' din ir-rinovazzjoni huwa fdat f'idejn l-artist John Pace b'konsultazzjoni kontinwa mal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Dan il-proġett tas-sala qiegħed jiġi materjalizzat bil-għajnuna tal-fond mill-Kunsill Malti għall-Arti b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Każini tal-Banda. Barra minn hekk l-investiment ma waqafx hawn, għaliex aktar kmieni din is-sena, saret rinovazzjoni fiż-żona tal-bottegin u tal-*billiards* u proprju bħalissa qiegħed isir xogħol ta' restawr tal-bibien prinċipali u aperturi tal-każin kif ukoll qiegħed isir xogħol artistiku tal-ogħla kwalità fl-entratura prinċipali; xogħol ta' induratura, irħamar kif ukoll pitturi ġodda fis-soqfa li jekk Alla jrid ser inkunu qegħdin ninawguraw fil-ġimgħa tal-Festa. Minn hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li qed tieħu ħsieb tikkordina l-ħidma fuq il-pitturi flimkien mal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Huwa żgur li l-ewwel Ġublew tal-Fidda tas-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna ser jiġi kkommemorat bl-aqwa mod possibbli b'investiment dejjiemi! Il-proġetti, jekk Alla jrid, żgur li mhux se jieqfu hawn, u l-pjan tal-Kumitat Eżekuttiv huwa wieħed ċar u konkret li jkompli jġib is-sede tas-Soċjetà bħala ġawhra artistika u arkitettonika ewlenija fir-raħal tagħna. L-għan tagħna huwa li nħallu l-każin u l-propjetajiet tiegħu isbaħ u aktar attrezzati milli sibniehom aħna u għaldaqstant l-investiment mhux ser ikun fil-każin biss, u fil-fatt fix-xhur li ġejjin ser inkomplu ninvestu fl-imħażen propjetà tas-Soċjetà biex b'dan kollu nkomplu noħolqu aktar opportunitajiet għall-iżvilupp tat-talenti u potenzjal tal-membri b'mod partikulari fis-settur bandistiku u f'dak tal-armar. Ninsabu wkoll f'fażi avvanzata biex nikkonkludu fuq il-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-każin, li jekk Alla jrid wara l-festa jkun jista' jinbeda x-xogħol. Il-planċier artistiku jinsab ukoll fuq quddiem nett fil-lista ta' prijoritajiet tagħna u għaldaqstant matul is-sena tkompla x-xogħol preliminari ta' pjanar flimkien mal-artist bravu Manuel Grech. Madanakollu, l-ebda proġett u prijorità ma tkun tista' tiġi materjalizzata mingħajr l-għajnuna tagħkom is-soċji, partitarji u benefatturi. Għalhekk, ninsab konvint u fiduċjuż li kif dejjem għamiltu ser tkomplu twiegħbu għas-sejħa tagħna b'imħabba u ġenerożità liema bħalha. Is-Soċjetà hi tagħkom is-Soċji, u l-ħidma li qed issir mill-Kumitat Eżekuttiv hi ħidma f'isem kull wieħed u waħda minnkom, għalhekk filwaqt li nirringrazzjakom tas-sapport kontinwu minn hawn inkompli nħeġġigkom tkunu ta' spalla għalina f'din il-ħidma sfiqa.

Is-sena 2018 żgur li se tibqa' mfakkra għal diversi anniversarji ta' importanza – li tiċċelebra anniversarji huwa sinjal ħaj ta' kontinwità u attività proprju għall-fatt li nkunu qed niċċelebraw u nerġgħu ngħixu mumenti ħajjin ta' storja li jkunu sawwru l-identità tagħna b'ħajja u kisbiet matul il-kors tas-snin. Din is-sena ser inkunu qegħdin nikkommemoraw żewġ anniversarji importanti; il-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija u l-20 anniversarju mir-rebħ tal-unur uniku għal pajjiżna 'Les Etoiles d'Or du Jumelage'. Is-Sezzjoni Żgħażagħ hi bla dubju fergħa importanti ħafna fis-Soċjetà tagħna; l-element żagħżugħ jinsab preżenti f'kull aspett u f'kull fergħa tas-Soċjetà u allura r-rappreżentanza li din is-Sezzjoni Żgħażagħ għandha hi waħda sinjifkanti ferm. Iż-żgħażagħ tagħna huma l-futur tas-Soċjetà, Soċjetà li temmen bi sħiħ fiż-żgħażagħ u taħdem biex il-ħidma żagħżugħa tkompli tiffjorixxi fil-fergħat u s-sezzjonijiet kollha tagħha. Għalhekk, huwa d-dover ta' kull wieħed u waħda minna li nkomplu nrawwmu liż-żgħażagħ u ngħinuhom bl-aħjar mod possibbli biex jutilizzaw u jiżviluppaw il-potenzjali kollha tagħhom fl-aħjar ambjent possibbli. Ta' min isemmi li proprju f'Marzu ta' din is-sena fl-għeluq il-25 sena tagħha u fl-okkażjoni sinjifikanti li l-Belt Valletta hi l-Kapitali Ewropea tal-Kultura, is-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv taw dimensjoni ġdida lill-wirja unika għal pajjiżna 'La Semana Santa' b'kunċert inawgurali mill-aqwa u li se jibqa' mniżżel fl-istorja tagħna fil-Gran Salon fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta.

Les Etoiles d' Or du Jumelage – L-istilla dehebija tal-Ġemellaġġ, unur prestiġġjuż li bih il-Kummisjoni Ewropea inkurunat il-ġemellaġġ tas-Soċjetà tagħna mal-Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano u li ġie ppreżentat f'Ferrara l-Italja f'Novembru 1998, din is-sena qed ikun qiegħed jagħlaq l-20 sena tiegħu, unur li poġġa isem is-Soċjetà fil-quċċata tal-isfera kulturali u bandistika Ewropea u unur li fetaħ il-bibien beraħ biex is-Soċjetà tagħna tkompli tiffjorixxi b'mentalità interkulturali innovattiva li segwiet b'ħafna aktar avvenimenti bandistiċi internazzjonali kif ukoll kisbiet oħra mill-fergħat tagħna bħall-Iskambju Kulturali tas-Sezzjoni Żgħażagħ u aktar tard fuq livell interkontinentali bir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'Ottubru tas-sena l-oħra, kellna l-pjaċir nilqgħu fis-sede tas-Soċjetà esponenti maġġuri mill-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano fis-sede tas-Soċjetà fejn flimkien ġeddidna dawn il-memorji. L-istorja ta' suċċess bejn iż-żewġ Banded ser tkompli twarrad matul iż-żmien li ġej.

Is-sena 2018, taħbat ukoll l-420 sena minn mindu ir-raħal tal-Imqabba sar Parroċċa, iddedikata u taħt il-ħarsien ta' Santa Marija. Minn dan l-ispunt u fil-kuntest ta' dan l-anniversarju, wieħed għandu jpoġġi verament fuq quddiem nett il-Valuri Nsara li huma tant għal-

Jerry's Silencer Repairs



CO$_2$ Welding



**Jerry's Garage**

Siġġiewi Road, Mqabba

Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237



The Fruit Shop

*Fresh fruit every day*

**Prop. George Attard**

*9th April 1942 Street, Mqabba*

*Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151*




qalbna u li aħna lkoll magħġunin bihom u għalhekk hemm bżonn li nifhmu aktar li biex Soċjetà bħal tagħna tkompli miexja 'l quddiem, wieħed irid jifhem verament min aħna, jifhem verament fiex nemmnu u fuq kollox jifhem x' valuri nħaddnu.

Mingħajr dubju, irridu nħallu li l-benniena tal-valuri tagħna tkun d-devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima mtella' s-sema bir-Ruħ u bil-Ġisem, il-protettriċi tar-raħal u l-parroċċa tagħna għal dawn l-aħħar 420 sena li tagħti sens u sinjifikat qawwi lill-ħidma ta' kull wieħed u waħda minna. Minn hawn nieħu l-okkażjoni biex inħeġġeġ lil kulħadd jingħaqad magħna fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-funzjonijiet tal-Knisja kif ukoll nagħmel appell speċjali għall-preżenza devota u numeruża fil-purċissjoni tat-Translazzjoni f'lejlet il-Festa, il-quddiesa tal-Paniġierku u fuq kollox l-Purċissjoni bil-vara artistika u devota ta' Santa Marija f'nhar il-Festa, filwaqt li nħeġġeġ u nappella għal aktar preżenza waqt d-dħul tal-purċissjoni bil-vara Titulari ta' Santa Marija biex b'mod simboliku u dinjituż nagħtu tislima xierqa u nirringrazzjaw mill-qalb lil din l-Omm li qatt ma waqfet milli tfawwar bil-grazzji lill-dan ir-raħal għal dawn l-aħħar 420 sena.

Il-Festa li jekk Alla jrid ser inkunu qegħdin niċċelebraw ftit tal-ġranet oħra ser tkun waħda kbira minn kull lat, bħalissa filwaqt li jien qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn, il-ħidma kbira mill-fergħat kollha tas-Soċjetà qiegħda f'fażi kruċjali u f'fażi avvanzata li dejjem qiegħda twassalna aktar viċin għall-ġurnata tant għażiża tal-15 ta' Awwissu – l-Għid tal-Assunta. Minn hawn, ma nistax ma naħsibx f'kemm ħidma għaddejja bħalissa mill-fergħat tagħna, fosthom l-Għaqda tal-Armar li b'tant sagrifiċċji jinsabu bħalissa fit-toroq tagħna jarmaw il-libsa tant sabiħa li mdorrijin naraw fil-Festa Titulari, l-Għaqda tan-Nar li li bħalissa jkunu qegħdin jippreparaw fl-għelieqi u fl-imħażen tagħna u li se jkunu qed joffru spettakli kbar fil-logħob tan-nar tal-ajru u tal-art matul il-ġimgħa bil-qofol tal-innovazzjoni jintlaħaq f'lejlet u nhar il-Festa, is-Sezzjoni Żgħażagħ li ser tkun għal darba oħra minn ta' quddiem bi programm attraenti u ewlieni f'raħalna ta' briju organizzat fil-Marċ sinonimu tat-Tielet Jum tat-Tridu proprju fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda mit-twaqqif tagħhom, il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mas-Surmast, il-bandisti u l-Kummisjoni Banda li qegħdin ifasslu programm varjat u ta' kwalità mużikali per eċċellenza fl-10 ta' Awwissu u l-Kummissjoni WEB li ilha taħdem b'żelu biex tkun il-porta vuċi tas-Soċjetà matul is-sena kollha u li se tkun impenjata ssegwi mill-viċin l-andament tal-festa u tagħti aġġornamenti regolari fuq il-mezzi tal-midja soċjali minuta b'minuta.

Il-ħidma li ma tieqaf qatt, tinħass ukoll fost iċ-ċkejknin u l-adoloxxenti tagħna fi ħdan il-Klabb tat-Tfal tat-Titular, is-Sezzjoni tan-Nisa u t-timijiet tad-*Darts* u tal-*Pool*, li minn hawn infaħħar tal-kontribut siewi ta' dawn l-erba' sezzjonijiet biex il-każin jinżamm tassew ħaj u vibranti matul is-sena permezz ta' attività kontinwa.

Ta' min ukoll wieħed ifaħħar lil dawk kollha li bħalissa jkunu fil-knisja, jgħinu fl-armar u fit-tindif; xogħol importanti ħafna fiċ-ċentru tal-qalb u r-ruħ taċ-ċelebrazzjonijiet interni – il-Knisja ta' Kristu, il-Knisja tagħna lkoll! Minn hawn nixtieq ukoll li niftakru lkoll fil-morda u l-anzjani tagħna kif ukoll f'dawk kollha li jkunu għaddejjin minn mumenti diffiċli f'ħajjithom. Niftakru wkoll fi sħabna l-emigranti li għalkemm mill-bogħod, il-qalb tagħhom tkun hawn tħabbat ma' tagħna.

Il-messaġġ aħħari tiegħi fl-okkażjoni ta' din il-festa huwa wieħed ċar, l-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-fergħat kollha tas-Soċjetà, flimkien magħkom is-soċji, partitarji u benefatturi u nawguralkom il-festa t-tajba, filwaqt li nappella biex tkunu l-porta vuċi tas-Soċjetà mal-erbat irjieħ u tgħinuna nkomplu nwasslu l-messaġġ tas-Soċjetà lill-Imqabbin kollha, lill-partitarji li m'għadhomx joqogħdu l-Imqabba u lil dawk li ġew joqogħdu ġo raħalna għall-ewwel darba.

Nappella wkoll biex tinħareġ l-id tal-ħbiberijja anke f'mumenti ta' diverġenza fil-ħsieb bejnietna u bejn il-membri, u niftakru li s-suċċess ma jitkejjilx biss b'kemm aħna kapaċi nagħmlu proġetti, innovazzjonijiet u festi kbar, iżda jitkejjel ukoll permezz ta' fatturi oħra importanti, li huma t-trankwillità u l-armonija ta' kif b'mod fratern naslu flimkien biex naħsdu l-frott ta' tant ħidma u sagrifiċċju li finalment, permezz ta' dan l-istess suċċess inkunu ersaqna aktar qrib xulxin u aktar qrib lejn Santa Marija. Hemmhekk verament inkunu għamilna suċċess kbir u komplut! Hemmehekk verament inkunu qegħdin inwettqu l-missjoni tagħna li ġġib magħha **s-Saħħa fl-Għaqda!**

# kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ
Tel: 27791325 email: kristiannestationery@gmail.com





For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..
Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering

Minn dawn l-aħħar versi, nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv tas-sapport u l-fiduċja u tal-ħidma kbira tagħhom; żgur li mingħajr il-kontribut ta' sħabi membri fil-Kumitat Eżekuttiv is-Soċjetà ma tkunx tista' tiffunzjona kif imiss.

Nirringrazzja lill-fergħat kollha tas-Soċjetà ta' din il-ħidma litteralment imprezzabbli, kif ukoll lil dawk il-persuni u entitajiet kollha li matul is-sena naħdmu spalla ma' spalla magħhom għall-ġid komuni, bħall-Kappillan tal-Parroċċa Fr John P. Curmi, il-kleru u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Fr Joseph Zahra li propju din is-sena qiegħed jagħlaq il-15-il sena tiegħu bħala Direttur Spiritwali tagħna, il-Fratellanzi, il-*Licensee* tal-Post tan-Nar Joseph Camilleri, is-Surmast Mro David Agius, is-Sindku u l-Kunsill Lokali tal-Imqabba, il-Pulizija tad-distrett b'mod speċjali lill-Assistent Kummissarju Sandro Gatt, l-Ispettur Melvyn Camilleri, l-Ispettur Charlotte Curmi u s-Surġent Malcolm Pace, kif ukoll lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju tal-koperazzjoni kollha tagħhom kemm matul is-sena kif ukoll fil-Festa.

Is-Soċjetà tirringrazzja wkoll lill-Konsulent Legali tas-Soċjetà, l-abbli Avukat Dr Mark Portelli u lill-Perit tas-Soċjetà l-Onor Toni Bezzina, kif ukoll il-Perit Manuel Zammit tas-servizz kbir tagħhom matul is-sena. Minn hawn nirringrazzja b'mod partikulari lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor Dr Owen Bonnici tal-fiduċja kbira li qed juri fis-Soċjetajiet Mużikali Maltin b'inizjattivi li jinkoraġġixxu l-ħidma u s-sostenn tagħna s-Soċjetajiet Mużikali.

Nirringrazzja wkoll id-Deputati kollha tal-ħames distrett tal-għajnuna u s-sostenn f'kull bżonn. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lill-Għaqda Każini tal-Banda li verament qed tkun ta' tarka u forċina għall-Baned tagħna. Ringrazzjament kbir imur ukoll lejn dawk in-negozji li għoġobhom jirriklamaw is-servizzi u l-prodotti tagħhom f'din il-pubblikazzjoni kif ukoll lill-membri tal-Bord Editorjali ta' din il-pubblikazzjoni daqstant professjonali, filwaqt li nirringrazzja mill-qalb lid-diversi negozji li l-Kumitat Eżekuttiv isib sostenn kbir minnhom matul is-sena u issa f'dawn il-ġranet; minn hawn fost ħafna kontributuri siewja ma nistax ma nsemmix il-Kumpaniji Elbros Constructions, Zahra Constructions u Polidano Group li dejjem isibuna wara biebhom u dejjem laqgħuna b'qalb kbira u lis-Sinjuri Ludvig Micallef u Jerry Ghigo li b'mod volontarju jagħtu tant kontribut lis-Soċjetà permezz tal-abilitajiet artiġjanali tagħhom fix-xogħol tal-metall.

Minn qalbi nawgura **Festa Kbira li tixraq lill-Patruna tal-Imqabbin Santa Marija filwaqt li nawgura** l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha u lid-devoti kollha madwar il-Gżejjer Maltin li bħalna l-Imqabbin qegħdin jiċċelebraw din il-Festa ad unur din l-Omm Safja, din l-Omm l-iżjed nadifa, din l-Omm tal-Parir it-Tajjeb taħt it-Titlu Singulari ta' Ommna Marija Assunta, Patruna u Reġina tal-Knisja Kattolika.

Viva Santa Marija, Patruna u Protettriċi tal-Imqabba!






St. Peter's Ironmongery

St. Peter's Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721

E-mail: danielfarrugia08@gmail.com

*Prop. Daniel Farrugia*

- Electrical & Light Fittings
- Plumbing Fittings
- Drain Pipes & Fittings
- Cement
- Tile Adhesive & Grouting
- Membrane
- Plastering materials
- Geysers
- Plastic & Fibre Tanks
- Modern LED Bulbs
- Range of Power, Hand & Air Tools
- Stainless Steel Sinks & Mixers
- Various types of Ladders
- Key Cutting including Security Keys
- Safety Wear & Safety Shoes
- Outdoor & Indoor Paint 10%
- Summer items (BBQs, charcoal, umbrellas, fans, etc.)
- Garden Tools & Furniture
- Heaters
- Household items (toasters, kettles, etc.)
- Marine Stainless Steel items

FREE DELIVERY

*Opening Hours:*

Monday to Friday:
7.00 a.m. - 7.00 p.m.

Saturday:
7.00 a.m. - 1.00 p.m.



*Messaġġ tas-Sindku*

# Is-soċjetajiet mużikali huma mżewqa bit-talenti

**Dr Charlene Muscat, Sindku tal-Imqabba, tfaħħar il-voluntiera kollha filwaqt li tfakkar il-memorja ta' Carmel Zahra u tagħti ħarsa lejn l-anniversarju tal-ħamsa u għoxrin sena Sezzjoni Żgħażaħ Santa Marija**



Għeżież soċji u partitarji,

Għaddiet sena oħra u erġajna qegħdin nippreparaw sabiex niċċelebraw festa mill-isbaħ ad unur l-Assunta; Omnna Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Matul il-jiem tal-festa, ingawdu l-frott tal-ħidma ta' bosta volontieri; persuni li jagħtu l-ħin tagħhom u li jagħmlu diversi sagrifiċċji biex il-festa li niċċelebraw ma jkun jonqosha xejn. Is-Soċjetajiet Mużikali jibqgħu mexjin 'il quddiem għax hemm numru sabiħ ta' persuni li jinvestu l-ħin tagħhom fl-oqsma differenti, bħall-briju, in-nar u l-armar u li għalihom is-sodisfazzjon huwa aktar importanti mill-flus. Minn qalbi nixtieq ngħid prosit lill-voluntiera kollha li joffru ħinhom b'risq il-festi tagħna, li huma parti integrali mill-kultura u mit-tradizzjonijiet Maltin, u nħeġġeġ oħrajn biex jingħaqdu mas-Soċjetajiet Mużikali tagħna, għax b'ħidmiethom huma jkomplu jgħollu dejjem aktar isem l-Imqabba.

Diversi persuni li llum huma involuti fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V aktarx kellhom ix-xorti li jaħdmu ma' wieħed minn dawk li wasslu lill-istess Soċjetà fejn qegħda llum, u li ispirahom biex jaħdmu mill-qalb fi ħdan l-istess Soċjetà. Qed nirreferi għall-mibki iżda qatt minsi Carmel Zahra, li għal bosta snin okkupa l-kariga ta' President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda re Ġorġ V. Carmel, magħruf aħjar bħala Nenu, mar jingħaqad m'Omnna Marija illi tant ħabb matul ħajtu. L-aħbar tal-mewt tiegħu kienet waħda kerha ħafna għalija personali u għall-Imqabbin, u dan għaliex Nenu kien bniedem ġenwin, ħabrieki u ta' rispett kbir. Ma ninsa qatt kif kull sena, fil-perjodu li matulu kien jokkupa l-kariga ta' President u fejn jiena kont diġà nokkupa l-kariga ta' Sindku, kien jakkumpanjana personalment sal-kamra tan-nar tas-Soċjetà fil-jiem ta' qabel il-festa, u hemmhekk, flimkien mal-Kappillan u ma' sħabna li jaħdmu n-nar, konna nqattgħu ftit ħin naraw ix-xogħol ippreparat għall-festa u nirrakkontaw diversi esperjenzi, fejn ma kinitx tonqos xi ċajta. Niftakar ukoll kemm kien raġel tal-kelma, u kif dejjem sibtu meta kien meħtieġ l-intervent tiegħu, anke meta kien muġugħ jew kellu ħsibijiet akbar. Il-legat li ħalla huwa kbir, u nawgura li t-tmexxija preżenti u dik futura tal-istess Soċjetà timxi dejjem fuq il-passi ta' Nenu, li jibqa' mfakkar għall-kwalitajiet sbieħ li kellu u għall-kisbiet kbar li għamlet is-Soċjetà taħt it-tmexxija tiegħu.

Waħda minn dawn il-kisbiet tikkonsisti fit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan din is-Soċjetà lura fl-1993, li din is-sena qegħda tfakkar l-anniversarju importanti tal-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Iż-żgħażagħ huma sinonimi mal-enerġija u l-ideat innovattivi, u għalhekk l-investiment fihom huwa importanti għal kull Soċjetà li trid timxi 'l quddiem u tkompli tikber. Fil-jiem tal-festa ċertament ser ikollna l-okkażjoni nsegwu l-kisbiet kbar li wettqet is-Sezzjoni Żgħażagħ matul is-snin. Waħda mill-kisbiet li forsi ftit jitkellmu dwarha hija l-wirja *La Semana Santa*, li kompliet tikber minn sena għall-oħra u li din is-sena kienet inawgurata permezz ta' kunċert fil-Belt Valletta, propju fis-sena fejn il-kapitali Maltija hija wkoll il-Kapitali Ewropea tal-Kultura. B'hekk mhux biss kienet rikonoxxuta l-ħidma taż-żgħażagħ Imqabbin b'risq il-kultura, iżda l-Imqabba kompliet issaħħaħ il-post tagħha fuq il-mappa lokali tal-avvenimenti organizzati b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa. Id-dramm li ttella' mill-istess żgħażagħ, li serva bħala riflessjoni kontemporanja fuq il-ġrajja tal-passjoni ta' Kristu, huwa wkoll xhieda tal-innovazzjoni żagħżugħa u attira l-attenzjoni ta' bosta, li lkoll kellhom kliem ta' tifħir għall-messaġġ b'saħħtu li ħareġ minn din il-produzzjoni.

Kull soċjetà mużikali taħdem biex torganizza festa mill-isbaħ, u s-suċċess tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'dan ir-rigward jixhduh l-ammont sabiħ ta' persuni li ta' kull sena jżuru l-Imqabba f'lejliet u f'nhar il-festa. Personalment, però, nemmen ukoll li l-kapaċità ta' din is-Soċjetà Mużikali li tiddiversifika u tiffoka l-enerġija tagħha fuq avvenimenti oħrajn, tgħinha biex tibqa' relevanti matul is-sena kollha. Min-naħa tiegħi, filwaqt li nifirħilkom għall-kisbiet ta' matul is-sena, nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi f'ismi, f'isem il-familja tiegħi u f'isem sħabi l-kunsillieri, nawguralkom festa mill-isbaħ li tgħaqqadna bejnietna u m'Omnna Marija, li ad unur tagħha norganizzaw din il-festa.

JEFF'S
PASTIZZERIA

*Messaġġ mill-Kappillan*

# Waslet Santa Marija



**Il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Imqabba, Fr John P. Curmi, jikteb dwar Ommna Marija sabiex tgħinna nesperjenzaw u ngħixu lil Ġesù.**



Waslet il-festa ta' Santa Marija u allura l-ħarsa tagħna tmur waħedha lejn il-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema. Din hija festa li tfakkar lil kull min hu nisrani li wara din il-ħajja hemm l-eternità, il-ħajja ta' dejjem; fi kliem Ġesù: il-Ġenna jew l-Infern. Mingħand Alla ġejjin u għand Alla rridu mmorru.

Sfortunatament hawn diversi nsara li nsew li mingħand Alla ġejjin u għandu rridu mmorru. Iqisu lilhom infushom sempliċi frott tan-natura, sempliċi frott ta' tnejn li ħabbew 'l xulxin u lanqas biss jiġihom f'moħħhom li huma parti mill-pjan ta' Alla, frott l-imħabba tiegħu, maħbubin sa minn qabel ma tnisslu f'ġuf ommhom! Oħrajn jinsew li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra. Ħadu l-attitudni ta' 'imbagħad wara l-mewt naraw x'hemm'. Attitudni ta' xettiċiżmu u dubji kbar. Oħrajn jaslu biex jgħidu li ċertament ma hemm xejn 'għax ħadd ma reġa' ġie lura'. Oħrajn jażżardaw kontra l-istess kelma ta' Ġesù li Ġenna biss hemm u kulħadd hemm sejjer. Niftehmu tajjeb kieku kien hekk! Tajjeb kieku ma hemmx Infern!

Imma r-realtà tal-Qawmien mill-mewt u ta' ħajja oħra, ir-realtà tal-eternità, ir-realtà tal-Ġenna u tal-Infern insibuha ripetutament imsemmija minn Ġesù nnifsu. Ir-rakkonti ta' Lazzru ħu Marta u Marija; tat-tifla ta' Ġajru u tal-armla ta' Najn huma biss ftit mill-ħafna rakkonti. Il-Beatitudnijiet huma fost il-ħafna tagħlim u twissijiet li jagħmel Ġesù fuq il-ħajja ta' dejjem. Ma ninsewx it-twissija serja ta' Ġesù: **"X'jiswielu l-bniedem li jakkwista d-dinja kollha (timmaġina!?!) imbagħad jitlef ruħu?"**

Infakkarkom biss fil-parabbola tal-Ġudizzju universali f'San Mattew 25 fejn Ġesù b'mod sempliċi jgħidilna min se jmur il-Ġenna u min se jmur l-Infern! Il-Ġenna sejrin dawk li **"meta kont bil-ġuħ tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, għarwien u libbistuni, il-ħabs u ġejtu żżuruni, marid u ġejtu tarawni."** L-Infern sejrin dawk **"li meta kont bil-ġuħ ma tmajtunix, bil-għatx u ma sqejtunix, għarwien u ma libbistunix, marid jew il-ħabs u lanqas biss ġejtu tarawni!"** Tgħid Ġesù qiegħed jgħaddina biż-żmien?

Għeżież ejjew inħarsu lejn Santa Marija u nħalluha tfakkarna fil-ħajja ta' dejjem u nitolbuha tidħol għalina bit-talb tagħha u tgħinna nesperjenzaw u ngħixu lil Ġesù: l-unika **"Triq, Verità u Ħajja"** għall-eternità.

Nawgura lil kulħadd festa qaddisa.


Inħeġġu

aktar nies jagħtu s-sehem tagħhom

fl-armar tal-knisja


Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 12.00pm & 3.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 3.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE
ITALY
HOLLAND
KOUDIJS
SPAIN
Grup Alimentari Guissona
VANROBAEYS
Friskies
PURINA PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
whiskas
Pedigree
Hill's SCIENCE PLAN
CIMIAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU



*Jikteb is-Segretarju*

# Nirsistu u naħdmu flimkien ad unur il-festa ta' Santa Marija

**Antoine Farrugia, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, jirringrazzja lid-diversi għaqdiet, kummissjonijiet u partitarji tas-sena ħidma tagħhom filwaqt li jelenka l-attivitajiet u ġrajjiet ewlenin li seħħew matul din is-sena fi ħdan is-Soċjetà.**

Għeżież Soċji u Partitarji,

Merħba. Ninsabu ftit ġranet bogħod mill-Festa Titulari ta' Santa Marija – Patruna tal-Imqabbin. Sena għaddiet bħal leħħa ta' berqa fejn filli konna qegħdin niċċelebraw il-festa tas-sena l-oħra, u issa qrobna biex niċċelebraw festa kbira oħra ad unur l-Assunta fejn ser inkunu qed infakkru l-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kif ukoll l-20 sena mill-kisba tal-unur waħdieni *Les Etoiles d'Or du Jumelage*.



Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, il-Kumitat Eżekuttiv stinka biex ifakkar kif jixraq id-dħul mirakoluż tal-Konvoj ta' Santa Marija f'pajjiżna b'festi speċjali li seħħew realtà bejn l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru u l-ewwel jum ta' Novembru. Kemm kien għaqli l-ħsieb tal-Kumitat Eżekuttiv preċedenti li għamel il-pjanijiet u kiseb il-permessi speċjali biex anki l-vara tal-Assunta toħroġ b'pellegrinaġġ Marjan madwar it-toroq tal-Imqabba. Kulħadd jiftakar l-ammont ta' fratelli tal-fratellanza tas-Ssmu Sagrament li flimkien ma' diversi Mqabbin u Maltin inġabru madwar din Ommna tas-Sema biex iroddulha ġieħ. Kien mument speċjali wkoll xħin il-vara tal-Assunta għall-ewwel darba żaret l-inħawi tal-Mentna fejn l-istatwa ta' Santa Marija mnaqqxa fil-ġebla Mqabbija. Kull ħolqa tas-Soċjetà ħadet sehem f'dawk il-festi speċjali u uniċi għax ta' min isemmi li l-Imqabba kienet l-unika parroċċa li bis-sehem tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V saret din it-tifkira.

Is-Soċjetà tagħna hija Soċjetà ħajja u vibranti eżatt bħal dik ta' familja. Hekk kif għaddew il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, is-Soċjetà tagħna ġarrbet it-telfa tas-soċju u dilettant tan-nar Paul Sciberras "iz-Zoj"; tas-Sur Joseph Farrugia u ta' Maria Antonia Sciberras li f'ħajjithom ħabirku bi sħiħ biex jaraw il-festa titulari tikber u kienu t-tkomplija tal-pedamenti li ta' qabilna bnew u li aħna qegħdin inkomplu nibnu fuqhom illum il-ġurnata. Ftit ġranet wara, tlifna lis-Sur Carmel Zahra – pilastru kbir fi ħdan is-Soċjetà. Il-maġġoranza taż-żgħażagħ taħt l-erbgħin sena, inkluż jien, niftakru lilu bħala President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. F'Lulju tas-sena l-oħra, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ħatritu President Onorarju tax-xogħol u l-ħidma kbira li għamel biex flimkien ma' diversi kumitati li mexxa għollew il-festa fil-livell li tinsab illum. Fil-funeral ta' dan il-ġentlom, in-nies ġiet bi ħġarha ssellem lil dan ir-raġel li bil-ħidma sfiqa tiegħu ħalla Patrimonju kbir kemm lill-Imqabbin kif ukoll lis-Soċjetà – Patrimonji li jgħaddi kemm jgħaddi żmien ser jibqgħu jeżistu fosthom is-Sala Marija Assunta fis-sede tas-Soċjetà, l-estensjoni tas-sede tas-Soċjetà u l-istatwa ta' Santa Marija ta' fuq il-Mentna. Dan kollu sar bl-għajnuna li sab minn sħabu tal-kumitat u mill-benefatturi. Għalkemm mgħobbi bil-piż tal-mard, il-ferħ li ħass dakinhar tal-pellegrinaġġ speċjalment fuq il-Mentna kien indimentikabbli. Baqa' jħobb is-Soċjetà u l-Assunta. Mhux ta' b'xejn li fl-aħħar tislima ndaqqet "Ave Marija" mill-Banda li tant ħabb. Nibgħat il-kondoljanzi lill-familjari ta' dawn iż-żewġ persuni li ħadmu qatigħ għall-festa tal-Assunta kif ukoll nestendi l-kondoljanzi lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju fit-tliet telfiet li ġarrbu f'temp ta' ftit jiem.

Minkejja l-imrar li jdewwaqna dan il-wied tad-dmugħ, il-ħajja trid tkompli. Minn dan l-ispunt nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Remenda Borg Grech, li rreżenjat mill-Kumitat Eżekuttiv, tax-xogħol siewi li wettqet waqt il-perjodu tagħha fil-Kumitat Eżekuttiv. Remenda, fil-ħin limitat tagħha, għadha tgħin lis-Soċjetà. Hawnhekk naghti merħba lis-Sur Osvaldo Vella li ngħaqad magħna fil-kumitat sabiex jimla l-post vakanti. Matul din is-sena minn fondi tal-kultura u l-Għaqda Każini tal-Banda ħadna fondi biex bdejna r-restawr tas-Sala Marija Assunta li jikkonsisti f'tibjid u żebgħa addatata għal mal-pittura u tiswija

# BACK TO SCHOOL

Spend €30.00 Pay €24.00

Spend €50.00 Pay €35.00

Spend €100.00 Pay €50.00



## OUTLETS

Mosta
Mqabba
Ghaxaq
Tarxien
Qormi
Hamrun
Zebbug
Zurrieq
Zejtun
Zabbar
Siggiewi

$E=mc^2$

SIERRA

ta' dekorazzjonijiet. Sar xogħol ta' tibjid in-naħa taż-żona tal-*billiards* u tal-bottegin u sal-festa sejra tingħata dehra ġdida l-entratura tas-sede tas-Soċjetà fejn fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ, dawn iż-żgħażagħ ser ikunu qed jagħmlu proġett li ser jibqa' matul is-snin.

Fil-qasam bandistiku din is-sena qegħdin niċċelebraw l-20 sena mill-kisba tal-unur waħdieni *Les Etoiles d'Or du Jumelage*. F'Ottubru 2017 kellna żjara fis-Soċjetà tagħna mir-rappreżentanti tal-Għaqda Santa Vittoria in Matenano. Dan ifisser li l-ħbiberija ta' dan il-ġemellaġġ bejn il-banda tagħna u l-banda ta' Santa Vittoria għadu b'saħħtu minkejja li għaddew 20 sena. Fl-ikla annwali li l-Kumitat Eżekuttiv jorganizza ad unur il-bandisti tal-post, inħarġet stedina biex anki l-aljievi li jattendu b'mod regolari jingħaqdu magħna għal din l-okkażjoni. Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja La Semana Santa, il-Banda Re Ġorġ V esegwiet programm ta' mużika varjata fil-Grand Salon tal-Mużew tal-Arkeoloġija taħt il-patroċinju tal-Ministru tal-kultura Dr Owen Bonnici li flimkien mal-Għaqda Każini tal-Banda taħt it-tregġija ta' Dr Noel Camilleri qegħdin jaħdmu qatigħ fl-interess tal-Baned Maltin. F'dan il-waqt ukoll nixtieq nirringrazzja lill-membri parlamentari u kandidati li dejjem sibna l-appoġġ neċessarju kull meta avviċinajnihom. Il-banda din is-sena żiedet żewġ servizzi oħra barra mir-raħal li huma l-Qrendi fil-festa tal-Madonna tal-Lourdes u fil-festa ta' Santa Katerina VM fiż-Żurrieq. Anki fil-qasam tal-aljievi u bandisti għandna żgħażagħ promettenti li wkoll qegħdin jieħdu sehem fl-orkestra nazzjonali taż-żgħażagħ. Attività bandistika oħra li ħalliet il-frott mixtieq kienet il-*Music Appreciation* ġewwa l-Iskola Primarja tal-Imqabba. F'dan il-punt nixtieq nirringrazzja lis-surmast tal-iskola, l-assistent surmast u l-għalliema tal-appoġġ li nsibu mingħandhom. Li kien interessanti wkoll huwa l-fatt li waqt l-*Music Appreciation* saru xi mistoqsijiet u rebħ ta' kotba interessanti.

Fil-qasam pirotekniku kemm fin-nar tal-ajru kif ukoll fin-nar tal-art kompla jinħoloq xogħol innovattiv li se nkunu qegħdin nassistu għalih propju f'lejlet u f'nhar il-festa tal-Assunta. Dawn in-nies bix-xogħol tagħhom qegħdin jgħollu isem is-Soċjetà u isem l-Imqabba. Ix-xogħol u s-sagrifiċċji ta' dawn in-nies jiġi appoġġjat mill-folol kbar li jattendu fl-Imqabba fil-ġranet tal-festa. Minn din il-paġna nirringrazzja lilhom tax-xogħol kbir li jagħmlu u tas-sagrifiċċju personali 'l bogħod mill-familja u f'periklu kbir għal saħħithom.

Il-kummissjoni Nisa kompliet taħdem qatigħ permezz ta' tombli, *coffee mornings* u *high teas*. Permezz ta' dawn l-attivitajiet, kompliet tkun ta' sostenn kbir għall-finanzi tas-Soċjetà. Il-klabb Tfal tat-Titular u l-Addoloxxenti komplew bil-laqgħat u l-attivitajiet tagħhom kull ġimgħa. Dawn it-tnejn huwa l-pedament tas-Soċjetà tagħna fil-futur. Minn età żgħira qegħdin ngħallmu lilhom jħobbu l-kultura u l-arti li tħaddan il-festa Maltija.

Il-grupp tal-armar huwa grupp li mingħajr l-għajnuna tiegħu r-raħal ma jkunx armat kif xieraq għall-festa titulari. Minn hawn insellem lis-Sur Mario Camilleri li wara 25 sena ta' ħidma xtaq li jnaqqas ftit mill-impenn tiegħu fl-armar minħabba impenji oħra. Kienet ftit ta' ħasda l-aħbar però bl-għajnuna tas-Sur Camilleri u oħrajn bqajna għaddejjin fuq restawr tal-istatwi tal-pjazza kif ukoll sfumar ta' pavaljuni mis-Sur Patrick Ghigo. Saru wkoll bnadar għal ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija tal-Mentna li l-ħjata tagħhom saret mis-Sinjura Rose Briffa u pittura mis-Sur Patrick Ghigo. Nirringrazzja wkoll liż-żewġ gruppi li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw ir-raħal mmexxija mill-aħwa Falzon. Insellem ukoll lis-Sur Paul Gauci u l-grupp li jkun qed jgħin fl-armar u żżarmar tal-knisja parrokkjali ddedikata lil Ommna Marija mtellgħa s-sema.

Ħallejt għall-aħħar lis-Sezzjoni Żgħażagħ b'intenzjoni. Matul din is-sena qegħdin niċċelebraw il-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Matul is-snin ħafna minna raw lil din il-ħolqa tiġi mfassla, titwieled u tikber. Diversi żgħażagħ ingħataw l-opportunità jmexxu u jkunu parti minn din is-sezzjoni li evolviet matul dawn il-25 sena. Żgħażagħ li urew x'talenti għandhom ż-żgħażagħ titulari meta b'ħila kbira żanżanu l-gwarniċun mekkanizzat; l-imrewħa u għadd t'affarijiet oħra relatati mal-festa. Kienu żgħażagħ li bid-dinamika u l-ħolm wettqu skambju kulturali; presepju ħaj; ċenaklu ħaj; wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fuq stil Spanjol u tant attivitajiet oħra kważi waħda kull xahar. Hawn nixtieq insellem lill-eks Presidenti tas-Sezzjoni Żgħażagħ li dejjem mexxew u kabbru l-briju tal-festa b'mod speċjali l-aħħar marċ tat-Tridu. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lill-President attwali s-Sur Jean Paul Muscat li minkejja li kien għaddej minn mumenti ferm diffiċli tal-ħajja ma remiex ix-xugaman imma baqa' hemm għaż-żgħażagħ u s-Soċjetà. U hawn nappella biex żgħażagħ li forsi qatgħu xi ftit minħabba xi piż tal-ħajja, xogħol u forsi xi argument żgħir li jinqala' matul is-sena biex inħarsu 'il quddiem għal Soċjetà u festa iktar b'saħħitha mis-sena ta' qabel. Għalhekk inħeġġeġ lil kulħadd jingħaqad magħna waqt il-marċi matul it-toroq kollha. Fil-fatt il-Kumitat Eżekuttiv ħaseb biex iżomm l-istess rotot ta' marċi li ppruvajna s-sena l-oħra u li niżlu tajjeb mal-partitarji.

B'dan il-ħsieb, nagħlaq il-messaġġ tiegħi għall-pubblikazzjoni tal-festa titulari billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-paċenzja li jieħdu bija, lill-korp tal-pulizija, lill-Kunsill Lokali u lill-kappillan flimkien mal-kleru tal-parroċċa. Fl-aħħar nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-familjari tiegħi tal-paċenzja kbira li jieħdu bija u tas-sagrifiċċji li jagħmlu.

J'alla l-ferħ ta' din il-festa nwassluh lill-Imqabbin kollha b'mod speċjali lill-Imqabbin li m'għadhomx joqogħdu f'raħalna u li ma jistgħux ikunu magħna; lill-ħutna fl-isptarijiet u l-morda ġewwa djarhom. Nitolbu lil Santa Marija li kif bħal Kristu għelbet il-mewt, tgħinna negħlbu s-slaleb li tagħtina l-ħajja.

Viva Santa Marija, Patruna tagħna l-Imqabbin!


GOLDEN POINT
DISCOUNT STORE
Triq Karmenu Ciantar
L-Imqabba
Tel: 27036191
Mon. to Fri. – from 6am to 7pm
Saturday – from 6am to 2pm
Sunday – from 7am to 11am


Love of beauty is taste.
The creation of beauty is art.
Mob: 9982 0269
like us on facebook
ArtiGenjali
...ta' Skutu



*Appell mill-Kaxxier*

# Id-donazzjonijiet u l-ħidma volontarja huma l-bażi ta' kull festa kbira

**Il-kaxxier, is-Sur Carmel Briffa, jappella għas-sehem ta' kulħadd**



Nixtieq nibda dawn l-erba' kelmiet tiegħi billi nsellem lil ħabib tiegħi Carmel Zahra, President Onorarju u eks-President u tas-Soċjetà li ħalliena nhar l-Erbgħa, 11 ta' April 2018. Jien u hu ħdimna flimkien għal dawn l-aħħar disgħa u għoxrin sena. Apparti li żidna l-propjetà tal-każin, irnexxielna wkoll ma nħallu l-ebda piż finanżjarju fuq is-Soċjetà għaliex ħallasna s-self kollu li kellna.

Ħidmet is-Soċjetà mhijiex biss fil-jiem tal-festa iżda matul is-sena kollha. Dan għaliex lil hinn mill-involviment tas-Soċjetà matul il-ġranet tal-festa, il-ħajja fil-Każin tirrikjedi ħafna xogħlijiet matul is-sena kollha speċjalment din is-sena meta għaddejjin ħafna xogħlijiet ta' manutenzjoni. Sar xogħol ta' kisi u żebgħa fil-kantina tal-binja l-ġdida, iż-żona tal-bottegin u l-kamra tal-*billiard* ingħataw dehra ġdida kif ukoll qiegħed isir xogħol ta' restawr fl-intrata tal-Każin. L-akbar biċċa xogħol saret fis-Sala Marija Assunta, l-isbaħ sala fin-naħa ta' isfel ta' Malta. Permezz ta' għajnuna mill-Ministeru tal-Kultura din is-Sala ngħatat dehra ġdida permezz ta' restawr, żebgħa u induratura ġdida. Hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min kien involut biex seta' sar dan ix-xogħol kollu. Inxtara wkoll *forklifter* ieħor li huwa ta' għajnuna kbira fl-armar u ż-żarmar ta' matul il-festa.

Bħalissa l-Kumitat Eżekuttiv għaddej b'ħidma kbira biex il-festa ta' din is-sena tkun suċċess bħas-snin l-imgħoddija. Din is-sena qegħdin infakkru l-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kif ukoll l-20 sena mill-għoti tal-Unur waħdieni għall-Imqabbin u għall-Maltin, Les Etoiles d'Or du Jumelage. Is-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà qed jaħdmu bis-sħiħ biex il-festa bħas-snin l-imgħoddija tkun suċċess.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija qed taħdem qatigħ biex tħejji l-briju tat-Tielet Jum tat-Tridu. L-għaqda tan-nar tal-ajru u tal-art qed iħejju programm sabiħ għal matul il-ġimgħa tal-festa bil-qofol ikun lejlet il-festa. Il-fergħa tan-nisa huma attivi s-sena kollha billi jorganizzaw l-attivitajiet sabiex jinġabru l-fondi li huma ta' għajnuna kbira għas-Soċjetà. Ħajr ukoll lis-Surmast David Agius u lill-bandisti li jippreparaw għal diversi kunċerti li jsiru matul is-sena speċjalment għall-Programm Vokali u Strumentali tal-10 ta' Awwissu li dejjem ikun varjat.

Kif qegħdin taraw sabiex torganizza festa ta' livell hekk għoli hemm bżonn l-għajnuna ta' kulħadd. Dan kollu jimplika li kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu kemm finanzjarjament kif ukoll manwalment fil-ġranet tal-festa. Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom. Bħalissa kemm il-każin kif ukoll il-festa jirrikjedu ħafna spejjeż, għalhekk nappella sabiex tkunu ġenerużi kemm fil-ġabra li nagħmlu bl-*envelopes* kif ukoll fl-arbural li jsir fil-jiem tal-festa. Hu obbligu ta' kull soċju u partitarju li javviċina lil xi ħadd tal-Kumitat u jagħti sehmu.

Ejjew f'dawn il-ġranet tal-festa nipparteċipaw kollha flimkien f'kull attività li tkun organizzata mis-Soċjetà u nħeġġu liż-żgħażagħ u lit-tfal tagħna biex jgħożżu dawn il-ġranet tant sbieħ ta' matul il-festa. Nifirħu flimkien u nġibu ruħna sewwa ħalli nagħtu eżempju lil dawk kollha li jogħġobhom iżuruna.

Nagħlaq billi nwassal lill-membri u lill-partitarji kollha l-awguri tiegħi għal festa sabiħa u li nagħmlu festa kif tistħoqq lil Ommna Marija u nattendu għall-funzjonijiet liturġiċi. Hekk inkunu denji tassew li nissejħu wlied Marija Assunta sabiex inwasslu l-messaġġ ta' binha Ġesù.

Grazzi lil kulħadd.

**Viva Santa Marija – Patruna tal-Imqabbin!**






Perit **Toni Bezzina**

jawgura

l-Festa t-Tajba

lil kulħadd

*Minn fostkom, għalikom...*

2, Triq is-Sajjieda,
Żurrieq ZRQ 1710, Malta
(quddiem iż-Żurrieq Wolves)

23, Pjazza tal-Knisja,
Birżebbuġa
(faċċata tal-Knisja Parrokkjali)

mob: [+356] 99430012
telephone: [+356] 21490826
website: www.tonibezzina.com
e-mail: toni@tonibezzina.com

## *Messaġġ mid-Direttur tal-Każin*

# Sena Impenjattiva b'ħafna proġetti kbar



**Id-Direttur tal-Każin, is-Sur Joseph Briffa, jikteb dwar il-ħidma li saret matul is-sena li għaddiet ġewwa s-sede ta' din is-Soċjetà u jagħti ħarsa lejn il-proġetti tal-futur**



Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd, u sena oħra għaddiet bħal leħħa ta' berqa. Erġajna ninsabu ftit ġimgħat 'il bogħod milli niċċelebraw festa kbira oħra f'ġieħ Ommna Marija mtellgħa s-sema.

Din is-sena kienet waħda impenjattiva ħafna għax eżatt wara l-festa tal-Assunta komplejna bl-aħħar preparamenti sabiex nagħmlu Festi Speċjali fl-okkażjoni tal-75 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija ġewwa Malta. Kellna ġimgħa ta' attivitajiet varji fejn laħqu l-qofol tagħhom b'pellegrinaġġ bil-vara artistika u devota ta' Santa Marija. Kien pellegrinaġġ sabiħ ħafna fejn l-vara artisitika u devota ta' Santa Marija ttieħdet ħdejn l-istatwa minquxa fil-ġebel tal-Mentna. Wara dawn il-festi, komplejna għaddejjin b'ħidma kbira u preparamenti li jkunu jridu jsiru matul sena sħiħa.

Wara li s-sena l-oħra komplejna nagħtu dehra isbaħ liż-żona tal-Istatwa ta' Santa Marija tal-Mentna, issa nistgħu ngħidu li l-proġett ġie finalizzat, permezz ta' żewġ arbli ħdejn l-istatwa, kif ukoll erba' bnadar biex jittellgħu magħhom matul il-ġranet speċjali ta' matul is-sena fosthom tnejn li ser jiżżanżnu fil-ġranet tal-festa ta' din is-sena.



*Żewġ bnadar imtella' mal-arbli li saru madwar l-istatwa ta' Santa Marija minquxa fil-ġebel ta' fuq il-Menta*

Kif kien imwiegħed sar ir-restawr tas-sala maestuża Marija Assunta wara li ġew approvati l-fondi tant meħtieġa mill-Malta Arts Council biex intaffu ftit mill-ispiża li rajna li kienet ser issir. Bdew l-aħħar diskussjonijiet fuq il-kuluri li kellhom jintużaw u affarijiet oħra li kellhom jinbidlu biex is-sala tingħatalha iktar dehra rikka kif tassew jixirqilha. Eżatt wara l-Għid il-Kbir beda x-xogħol biex tiżżarma l-wirja La Semana Santa fl-inqas żmien, kif ukoll noħorġu l-għamara kollha tas-sala. Wara għattejna l-pittura kollha b'reqqa kbira biex niżguraw li ma ssirx ħsara. Hemmhekk beda x-xogħol li jinkludi tikħil, żebgħa, irħamar, induratura tad-deheb, bdil ta' rużuni tas-saqaf, ventelaturi ġodda u xogħol neċessarju fuq il-madum. Inbidlet is-sistema tad-dawl u saru tiswijiet u tindif tal-linef. Għamilna wkoll sistema ġdida ta' sigurtà permezz tal-*cameras* biex niżguraw li ma ssirx ħsara f'dan il-Palazz Maestuż tagħna.

Kif wegħedna wkoll, li din is-sena ser ikun qed isir il-proġett ta' restawr tal-faċċata, għalkemm ix-xogħol għadu ma bediex, il-ħidma minn wara l-kwinti ma waqfet qatt. Qegħdin fil-proċess li qed nistennew l-konfermi neċessarji. Hekk kif inkunu nistgħu nibdew, ix-xogħol ikun jista' jibda mill-ewwel biex niżguraw li ma tkunx qed issir ħsara kemm fil-faċċata kif ukoll fuq l-intern tas-sede. Fuq dan ir-rigward, fil-ġranet li ġejjin ser jibda xogħol fuq ir-restawr tal-bibien u t-twieqi.

Il-manutenzjoni fil-Każin ma tonqos qatt, u hekk din is-sena fejn wara li żbarazzajna l-kantina l-ġdida,



*Dehra tas-sala Marija Assunta waqt il-fażijiet finali tax-xogħlijiet li saru*

Panel Beating • Spray Painting
Lawrence Grixti
DEMSWEET
Approved by Insurance
Garage
Sejba Road, Mqabba
Mob: 9945 5636
Tel: 2164 2992

Elmo
INSURANCE
elmoinsurance.com
Bellizzi Services Ltd. 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021 | Tel: 21642519 | Fax: 21689791 | bellizziservices@gmail.com
Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com
Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry on tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba’, sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta’ l-imperjal ta’ barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**

# LUX Nails

by Sabrina

## Mqabba Road, Żurrieq

* Gel & Acrylic Nail Extensions
* Natural Nail Care
* Nail Art & more!

T: 2164 9875
M:7904 6888
FACEBOOK.COM/LUXNAILSMALTA

# FRAME MAKER

caruanachristian@gmail.com

**For any kind of frames and glass cutting**

*Opening Hours:*
*Mon - Tue - Thur - Fri:*
*4.00pm - 7.30pm*
*Sat: 8.00am - 1.00pm*
*Wed: Closed*

**57, St. Catherine Street,**
**Mqabba MQB 1203**

**Tel: 2168 3308**
**Mob: 9988 8691**



Is-Sur Joseph Briffa waqt il-ħidma biex titgħatta l-pittura qabel ma beda l-ixkatlar taż-żebgħa tas-sala Marija Assunta



Is-Sur John Pace waqt l-aħħar irtokki taż-żebgħa tas-sala Marija Assunta

bdejna x-xogħol ta' kisi u żebgħa li ried isir. Wara tkompla t-tibjid fis-sular t' isfel b'mod speċjali fin-naħa tal-bottegin. Għaddejjin ukoll b'diskussjonijiet biex din iż-żona tkompli tissebbaħ u tiġi finalizzata ż-żona ta' fuq il-bottegin.

Din is-sena ħdimna wkoll biex nagħtu dehra isbaħ tal-intrata tal-Każin. Waqt li qiegħed nikteb dan l-artiklu, wasalna fl-aħħar preparamenti biex minnufih jibda x-xogħol. Dan ix-xogħol ser jagħti dehra ferm iktar rikka kif jixraq l-intrata tal-Palazz tagħna. Fil-ġranet li ġejjin ser jibda x-xogħol fuq kisi ġdid, tibjid, kif ukoll irħamar u rifreski ġodda. Sal-jiem tal-festa ser inkunu qed napprezzaw din l-intrata hekk rikka b'elementi ġodda.

Għall-festa ta' din is-sena ser inkunu qegħdin inżanżnu l-arblu l-kbir li jintrama fil-bidu ta' Triq Karmenu Ciantar, li sar ġdid minflok l-antik li kien jintrama qabel. Apparti l-arblu saret ukoll bażi ġdida għal dan l-arblu minħabba li ser ikun wieħed ikbar. Saru wkoll preparamenti biex inżanżnu bandiera u fistun ġdid biex jikkumplimentaw dan l-arblu.

Billi l-festa dejjem tikber u l-armar dejjem jiżdied, anke minħabba proġetti li jridu jsiru fis-snin li ġejjin, qiegħed dejjem jiġi ristrett l-ispazju fl-imħażen tagħna. Għalhekk qegħdin inħarsu 'l quddiem biex inkomplu ninvestu fl-imħażen tas-Soċjetà biex inkunu nistgħu nkomplu naħdmu mingħajr tfixkil kif ukoll nerfgħu l-armar tal-festa bl-aħjar mod li nistgħu.

Dan ix-xogħol kollu seta' jsir b'kordinazzjoni kbira mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u ħafna partitarji li dejjem ħadmu u stinkaw, ħafna drabi minn wara l-kwinti. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna kbira li tagħtu matul is-sena biex stajna nagħmlu dan ix-xogħol kollu kif ukoll ippjanar ta' ħafna proġetti li għadhom iridu jsiru. Nitlob li nkomplu napprezzaw dan ix-xogħol kollu li jkun qiegħed isir billi nibżgħu għalih, b'mod speċjali għall-Każin u l-propjetà tas-Soċjetà.

Viva l-kbira Santa Marija Patruna tagħna l-Imqabbin!

# Funzjonijiet fil-Knisja












# Frott il-Bidwi



**FREE DELIVERY**

13, Triq Rokku Buhagiar, Qrendi
**Mob: 99830936 / 99491957**

Ħinijiet tal-ftuħ:
**It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa**
mis-6:00am sa 12:00pm u
mill-4:00pm sas-7:00pm
**L-Erbgħa:** mis-6:00pm sa 12:00pm
**Is-Sibt:** mis-6:00am sa 12:00pm

Ħaxix u Frott frisk dirett mingħand il-bidwi
• Preserves • Ħaxix tal-friża





# Hair Couture
by Romina

No. 11,
Rokku Buhagiar Street,
Qrendi

**Tel:** 2164 9301
**Mob:** 9982 5786
**Email:** haircouture@gmail.com



# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580*
*E-mail: kbriffa783@gmail.com*

*Messaġġ mid-Direttur Spiritwali*

# Is-Safa ta' Marija Assunta



**Patri Joseph Zahra O.P., id-Diretur Spiritwali tas-Soċjetà, jikteb dwar is-safa ta' Ommna Marija.**



Il-premju singulari li Ommna Marija rċeviet, qed nirreferi għall-premju tal-Assunzjoni tagħha, huwa s-siġill tal-"Iva" kontinwa tagħha lil Alla. Kull Festa li aħna nagħmlulha, hija festa li lilna tagħtina l-possibbiltà li nfaħħruha, nifirħu flimkien biha, u nippruvaw nitgħallmu minnha biex inkattru fina d-don tal-fidi. Ejjew matul din il-festa niftakru fis-safa ta' Ommna Marija, f'li hija kollha kemm hi ta' Alla "Mimlija bil-Grazzja" u li hija mtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem "Assunta".

Aħna nammiraw u niftaħru bil-Vara Titulari u għandna kull raġun għax ġmielha huwa uniku, ejjew nippruvaw naraw is-sbuħija veru ta' Marija. Marija hija sabiħa għax fiha jgħammar, fiha jsib postu biss dak li hu divin – dak li hu ta' Alla u xejn aktar, xejn minn dak li hu d-dnub.

F'Marija naraw dik is-sbuħija li bid-dija tagħha l-aktar safja, titfi kull dell li jista' jkun hemm madwarha. Fejn tkun il-Madonna, ma jistax ikun li jibqgħu jeżistu dellijiet ta' dnub, ta' qtigħ il-qalb, dellijiet ta' dipressjonijiet, ta' nkwiet, ta' mibegħda. Fejn tkun Ommna Marija, l-aktar safja u Assunta, ma jistax ikun li jkun hemm aċċettazzjoni ta' dak kollu li mhux safi. Għandna ħafna affarijiet li mhumiex safja u qed naċċettawhom.

Ommna Marija ma tistax tkun preżenti fejn ma jkunx hemm valuri skont dak li rrivelalna Alla l-Imbierek. Ommna Marija ma tkunx fejn qed niġġustifikaw dak li hu ħażin u li qed jifridna minn Alla. Nistgħu nagħmlu elf festa, imma jista' jkun li Alla ma jkun fl-ebda waħda minnhom.

Alla jkun żgur, fejn ikun hemm qlub li qed iħabbtu tabilħaqq għalih… dawk li jfittxu li jagħmlu r-rieda tiegħu bħalma dejjem fittxitha Ommna Marija. Din hi s-sbuħija ta' Marija u din hi s-sbuħija li trid tgħaddi lilna. Inkunu sbieħ f'għajnejn Alla jekk f'qalbna jkollna s-safa tat-twemmin kif irrivelat lilna minn Alla l-Missier u minn Sidna Ġesù Kristu.

Marija llum tridna nifhmu li għal Alla kollox jista' jkun. Ma' Ommna Marija ma jagħmilx sens li nibqgħu mwaħħlin ma' salibna, li nibqgħu mgħaddsa fi dnubietna. Ma' Ommna Marija ma jagħmilx sens li nibqgħu nagħmlu ta' rasna u li ma nippruvawx ninbidlu għall-aħjar, għax nibqgħu passivi quddiem ir-realtà li nkunu drajna fiha.

Ejjew matul din il-festa solenni f'ġieħ l-Assunta, nitolbuha tidħol f'ħajjitna u tibdilna. Nitolbuha tfejjaqna minn dak kollu li qed itaqqalna u jħammiġna ħalli hekk flimkien magħha nkunu nistgħu naslu għas-sbuħija tal-qdusija eterna fis-sema.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba!


Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V tirringrazzja
lill-kummissjonijiet
u s-sezzjonijiet kollha fi ħdanha
li jaħdmu bla heda
għall-festa titulari ta' Santa Marija




DOS AVÓS

DOS AVÓS,
TRIQ SAN BAŻILJU, MQABBA

BOOK YOUR TABLE ON 21681131 / 99680942

OR MESSAGE US ON FACEBOOK: DOS AVÓS





Stefan Zrinzo Azzopardi

Membru Parlamentari - Ħames Distrett

jawgura l-festa t-tajba
lil kulħadd

**BIEX INŻOMMU KUNTATT**
7968 1171 jew stefan@zrinzo.com

40, Triq il-Brolli, Birżebbuġa
4, Triq it-Taħħan, iż-Żurrieq

zrinzo.com

*Kelmtejn mis-Sotto Kumitat tan-Nisa 2018*

# Santa Marija: Patruna tal-Imqabbin



**Franġiska Ghigo tirringrazzja lid-diversi soċji u tappella għas-sehem ta' kulħadd fl-attivitajiet tal-festa.**

Awwissu reġa' magħna! Għalkemm huwa xahar ta' sħana, lilna l-Imqabbin iġibilna ferħ kbir għaliex f'nofsu eżatt tiġi ċċelebrata l-akbar festa ad unur Sidna Marija, it-tlugħ fis-sema ta' Ommna Marija 'Santa Marija' li raħalna huwa dedikat lilha. Din il-festa hija għażiża wisq għalina u kulħadd ikollu ċertu ferħ fuq wiċċu.



***Wieħed mill-Coffee Morning regolari organizzati mill-Fergħa Nisa***

Nibda biex wara sena nsellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb. Din is-sena, bħal kull sena oħra, għamilna sena ta' xogħol u sagrifiċċju fejn tkomplew jinġabru l-fondi li dejjem huma ta' bżonn kbir. Il-fondi li għamilna din is-sena kienu fondi li tawna sodisfazzjon għaliex bl-għaqal tal-Kumitat Eżekuttiv ġie eliminat kull self li kellna mal-bank meta għamilna l-Estensjoni tal-Każin. Ta' dan nirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna. Prosit kbira lill-Kumitat Eżekuttiv. Nixtieq nirringrazzja lis-soċji u partitarji kif ukoll ħbieb oħra tal-attedndenza fl-attivitajiet kollha li norganizzaw kull xahar, bħalma huma *Coffee Mornings*, *High Teas*, Lotteriji u anke xi ħarġiet. Meta naraw lilkom, soċji u partitarji, tirrikorru għall-attivitajiet li nagħmlu timlewna b'kuraġġ kbir.

Hawn bħal kull sena nixtieq ngħid grazzi kbira lis-sinjura Doris Camilleri li bħal dejjem tkun għaddejja biex tiġbor in-nies għall-attivitajjiet kollha u l-bejgħ ta' biljetti. Tagħmel ukoll il-ġbir kollu għall-fjuri ta' quddiem l-vara ta' Santa Marija ġewwa l-knisja. Tiġbor ukoll għall-marċ ta' nofsinhar. Grazzi mill-qalb! Nirringrazzja wkoll lis-sinjura Ġuża Farrugia, Nathalie Azzopardi u lis-Sur Michael Chetcuti li fil-ġranet ta' qabel il-festa dejjem għaddejjin bix-xogħol tal-fjuri għall-knisja u quddiem il-vara. Magħhom nirringrazzja lil xi wħud li jkunu jgħinuhom.



***Tombla organizzata mill-Fergħa Nisa waqt il-Coffee Mornings***

Nirringrazzja lil sħabna tas-sotto kumitat li dejjem iħabirku biex l-għan tagħna jitwettaq. Lil dawk minn sħabna li b'sagrifiċċju jiġu jnaddfu l-każin u magħhom nirringrazzja lil xi partitarji li mhux fis-sotto kumitat iżda xorta jiġu jgħinu fil-bżonnijiet li jkunu hemm. Grazzi lil dawk li jnaddfu l-knisja. Ngħid grazzi lil dawk li jagħtu xi oġġetti biex intellgħuhom lotterija fl-attivitajiet li norganizzaw. Grazzi lis-soċji kollha.

L-appell tiegħi huwa biex kemm nistgħu nieħdu sehem fil-funzjonijiet mill-isbaħ li jsiru fil-knisja ad unur il-patruna tal-Imqabbin kollha. Nitlobkom ukoll biex kulħadd jieħu sehem fil-marċi u l-attivitajiet li jsiru matul il-festa kollha mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd.

Grazzi mill-qalb u l-Festa t-Tajba lil kulħadd. Ma baqagħli xejn xi ngħid ħlief Viva Santa Marija, Patruna tal-Imqabbin!

# Fantasy Flowers

*Your fantasy into reality*

**Aldo Ritchie**

Madonna Ta' Pinu,
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba MQB 1480, Malta

Tel: 2164 1032
Mob: 9946 5963 / 7960 2432

E-mail: fantasyflowersmt@gmail.com

# Mario Service Station

**3D Wheel Alignment**
**Car Accessories such as shock absorbers, brake pads, stereos, etc.**




*Nagħmlu xogħol ta'*

- *punctures*
- *computerised wheel balance*
- *computerised wheel alignment*
- *general service*
- *car & motor batteries*

**Żurrieq Road, Safi • Tel: 2764 1419**



*Messaġġ mis-Surmast*

# Ħidma kontinwa fil-qasam mużikali

**David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM ( Hons), ALCM jikteb dwar il-ħidma u l-impenn tal-banda matul din is-sena ferm impenjattiva**

Nibda billi nagħti merħba lill-qarrejja u lill-partitarji numerużi ta' din is-Soċjetà ħabrieka. L-impenn tal-banda qatt ma naqas għax f'kull attività li saret mis-sezzjonijiet differenti, il-banda dejjem tat sehemha biex tkompli turi li din hi Soċjetà dejjem iddur mal-*fulcrum* tas-Soċjetà li hija l-banda!



Kienet sena mimlija emozzjonijiet differenti, fejn fraħna, iċċelebrajna u anke bkejna flimkien. Matul din is-sena fost diversi membri u partitarji li ħallewna, insemmi lil dak il-bniedem li għal diversi snin ħdimt taħt il-Presidenza tiegħu; is-Sur Carmel Zahra, li kien ikona għas-Soċjetà tagħna u żgur ser jibqa' mfakkar għall-impenn tiegħu lejn din is-Soċjetà li kienet it-tieni dar tiegħu. Flimkien mal-kumitat taħt it-tmexxija tiegħu tal-1997 kont ingħatajt l-ewwel opportunità fil-karriera mużikali tiegħi biex nitla' skaluna oħra u nsir Surmast Direttur. Ta' dan inħossni grat ħafna lejn din is-Soċjetà fejn esperjenzajt diversi kunċerti kbar kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna!

Strieħ fis-sliem "Nenu" u kompli ħarisna minn ħdejn il-Madonna li dejjem ħabbejt matul ħajtek!

Ma jistax jonqos li kienet sena mimlija impenji mużikali. Eżatt wara l-impenn tal-festa ppreparajna bis-sħiħ għall-festa tal-Madonna Tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar, fejn il-banda reġgħet ġiet mistiedna f'nhar il-festa.

Il-Kumitat Eżekuttiv ukoll għamel programm ta' ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-75 sena mill-miġja tal-Konvoj ta' Santa Marija. Barra li l-banda kienet impenjata bis-sħiħ f'waħda mill-attivitajiet, nukleu mill-banda fformajna Kwintett fejn tellajna Lejla Mużiko-Letterarja ġewwa l-knisja. Kienet lejla milqugħa ferm tajjeb mill-udjenza li ħonqot il-knisja. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-mużiċisti tas-Soċjetà, Victor Galea fuq Double Bass, Marcon Galea fuq Cello, Neve Marie Galea fuq l-Oboe u Alison Falzon fuq Flute li taw sehemhom bis-sħiħ sabiex kellna attività ta' suċċess.

Fi żmien qasir ippreparajna bis-sħiħ għall-Kunċert imtellgħa fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba fejn tellajna kunċert ieħor b'mużika għall-gosti ta' kulħadd. Fi żmien il-Milied, banda magħmula minn bandisti tal-post u aljievi esegwejna għanjiet tal-Milied f'attività mtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

Wara dawn l-attivitajiet kollha kien imiss il-Kunċert tas-Semana Santa li din is-sena ħa xejra differenti mhux fir-raħal tal-Imqabba. Fl-okkażjoni ta' Valletta 2018 dan il-kunċert ittella' ġewwa s-sala ta' Auberge de Provence, il-Mużew tal-Arkeoloġija ġewwa l-Belt Valletta. Kienet serata indimentikabbli li fi sfond ta' sala mill-isbaħ u udjenza ferm numeruża li ħonqot il-post, il-Banda Re Ġorġ V reġgħet għamlet suċċess ieħor li jibqa mnaqqax b'ittri tad-deheb.

F'dawn l-okkażjonjiet kollha ma nistax ma nsemmiex il-kliem ta' tifħir li dejjem ħadet il-banda mill-Ministeru tal-Kultura u Membri Parlamentari. B'dan il-punt nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru tal-Kultura li dejjem jappoġġja inizjattivi bħal dawn għat-tiġdid tal-kultura fi ħdan il-każini tal-baned tagħna.

Fix-xahar ta' Mejju kellna attività ta' suċċess fejn żammejna l-appuntament annwali tagħna fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, fejn organizzajna l-"Music Appreciation Day". Din is-sena kienet ferm interattiva u għandi l-pjaċir ngħid li diġà ħadna l-frott minnha għax resqu iżjed aljievi lejn is-Soċjetà tagħna. L-ammont tal-aljievi f'dawn l-aħħar xhur żdied b'mod konsiderevoli u dan jawgura tajjeb għall-ġejjieni! Minn dan l-ispazju nixtieq nirringrazzja lis-Surmast Gordon Mayer tal-kontribut fit-tagħlim mużikali fi ħdan l-għaqda fil-ħames snin li dam jokkupa l-kariga ta' Assistent Surmast. Nawguralu wkoll għall-ġejjieni fil-kariga l-ġdida tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda Lourdes tal-Qrendi.

Bħalma wieħed jista' jsegwi mil-lat bandistiku, is-Soċjetà baqgħet dejjem ħabrieka. Bil-ħidma sfiqa bqajna nikkwalifikaw għal diversi fondi pubbliċi li ġew dejjem użati biex jinxtraw strumenti li kellna bżonn biex inkabbru l-istrumentatura u b'hekk it-tagħlim tal-mużika dejjem jingħata importanza fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

# SCICLUNA FLORIST

## *Garden Centre*

*Specializes in:*

***Flower Arrangements for Weddings, Holy Communion etc.***
***Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,***
***Fresh Plants and Fruit Trees.***

**Bronja Street, Żurrieq**
**Tel: 2164 9621**

# DIGITAL ARENA

COMPUTER CENTRE

Blue Grotto Avenue, Zurrieq.
www.digitalarena.com.mt info@digitalarena.com.mt (+356) **77707071**




Sales / Laptop /Desktop Pc
Repairs / Upgrades
LCD TVs / Digital Cameras
Mobiles / Hi-Fi

**Where Quality Counts**

Filwaqt li nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-appoġġ li dejjem jagħtini fil-ħidma tiegħi, ma nistax ma nirringrazzjax lill-mużiċisti kollha li dejjem jappoġġjawni u li bl-impenn tagħhom qed iwasslu għal riżultati mfaħħra minn segwaċi tal-banda f'kull roqgħa ta' Malta. Nirringrazzja lill-membri kollha fil-Kummissjoni Banda li bil-ħidma tagħhom minn wara l-kwinti u fil-kwiet dejjem jagħmlu isem tajjeb lis-Soċjetà tagħna li jħaddnu b'qalb kbira.

Minn dawn il-kelmtejn ukoll nixtieq kull suċċess lill-Għaqda tan-nar tas-Soċjetà Santa Marija, għall-ispettaklu ieħor matul il-festa kollha. Komplu għamlu isem madwar l-erbat irjieħ tad-dinja għax intom uniċi.

Fl-aħħar nirringrazzja lill-familjari tiegħi u fuq kollox lil marti Antonella li dejjem appoġġjatni.

Il-festa t-tajba lil kulħadd u Viva Santa Marija!







# Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim tal-mużika

# Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V



*Il-Ġimgħa, 10 ta’ Awwissu, 2018 fid-9:00pm*

**Circolo Giorgio V**
Mro David Agius

**Lil Raħal Twelidi**
Mro Anthony Camilleri

**Concerto D’ Amore**
Jan De Haan

**SwanLake**
Pyotr Ilyich Tchaikovsky
akkumpanjati minn żfin immexxija minn *Paul Curmi Dancers*

**Nessun Dorma**
Giacomo Puccini
ikanta t-Tenur Aldo Busuttil

**Fejn tħobb il-Qalb**
Arranġament mużikali James Brown
ikanta Mike Spiteri

**From Doctor Zhivago**
Arranġament mużikali Richard Bugeja
akkumpanjata minn Santa Maria Accordion Band

**Dark Eyes**
Arranġament mużikali Richard Bugeja
akkumpanjata mis-Santa Maria Accordion Band

**The Best of Maltese Folklore**
Arranġament mużikali Anthony Chircop
akkumpanjati minn żfin immexxija minn *Paul Curmi Dancers*

**Keep me in Mind**
Robert Agius
ikanta Mike Spiteri

**Wake me up**
DJ Avicii

**Brindisi - La Traviata**
Giuseppe Verdi
akkumpanjati mis-Sopran Roberta Mallia u t-Tenur Aldo Busuttil

**Florentiner March**
Julius Fučík

**Maria Assunta**
Leonard Farrugia

**Innu tal-Banda Re Ġorġ V**
Mro Anthony Camilleri



*Messaġġ mill-Kummissjoni Banda*

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

**Philip Saliba, f'isem il-Kummissjoni Banda, jikteb dwar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V matul is-sena li għaddiet u l-impenji li ġejjin matul il-jiem tal-festa.**

Nilqagħkom għal darb'oħra għas-sezzjoni ddedikata lill-banda Re Ġorġ V propju hekk kif il-festi Maltin laħqu l-qofol tagħhom fil-ġimgħa ddedikata lil Marija Assunta. Ħidmet din il-banda dejjem għaddejja bla waqfien is-sena kollha, filwaqt li tilħaq il-qofol tagħha matul ix-xahar ta' Awwissu. Il-bandisti tal-lokal, flimkien mal-Kummissjoni Banda u s-Surmast Mro David Agius jaħdmu dejjem qatigħ sabiex din il-banda taqdi dmirijietha u tferraħ kemm il-lokal kif ukoll barra mill-lokal, f'diversi attivitajiet matul is-sena kollha. F'dan l-artiklu ser insegwu l-attivitajiet li kienet involuta fihom il-banda Re Ġorġ V matul is-sena li għaddiet, hekk kif naslu għall-festa ta' Marija Assunta 2018.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-ħruġ tal-vara fuq iz-zuntier*

Matul il-festa li għaddiet, dik tal-2017, il-banda Re Ġorġ V tat sehemha billi laqgħet il-vara Titulari ta' Marija Assunta fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba. Propju fl-10 tax-xahar il-banda tellgħet il-Programm Vokali u Strumentali li sar sinonimu mal-festeġġjamenti ta' matul il-festa. Matul dan il-programm ġew mistiedna grupp ta' kantanti u żeffiena mmexxija mis-sinjorina Tiziana Calleja u anka bil-parteċipazzjoni ta' *bagpipes* f'diversi siltiet mużikali. Fit-13 ta' Awwissu l-banda ferrħet il-folol ta' nies li nġabru għall-marċ grandjuż tat-Tielet Jum tat-Tridu, marċ li sar magħruf għall-organizzazzjoni u l-kobor tiegħu. L-aħħar marċ li sar mill-banda qabel il-purċissjoni bil-vara titulari ta' Marija Assunta kien dak tal-Għid tal-Assunta, jew kif inhu magħruf aħjar bħala l-marċ ta' nofsinhar. Dan il-marċ bħal dejjem jikkonkludi l-impenji festivi tal-banda għal-festa tar-raħal. Hekk kif għaddiet il-festa, il-banda ġiet mistiedna tesegwixxi marċ u programm fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar fix-xahar ta' Settembru.



*Kwintett ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba*

Ottubru kien xahar impenjattiv għall-Kummissjoni Banda u l-bandisti tagħha hekk kif ġew organizzati diversi attivitajiet fi ġranet konsekuttivi. Fit-8 tax-xahar is-sede laqgħet fostha delegazzjoni ta' rappreżentanti ta' Santa Vittoria in Matenano b'tifkira tal-20 sena ġemellaġġ bejn iż-żewġt irħula. Fis-27 ta' Ottubru, indaqq Kwintett fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba bħala parti mis-serata Mużiko-Letterarja b'tifkira tal-75 sena Anniversarju mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija f'Malta. Propju l-għada, 28 ta' Ottubru, il-banda Re Ġorġ V esegwixxiet Programm Vokali u Strumentali f'ġieħ Jum l-Imqabba, imtella' fis-sala tal-Iskola Primarja tal-lokal. Dan il-programm ittella' taħt id-direzzjoni tas-surmast bravu Mro David Agius, bis-sehem ukoll ta' studenti tal-iskola primarja tal-Imqabba. Fid-29 ta' Ottubru, il-Banda Re Ġorġ V ospitat lill-Banda "La Forma" b'programm Mużikali fil-pjazza tar-raħal segwit minn riċeviment ġewwa s-sede tas-Soċjetà. F'Diċembru l-banda esegwixxiet numru ta' *Christmas Carols* fil-villaġġ tal-Milied għall-darb'oħra organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba ġewwa r-raħal tagħna.

F'Jannar 2018 ġiet organizzata l-ikla annwali tal-



Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Kunċert ta' Jum l-Imqabba 2017

bandisti fejn għall-ewwel darba ġew mistiedna l-aljievi li jattendu regolari għal-lezzjonijiet tal-mużika fl-iskola tat-tagħlim tal-mużika ġewwa s-sede tas-Soċjetà flimkien mal-familjari tagħhom. Ix-xahar ta' Frar ra l-bidu tal-preparazzjonijiet bi tħejjija għas-Semana Santa fejn din is-sena l-Banda Re Ġorġ V ġiet mistiedna tesegwixxi numru ta' siltiet mużikali ġewwa l-Gran Salon, fil-Belt Valletta bħala parti mill-attivitajiet Valletta 18. Waqt dan il-programm ħadet sehem ukoll il-kantanta brava Eleanor Cassar, iż-żeffiena ta' Allegria Dance Co. u anke akkumpanjament ta' kitarra f'diversi siltiet mużikali.



Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Kunċert tal-Ftuħ ta'
La Semana Santa de España

Fit-13 t'April il-banda akkumpanjat korteo funebri tal-President Onorarju u ex President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra. Hawnhekk nixtieq propju nestendi



Il-Banda Re Ġorġ V tagħti l-aħħar tislima lis-Sur Carmel Zahra

l-messaġġ ta' faraġ u kondoljanzi lill-familjari kollha għal din it-telfa. Fit-22 ta' Mejju l-Banda ħadet sehem fil-"Music Appreciation Day" imtella' fl-iskola Primarja tal-lokal, li bħal dejjem isservi ta' vetrina għall-iskola tal-mużika tas-Soċjetà tagħna. It-tagħlim ma jieqaf qatt taħt it-tmexxija tas-Surmast Mro David Agius, hekk kif jibqa' għaddej matul is-sena sħiħa, eżatt kif tgħaddi l-festa ta' Marija Assunta. Propju din is-sena l-banda tagħna ġiet mistiedna għal servizz ġdid ġewwa r-raħal qarib tagħna tal-Qrendi fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Bħal kull sena l-banda ġiet mistiedna tferraħ it-toroq ta' żewġ lokalitajiet tal-madwar fix-xahar ta' Lulju. L-ewwel servizz kien dak esegwit fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp fir-raħal ta' Ħal Kirkop fis-7 ta' Lulju. Fit-22 ta' Lulju l-banda reġgħat ġiet imsejħa tagħti servizz fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa ż-Żurrieq. Ta' min isemmi wkoll servizz ġdid li ser jiżdied mal-lista tal-impenji tal-banda tagħna ta' matul din is-sena propju kif tgħaddi l-festa ta' Marija Assunta, fit-28 ta' Awwissu għat-tieni darba fir-raħal taż-Żurrieq, din id-darba għall-festa ta' Santa Katerina V.M.

Din is-sena l-Kummissjoni Banda kuntenta taqsam li ser jiżżanżan librett ġdid tal-marċi, b'kollezzjoni ta' marċi magħżula sabiex iferrħu l-ġemgħat u jakkumpanjaw il-marċi brijuzi li jittellgħu f'ġieħ Marija Assunta waqt il-ġimgħa tal-festa. Ix-xogħol tal-Kummissjoni Banda Re Ġorġ V huwa kontinwu u ma jieqaf qatt. Dan isir matul is-sena kollha sabiex il-banda tagħna tibqa' dejjem tikber u tferraħ. Il-kumitat jiltaqa' b'mod regolari sabiex jitfasslu pjanijiet innovattivi dejjem biex il-banda timxi 'l quddiem u tkun minn tal-ewwel f'raħalna u anka pajjiżna. Permezz ta' dan il-messaġġ qasir nixtieq nagħmel ir-ringrazzjamenti meħtieġa lill-bandisti tal-lokal kollha u lis-surmast tal-banda li jagħmlu sagrifiċċji matul is-sena kollha sabiex itellgħu materjal ġdid u innovattiv li jferraħ lil kull min jattendi għall-attivitajiet imsemmija. Inħeġġeġ ukoll lill-bandisti jattendu dejjem bi ħġarhom sabiex b'hekk il-livell tal-banda tagħna dejjem jibqa' jogħla. Nestendi l-appell sabiex il-ġenituri jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim tal-mużika fl-iskola tal-mużika tas-Soċjetà tagħna, tagħlim offrut b'xejn taħt it-tmexxija tas-Surmast Mro David Agius.

Nikkonkludi dan il-messaġġ billi nħeġġeġ lil kulħadd jattendi għas-serata mużikali fl-10 ta' Awwissu, f'Jum il-Banda, fejn il-banda tagħna ser tkun qiegħda tesegwixxi siltiet tal-widna u ferriħija fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Assunta. Grazzi wkoll tal-għajnuna kontinwa u l-kontribuzzjoni li dejjem tagħtu lill-banda tagħna f'ħidmietha matul is-sena kollha.

Bħal dejjem, Viva l-Kbira Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V!











*Purċissjoni Jum il-Festa*





















# *Preżentazzjonijiet mis-Soċjetà u Preżentazzjonijiet lis-Soċjetà*



*Jean Carl Grech – Bandist tas-sena*



*Robert Ghigo – Attivist tas-sena 2017*



*Donazzjoni mis-Sindku Dr Charlene Muscat*



*Donazzjoni minn Mary Grace Mallia f'isem il-Kumitat Sezzjonali Partit Laburista*



*Donazzjoni minn Joseph Mifsud f'isem il-Kumitat Sezzjonali Partit Nazzjonalista*



*Onor. Toni Bezzina – Għotja lis-Sezzjoni Żgħażagħ*



*Donazzjoni minn Carmen Brincat f'isem il-Kap tal-Iskola fl-Imqabba bħala apprezzament lejn il-formazzjoni edukattiva tat-tfal fil-każin*



*Donazzjoni minn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi*



*Donazzjoni minn Doris Camilleri f'isem il-kumitat tan-nisa*



*Is-Surmast David Agius – Għoxrin sena fit-treġija tal-Banda Re Ġorġ V*



*Il-Kaxxier Carmel Briffa – Erbgħin sena kaxxier tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*



*Il-President Onorarju – Il-mibki Carmel Zahra, sebgħa u għoxrin sena President ta' din is-Soċjetà*





*Simon Saliba*
*Għall-ħidma fil-Piroteknika*



*Adrian Micallef*
*Għall-ħidma fil-Piroteknika*



*Osvaldo Vella*
*Għall-ħidma fil-Piroteknika*



*Antoine Farrugia – Kariga ġdida ta' Segretarju Ġenerali ta' din is-Soċjetà*



*Carlo Sciberras – Kariga ġdida ta' President ta' din is-Soċjetà*



*Preżentazzjoni lill-Kummissarju Għoli Ingliż Stuart Gill OBE*



*Preżentazzjoni lis-Sinjura Gill il-mara tal-Kummissarju Għoli Ingliż Stuart Gill OBE*



*Keith Demicoli*
*Preżentatur tas-serata*



*Remenda Borg Grech*
*Preżentatriċi tas-serata*



OPENING HOURS
Mondays Closed
Tuesdays - Fridays:
9:00am - 1.30pm
5:00pm till late
Saturdays:
9:00am - 1.30pm
4:00pm till late
Sundays:
4:00pm till late
dee's
TM
pizzeria & takeaway
Tel: 21680200
Mob: 79680200
17, Triq Dun Guzepp Zammit,
Zurrieq
Special Offer
1.5 Litre
Coca Cola
with every
€25 spent
Coca-Cola
Find us on:
facebook
FREE delivery
Terms and conditions apply
We also deliver to workplaces, factories, offices, etc...
(both lunchtime and evening)
FREE DELIVERY
Tel: 21 68 02 00
Mob: 79 68 02 00
www.dees-pizzeria.com

Il-Ministru
OWEN BONNICI




/bonniciowen
/bonnicio
@owenbonnici

t: 2180 2000

www.owenbonnici.com

e: owen@owenbonnici.com

*Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ*

# Sena sħiħa ta' attivitajiet



**Jean-Paul Muscat, President tas-Sezzjoni Żgħażagħ, jelenka s-sena ħidma u d-diversi attivitajiet innovattivi ġewwa raħalna.**

Huwa ta' unur għalija li qiegħed nikteb dan l-artiklu fit-tieni sena tiegħi bħala president tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba. Din hija sena speċjali fejn bħala Sezzjoni Żgħażagħ qegħdin niċċelebraw il-25 sena anniversarju! L-ewwel nixtieq nirringrazzja lilkom il-partitarji tal-fiduċja u l-konkorenza f'kull attività li norganizzaw bħala Sezzjoni Żgħażagħ. Din is-sena komplejna naħdmu u nibnu fuq it-tajjeb li sar minn kumitati preċedenti. Kienet sena fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ għal sena oħra kienet attiva sena sħiħa b'diversi attivitajiet differenti u b'taħlita ta' ideat friski. Dan kollu sar għax kien kumitat imżewwaq sew b'membri ta' ċertu esperjenza fis-Sezzjoni Żgħażagħ u oħrajn li din kienet l-ewwel sena tagħhom, fejn b'taħlita bħal din

*Il-Logo uffiċjali tal-25 sena Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija*



*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija 2017 - 2018*

kienet tidher l-enerġija f'kull attività li saret. Magħna kien hemm numru kbir ta' partitarji li daħlu għal diversi sfidi u bis-saħħa tagħhom setgħu jsiru dawn is-suċċessi! Fost dawn kellna l-attività Milied Imdawwal fejn din is-sena kienet fuq skala ikbar billi nkorporajna fiha esebizzjoni ta' karozzi fit-toroq tal-Imqabba, fejn kellna 'il fuq minn mitt vettura, u dan seta' jsir



*L-Eċċellenża tagħha l-President ta' Malta Dr Marie-Louise Coleiro Preca waqt żjara fl-attività Milied Imdawwal*



*Uħud mill-karozzi għall-wiri waqt l-attività Milied Imdawwal*



*Il-pubbliku fil-pjazza fl-attività Milied Imdawwal*

b'għajnuna minn diversi għaqdiet. Tajjeb li ngħid li din l-attività saret b'risq l-Istrina u fil-fatt lqajna fostna lill-Eċċelenza tagħha l-President ta' Malta, Dr Marie-Louise Coleiro Preca.

Attività oħra li qiegħda tikber kull sena hija l-wirja 'La Semana Santa' fejn għall-ftuħ tagħha din is-sena bl-għajnuna tal-Kumitat Eżekuttiv kellna l-unur ngħidu li s-Soċjetà tagħna kellha parti fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Valletta 2018, fejn kellna l-unur li esegwixxejna programm ġewwa l-Grand Salon tal-Mużew tal-Arkeoloġija. Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa ngħatat dehra ġdida lill-faċċata tal-każin b'effetti ta' dwal, kif



*Il-pubbliku ġewwa l-Grand Salon li attenda għal Ftuħ ta' La Semana Santa de España*



*Xena waqt id-dramm kontemporanju maż-żminijiet tal-lum - Aħna Nsara?!*

ukoll iċ-Ċenaklu Ħaj li jsir fis-sotteran tal-Każin, li għal din is-sena tellajnih skala oħra u nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li kien dramm ta' livell għoli ħafna u għal sena oħra kellna rekord t'attendenza b'mod speċjali Ħamis ix-Xirka u jum il-Ġimgħa l-Kbira. Ma dawn kien hemm ħafna attivitajiet oħra bhal ikliet, ħasil tal-karozzi, attivitajiet sportivi u oħrajn, dan kollu nagħmluh sabiex inkunu nistgħu nagħmlu festa kif jixraq lill-Ommna Marija mtellgħa fis-sema. Bħalissa għaddejjin bla nifs bil-preparamenti għal festa fejn għandkom tistennew diversi elementi innovattivi biex inkomplu niċċelebraw bil-kbir dan l-anniversarju tal-ħamsa u għoxrin sena Sezzjoni Żgħażagħ u l-għoxrin sena minn meta ġejna ppremjati bl-unur tal-"Les Etoiles d'Or du Jumelage".

Minn hawn nixtieq ukoll insellem il-memorja tal-mibki President Onorarju u eks President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V is-sur Carmel Zahra jew kif konna nafuh ilkoll "Nenu". Minn qalbi nirringrazzjah tal-fiduċja li kien wera fija propju sentejn ilu biex inkun parti mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-pożizzjoni ta' President. Grazzi ta' kollox Nenu, żomm idejk fuqna u fuq il-familja tiegħek, nafu li issa qiegħed tgawdi lil Santa Marija li tant kont tħobb.



*Xena waqt id-dramm kontemporanju maż-żminijiet tal-lum - Aħna Nsara?!*

Fl-aħħar nixtieq nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba u minn hawn nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-paċenzja u d-dedikazzjoni kollha li taw lil din is-sezzjoni. Nirringrazzja lill-partitarji kollha li tawna kull tip ta' għajnuna, u lilkom kollha li tipparteċipaw f'kull attività li norganizzaw għax bis-saħħa tagħkom inkunu nistgħu norganizzaw festa li verament tixraq lill-patruna tar-raħal pittoresk tal-Imqabba, Santa Marija sabiex inkomplu ngħollu isem din is-Soċjetà li tassew jixirqulha l-kelmiet: Innovativa, Ħabrieka, Unika, Kuraġġjuża u Glorjuża.

Viva l-patruna Universali Santa Marija!

Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V
tħeġġeġ lill-partitarji kollha jieħdu
sehem fil-marċi tal-festa,
filwaqt li jobdu l-istruzzjonijiet
mogħtija lilhom mill-membri
tal-kumitat



# Julia
## Farrugia Portelli

u l-familja tawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha

**M** | 7999 9936

**E** | info@juliafarrugia.com

**Indirizz tal-Uffiċċju**
2, Triq il-Qrendi, Żurrieq **(ħdejn l-Armerija)**









L-1 ta' Novembru


JONATHAN DINGLI
Ħsieb u Volontà, għal Imqabba AĦJAR!
Jawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin Kollha
79094180
/jonathan.dingli
imqabbalc@jonathandingli.com
Kandidat għall-Elezzjoni
tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba


Sezzjoni Żgħażagħ
Santa Marija Mqabba
tippreżenta
10PM
Il-Marċ
tat-
Tielet Tridu
Show Oriġinali
Show Innovattiv
13.08.18
Show Oriġinali u Innovattiv
/santamarija
/santamarija815
/santamarijamqabba
www.santamarija.com
Żgħażagħ
Santa Marija
Mqabba




# MIEGĦEK DEJJEM U KULLIMKIEN

## Ħal Safi

**Joseph Busuttil - Tied Intermediary**
**61, Triq iż-Żurrieq**

GasanMamo
INSURANCE
*Nghinuk dejjem*

T: +356 2168 2095, 2768 2095 | jbs16@hotmail.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd. hi awtorizzata mill-MFSA.


REMISSA
SPORTS BAR, MQABBA
SERVING FREE APPETIZERS
9999 8108


•ETIENNE GARAGE•
• Panel Beater & Oven-baked Spray Painting •
• 24hr Towing Service •
• Mob: 79333964 •
Garage No.8
Triq L-Imqabba
Sqaq il-Mitħna
Qrendi


Demsey Aluminium
Manufacturers of
Aluminium & PVC Windows, Doors, etc
Factory A25A
Triq G. Garibaldi, Marsa
Tel: 2168 9862
Mob: 9949 0381, 9942 2583
























Unistyler
Hair Salon
• Blowdries
• Latest Cuts
• Latest Colour Techniques
• Up Styles
• Straightening
• Brazilian Treatments
• Well Experienced in Real Hair Extensions
18 YEARS OF EXPERIENCE
Attended Rome Hair School - Italy
Main sponsor of the Best Male Model of the World Malta 2016
WELLA PROFESSIONALS
NIOXIN
KERATHERAPY
System Professional
Triq il-Katakombi, Mqabba
by Maria Zahra | 99460519


PINEAPPLE
Grills
Snacks
Pizza
House Specialities
8, Church Square,
Mqabba
Tel: 79050724
Opening Hours:
Monday to Thursday
6.00pm till 11.00pm
Weekends from 6.00pm till late
& Sunday from 5.00pm till late


Teżor Il-Bidwi
Ħaxix dirett mil-bidwi
Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba
Mob: 99267341, 79277743
Find us on: facebook
Tezor IL-Bidwi
HAXIX U FROTT FRISK KULJUM
Opening Hours
Mon and Thur: 8:45 - 19:00
Tue and Fri: 8:45 - 12:00 16:00 - 19:00
Saturday: 8:45 - 12:00
Sunday & Public Holidays: 10:00 - 13:00
Wednesday: Closed

*Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar*

# L-Imqabba mlibbsa bl-ifjen armar għax-xahar ta' Awwissu

**Ian Camilleri, f'isem l-Għaqda Armar Santa Marija jagħti rendikont tax-xogħol kollu li sar matul din is-sena.**

Għeżież partitarji u dilettanti tal-armar, sena oħra għaddiet u ninsabu ftit jiem biss 'il bogħod minn festa oħra ad unur il-patruna tagħna l-Imqabbin, Santa Marija. Hekk kif wieħed isemmi x-xahar ta' Awwissu ma jistax ma jaħsibx fil-festa nazzjonali li tiġi ċċelebrata f'jum il-15 tal-istess xahar. Fost id-diversi festi fl-ibliet u l-irħula ad unur Marija Mtellgħa s-Sema huma ħafna dawk li bla dubju jkunu ħerqanin li ta' kull sena jżuru raħalna biex jitpaxxew bl-armar mill-ifjen.

**95 anniversarju tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni**

Hekk kif wieħed jasal fil-pjazza tal-Imqabba fil-ġimgħa tal-festa tal-Assunta ma jistax ma jilmaħx quddiemu pedestall għoli u mill-isbaħ li jirrappreżenta l-inkurunazzjoni ta' Marija. Din hija opra maestuża u unika f'pajjiżna li ta' kull sena tintrema u ssebbaħ il-pjazza tal-knisja parrokkjali.

Wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-ħajja tal-Imqabbin bdiet sejra għall-aħjar u kienu ħafna dawk il-partitarji li xtaqu jagħtu spinta fl-armar għal-festa ta' Santa Marija. Sa dak iż-żmien l-armar li kien jintrema kien jikkonsisti f'erba' trofej u xi żewġ pilandri. Fi ftit snin sar ħafna xogħol mill-partitarji ħabrieka. L-ewwel inħadmu l-pedestalli ta' Sant'Anna u San Gwakkin li



Il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni li din is-sena jagħlaq 95 sena




L-istatwa rrestawrata ta' Ġuditta


HENRY ZAFFARESE
Kandidat għal-kunsill lokali l-Imqabba
jixtieq jawgura l-festa t-tajba
/zaffaresehenry
99848598
zaffaresehenrypl@gmail.com


cheerful companion
Bank of Valletta is by my side every day, assisting me to a better financial future, whatever stage in life I am in. Bank of Valletta, my lifetime companion.
www.bov.com or contact 2131 2020
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta

llum insibu fiz-zuntier tal-knisja, wara dawk tat-12-il Appostlu u komplew billi nħadmu dawk tal-anġli li nsibu fi Triq il-Parroċċa. Fl-aħħar nett sar il-Pedestall il-Kbir bl-istatwi kollha li nsibu armati miegħu.

Id-disinjatur ta' dan il-pedestall kien il-bravu Abram Gatt, l-iskultura fina li nsibu mal-pedestall saret minn ċertu Piju tal-Kalkara, l-istatwi tal-kartapesta mimlijin ħajja nħadmu minn Mastru Karm Mallia minn Ħal Qormi, fuq il-forom tal-istatwi tal-famuż Karlu Darmanin li kien l-imgħallem tiegħu.

Din is-sena dan il-pedestall jagħlaq 95 sena minn meta żżanżan għall-ewwel darba fil-festa tal-1923. Għalkemm għadda dan iż-żmien kollu nistgħu ngħidu li għajr għaż-żebgħa, dan il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni flimkien mal-istatwi tiegħu baqa' bla mittiefes u fl-istat oriġinali tiegħu.

### Xogħol ta' restawr

Wieħed ma jistax ikompli jżid fl-ammont ta' armar u ma jiħux ħsieb l-armar u l-istatwi antiki li matul iż-żmien ikollhom bżonn ta' restawr u manutenzjoni. Wara li għaddiet il-festa tas-sena l-oħra ġew identifikati xi statwi li kellhom bżonn urġenti ta' restawr. Is-sena l-oħra ħallejna f'idejn l-artist Imqabbi Rosario Zammit, biex jirrestawra l-istatwa ta' Ġuditta li hi waħda mis-Slaten li nsibu mal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni u wieħed mill-anġli li jintrema' fi Triq il-Parroċċa.

Din is-sena l-istess artist ħa ħsieb jirrestawra l-istatwa ta' Ester, waħda minn fost is-slaten ta' mal-Pedestall il-kbir u l-istatwa ta' Sant'Anna li nsibu fiz-zuntier tal-knisja. Iż-żewġ statwi kienu fi bżonn ta' restawr u b'hekk ftit ftit qegħdin induru l-istatwi antiki li għandha biex inżommuhom fi stat tajjeb.



Anġlu li jintrama fi Triq il-Parroċċa li ġie rrestawrat ukol

### Xiri ta' makkinarju

L-Għaqda tal-Armar flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv ħassew il-bżonn li minħabba li l-armar qiegħed dejjem jiżdied u għas-sigurtà ta' dawk li jkunu qegħdin jarmaw, jinxtara makkinarju ieħor u aktar modern. Ix-xiri ta' dan il-makkinarju kien possibbli għad-donazzjonijiet li intom il-partitarji b'mod volontarju offrejtu lil din l-istess għaqda. L-Għaqda tal-Armar tirringrazzja lis-Sur Ludwig Micallef għall-ħidma tiegħu fuq struttura tal-ħadid li ser tkun qiegħda tintuża flimkien ma' dan il-makkinarju. Permezz ta' din l-għodda l-ġdida, is-Soċjetà se tibbenifika kemm waqt li jkun qed isir l-armar u ż-żarmar tat-toroq kif ukoll għal waqt l-attivitajiet li jsiru matul is-sena.

### Tlestija tal-proġett ta' erba' anġli madwar iz-zuntier tal-Knisja

Is-sena l-oħra l-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra lestielna t-tielet anġlu minn proġett ta' erba' għal mad-dawra taz-zuntier tal-Knisja u li ta' min ngħidu li dan tħallas mill-partitarju Philip Ellul (Ta' Katrinu). Għal din is-sena l-istess artist Għawdxi wegħedna li se jkun qiegħed ilestilna r-raba' statwa biex b'hekk inkunu għalaqna proġett ieħor importanti u li se jkompli jsebbaħ il-pjazza tar-raħal fix-xahar ta' Awwissu.

### Statwa ġdida għal Triq Karmenu Ciantar

Apparti l-pjazza tar-raħal wieħed ma jistax ma jsemmix Triq Karmenu Ciantar għall-armar fin u



It-tielet anġlu li nsibu mad-dawra taz-zuntier tal-Knisja



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

St. Paul's Dental Clinic
Dolmen Street
Safi

TEL: 27560272
MOB: 79092400



lussuż li fiha. Din is-sena se nkomplu nżidu mal-istatwi li diġà jsebbħu din it-triq, hekk kif l-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi wegħedna li din is-sena se jlestilna statwa oħra li tikkumplimenta lil dawk eżistenti.

**Pavaljuni ta' Triq Valletta**

Il-partitarju Patrick Ghigo din is-sena kompla x-xogħol ta' sfumar fuq żewġ pavaljuni oħra għal Triq Valletta biex fi ftit tas-snin oħra niffinalizzaw proġett ieħor li kien mistenni minn ħafna b'mod speċjali mir-residenti tal-istess triq.

**Fistuni u liedna ġdida**

Matul din is-sena s-Sur Ivan Falzon ħa ħsieb li jaħdem fistuni ġodda għal diversi toroq fosthom Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Santa Marija u Triq San Innoċenzju, filwaqt li s-Sur Vince Attard ħa ħsieb li jagħmel manutenzjoni ta' fistuni ta' diversi toroq. Is-Sur Raymond Vella bħal kull sena ħadem ammont konsiderevoli ta' liedna ġdida. Nirringrazzjaw ukoll lil diversi żgħażagħ li taħt it-tmexxija għaqlija tas-Sur Alex Falzon jieħdu ħsieb jarmaw it-toroq tal-Imqabba fi ftit ġimgħat ta' qabel il-festa.

Bħal kull sena dan l-armar li qiegħed isir mhux possibbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja tagħkom il-partitarji. Nappella wkoll għal aktar żagħżagħ biex jingħaqdu magħna ħalli narmaw raħalna fil-ġimgħat ta' qabel il-festa.

Finalment nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd u f'isem l-għaqda tal-armar nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-għajnuna tagħhom kemm manwalment kif ukoll finanzjarjament fil-jiem tal-festa u lil dawk il-partitarji li ta' kull sena joffru l-inġenji tagħhom biex jiffaċilitaw il-ġarr tal-armar.

Viva l-Patruna tagħna Santa Marija!






















LARGE VARIETY OF PARTY ITEMS NOW AVAILABLE AT SIGGIEWI
TOYS & GIFTS
VAST SELECTION OF GIFTS FOR ALL OCCASIONS, TOYS, SUMMER ITEMS & MORE
STATIONERY
LARGE RANGE OF STATIONERY, BOOKS, CARDS & MUCH MORE
SERVICES
PHOTOCOPIES @ 2c
LAMINATION,
BINDING,
PASSPORT PHOTOS
PHOTO PRINTING
6" X 4" @ 18c
& MANY MORE
HELIUM SERVICES AVAILABLE IN SIGGIEWI & HAMRUN
DES Malta
DIE ECKE SIĠĠIEWI
D.E.S
IMPORTERS & DISTRIBUTORS
Triq Mons.M.Azzopardi SIĠĠIEWI - T. 2146 3403
Triq l-Iskola SAFI - T. 21 / 2764 1149
WWW.DESMALTA.COM
WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES
Daniels Shopping Complex
ĦAMRUN - T. 2123 3369
Wanna Party Malta
happy Birthday
BALLOON DECORATIONS
FOR ALL OCCASIONS & HELIUM SERVICE
COSTUMES & ACCESSORIES
AVAILABLE ALL YEAR ROUND INCLUDING COSTUMES FOR HIRE

# Albion Vrt Station

**Triq Luret Cutajar, Zebbug ZBG 2731**
**Tel: 21467052 Mob: 99471703/99866576**
**Email: josef@albion.com.mt Website: albion.com.mt**
**Opening Hours: Mon-Fri 7.30am – 4.30pm Saturday 7.30am – 1.00pm**





**FOR:**
**VRT TESTS AND INSPECTIONS**
**VEHICLE SERVICING AND REPAIRS**
**COMPUTERISED WHEEL ALIGNMENT**
**AIRCONDITION SERVICE AND REFILL**
**CAR BATTERIES**
**INSURANCE SALES**

LIKE US ON facebook

TOTAL Lubricants




***3***
***YEARS WARRANTY ON CAR BATTERIES***

MAPFRE | MIDDLESEA

Flora Grech is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553). Mapfre Middlesea is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998. Mapfre Middlesea and Flora Grech are authorised by the MFSA.

## Contact us for a quotation

*Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar*

# Is-sengħa tal-Piroteknik

**Is-Sur Josef Camilleri, *Licensee*, jagħti ħarsa lejn is-sena preċedenti u l-ħidma kbira li saret matul din is-sena għall-festa oħra indimentikabbli filwaqt li jfakkar il-memorji ta' dawk li din is-sena ser ikunu qed igawdu frott il-bżulija minn ħdejn Ommna Marija.**



Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd, għalhekk meta qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn ikun ifisser li Awwissu reġa' qiegħed magħna u dan huwa marbut mal-festa kbira li ssir f'ġieħ il-patruna tal-Imqabbin Santa Marija. Qabel xejn, l-Għaqda tan-nar Santa Marija tixtieq tagħti mill-ġdid il-kondoljanzi tagħha lill-familjari u ħbieb tal-eks membru tal-Għaqda tan-nar tagħna: Pawlu Sciberras, magħruf bħala "Pawlu iz-Zoy". L-għaqda tagħna tilfet persuna ta' qalb kbira li ta' kull sena offra s-servizz tiegħu lejn il-festa ta' Santa Marija li tant kien iħobb, dan mar jistrieħ fejn il-membri l-oħra tal-għaqda tagħna li tilfet fil-passat. Mulej agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem fi ħdan il-wisq għażiża ommna Marija Santissima. Tlifna wkoll lill-eks President tas-Soċjetà Santa Marija, is-Sur Carmel Zahra, telfa oħra kbira għas-Soċjetà tagħna. "Nenu", kif kien magħruf, kienet għal qalbu wisq il-festa ad unur Santa Marija u kkontribwixxa bil-kbir sabiex is-Soċjetà tagħna timxi 'il quddiem u fil-fatt kisbet ħafna suċċessi. Grazzi Nenu! Għalkemm m'għadkomx magħna xorta ħa nibqgħu nħossukom daqslikieku għadkom magħna u ma ninsewkom qatt. Kondoljanzi lill-familjari u ħbieb. Nixtieq nagħti l-kondoljanzi wkoll lis-Soċjetà u lill-Għaqda tan-Nar Madonna tal-Ġilju li tilfet żewġ pirotekniċi li għamlu unur lil raħalna.

Però bħal ma tafu ma tistax tieqaf u trid tagħmel kuraġġ. Il-festa tal-Assunta hija marbuta ma' qalb l-Imqabbin u mal-Maltin kollha għax irridu nibqgħu niftakru fil-Konvoj ta' Santa Marija li salva l-antenati tagħna mill-kruha tal-gwerra. Kien bl-għajnuna ta' ommna Marija li missirijietna baqgħu jikkumbattu biex salvaw lill-poplu Malti mill-għadu. L-Għaqda tan-nar Santa Marija tal-Imqabba għamlet l-ewwel ħarqa f'Mejju fil-Port il-Kbir għall-inawgurazzjoni tal-*cruise liner* "Seabourne Ovation". Din il-ħarqa saret u kienet ta' suċċess kbir għall-għaqda tan-nar tagħna li mhux biss qalgħet tifħir lokali imma anke internazzjonali. L-għaqda tagħna reġgħet għamlet unur lis-Soċjetà tagħna bil-livell għoli ta' kwalità li kien hemm. Dawn in-nies ngħidilhom grazzi mill-qalb ta' kemm jistinkaw biex jagħtu isem lill-għaqda tan-nar tagħna. Ħadna sehem ukoll fil-festi tal-Munxar, tax-Xewkija u pparteċipajna wkoll ġewwa r-Rabat Għawdex għall-festa ta' San Ġorġ. Ħadna sehem ukoll fil-festival tan-nar li sar ġewwa l-Imqabba fejn il-membri tagħna reġgħu għamlu unur lill-għaqda tagħna. Wara dawn



*Il-membri tal-Għaqda tan-Nar ġewwa l-knisja*



*Is-Sur Joseph Camilleri flimkien mal-mibkija Carmel Zahra u Pawlu Sciberras*

imiss impenn ieħor ġewwa San Ġiljan u anke tas-Sliema għall-festa ta' Stella Maris. L-għaqda filwaqt li tirringrazzja lill-membri kollha tagħha li bħala għaqda waħda erġajna għamilna unur kbir lis-Soċjetà tagħna fl-2017 fil-festa fejn kellna nar ta' livell għoli u ta' veru klassi li kellna tifħir kbir mill-Maltin u l-Għawdxin u anke internazzjonalment. L-għaqda tan-nar tagħna saret rinomata sew mal-Maltin u anke mal-barranin għalhekk qiegħda terġa' tħejji programm ta' nar għal din is-sena.

Bħal ma tafu għandna teżor għani u ħiliet mhux tas-soltu fejn tidħol il-piroteknika. Is-snin dejjem igerbu u ma jiddispjaċini xejn tas-sehem tiegħi f'dan il-qasam tant għal qalbi. Meta nħares minn fejn tlaqna nħossni ferm sodisfatt b'dak li ksibna flimkien bħala għaqda waħda. Mingħajr tlaqliq ngħid li l-prodott tjieb u l-livell ta' saħħa u sigurta fil-post tan-nar tjiebet ħafna. Il-muftieħ ta' dan li nkiseb hu l-edukazzjoni informattiva u formattiva għalhekk il-ħaddiema tagħna huma aktar preparati.

L-għaqda tan-nar tagħna ħejjiet ukoll spettakli pirotekniċi għal matul il-ġimgħa kollha tal-festa fejn b'mod speċjali reġgħet qiegħda tipprepara għal spettaklu ieħor grandjuż f'lejlet il-festa li bħal dejjem ħa jkun hemm xi sorpriżi ġodda u kif ukoll sejjer ikun sinkronizzat mal-mużika li l-għaqda tagħna saret tant famuża għalihom. Barra dan, l-għaqda ħejjiet programm vast ta'murtali għal matul il-ġimgħa tal-festa li jkun jikkonsisti fi ħruq ta' murtaletti, murtaletti bil-logħob, murtali tal-kulur, murtali tal-beraq pront, sfejjer, disinji u blalen.

Barra n-nar tal-ajru, l-għaqda tagħna qiegħda tħejji programm ieħor vast ta' nar tal-art mekkanizzat għal matul il-ġimgħa tal-festa. Il-festi mingħajr nar ma jkunux kompluti u hija tradizzjoni impekkabbli li ħallewlna missirijietna għalhekk għandna nibqgħu ngħożżuha u nsaħħuha. Il-festi Maltin u Għawdxin jiġbdu ammont kbir ta' turisti lejn pajjiżna minħabba li l-pirotekniċi Maltin għandhom talent kbir f'dan il-qasam. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-membri tal-għaqda tan-nar tagħna u l-familji tagħna tas-sagrifiċċji li jagħmlu għalina biex inkunu nistgħu ntellgħu dawn l-ispettakli meraviljużi.

Għalhekk qiegħed nistieden lill-Maltin u l-Għawdxin kollha biex ma jitilfux dawn l-ispettakli hekk kbar li żgur tarahom biss ġewwa l-Imqabba fil-festa ta' Santa Marija. Kif tafu sabiex tkun tista' tesebixxi dawn l-ispettakli kbar hemm involuti spejjeż kbar. B'hekk l-għaqda tagħmel sagrifiċċji kbar biex tbiegħ xi nar lil festi oħra biex iddaħħal ftit finanzi biex tkun tista' tagħmel dan il-programm ta' nar hekk kbir. Peress li l-ispejjeż ilaħħqu ammonti kbar ta' flus dan ma jkunx biżżejjed, għalhekk bħalma dejjem nagħmlu, induru għall-ġenerożità tagħkom fejn dejjem kontu ġenerużi magħna sabiex inkunu nistgħu nagħmlu festa ad unur l-għażiża ommna Marija.

Wara d-diffikultajiet kollha li kelli rigward saħħti fejn għamilt ammont ta' xhur barra l-pajjiż għall-kura, irrid nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna tagħkom u nirringrazzja wkoll lil Santa Marija tal-grazzja li qalgħatli. Sfortunatament ma nistax intawwal għax l-ispazju huwa limitat, però rrid nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-għajnuna kbira li dejjem sibna min-naħa tiegħu, nixtieq nirringrazzja lill-għaqdiet kollha fi ħdan is-Soċjetà tagħna, nirringrazzja wkoll lill-partitarji u membri kollha ta' din is-Soċjetà li għandna qalb kbira immens. Nirringrazzja wkoll lill-kappillan u l-kleru kollu tal-għajnuna li nsibu mingħandhom. Inkompli bir-ringrazzjamenti billi nuri l-gratitudni tagħna lejn il-benefatturi kbar Wenzu Ellul tal-Elbros u lil ħutu kollha u t-tfal tiegħu li dejjem kienu ta' forċina għalina. Nirringrazzja wkoll lil Joe Zahra u t-tfal tiegħu tal-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom.

Nirringrazzja lill-benefatturi kollha tas-Soċjetà, nirringrazzja lis-Supretendent tal-pulizija is-Sur Sandro Gatt, lill-ispettura Charlotte Curmi u l-membri tal-korp tal-pulizija kollu li dejjem sibna għajnuna kbira min-naħa tagħhom. Ngħid grazzi wkoll lill-bandisti u lis-surmast tassew kapaċi David Agius. Grazzi lis-Sur Charlie Cascun mis-Siġġiewi tal-ixkejjer li jġibilna u grazzi wkoll lil Ġużi Galea.

Nispera li ma nsejt lil ħadd fir-ringrazzjamenti tiegħi u jekk sar hekk żgur li mhux b'intenzjoni u niskuża ruħi bil-quddiem. Irrid ukoll nirringrazzja lis-sidien tar-raba' li jħalluna nużaw l-għelieqi tagħhom. Jien il-*licensee* tal-kamra tan-nar Santa Marija tal-Imqabba, is-Sur Josef Camilleri, f'isem l-għaqda tan-nar nirringrazzja lis-Sur Benny Dingli, il-*licensee* tal-kamra tan-nar Madonna tal-Ġilju u lil sħabu kollha fi ħdan l-istess għaqda tal-ħbiberija sinċiera u kooperazzjoni bejn iż-żewġ għaqdiet u nawgura li din l-għaqda ta' bejnietna nkomplu nsaħħuha u nkomplu nkabbruha. Jalla l-Madonna żżomm idejha fuqna n-nies li naħdmu n-nar u tħarisna minn kull tiġrib, lilna u lill-familjari tagħna. Grazzi lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha li jiġu jżuruna ġewwa raħalna għall-festa wisq għażiża għalina Santa Marija.

Għeżież soċji u partitarji, inħeġġiġkom biex fil-jiem tal-festa ma ninsewx liż-żewġ Madonni li għandna ġewwa l-knisja u mmorru nitolbuhom l-għajnuna tagħhom biex dejjem iħarsuna. Nappella lil kulħadd li bħalma dejjem għamilna nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u niftakru li aħna lkoll aħwa Mqabbin. Grazzi mill-qalb għażiża ommna Marija, aħna lilek inħobbuk, dejjem żommna taħt mantarek u ħarisna minn kull gwaj. Grazzi Santa Marija, patruna universali!

--------------------

L-Għaqda tan-nar Santa Marija tal-Imqabba tirringrazzja mill-qalb lil kull membru fi ħdanha tas-servizz kbir li tagħtu b'tant dedikazzjoni u mħabba b'risq l-istess għaqda u għall-festa tal-patruna tagħna Santa Marija u b'risq is-Soċjetà tagħna li tant ngħożżu.
















Disney

















# Opportunities start with a conversation.

Some opportunities are a lifetime in the making. Some appear out if thin air. Some are achieved through hard work. The one thing they share is they all start with a conversation.

**We're ready to listen.**

**Call 2260 1000 | www.bnf.bank**

BNF Bank plc is a credit institution licensed by the MFSA to undertake the business of banking in terms of the Banking Act 1994.


ST. MARY FIREWORKS MQABBA - MALTA
presents
FIREWORKS SPECTACULAR
featuring the Tower of Light
14TH AUGUST
9:30PM
(TRIQ IL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA)
MQABBA BY-PASS
/santamarija
/santamarija815
/santamarijamqabba
www.santamarija.com
#TenKshots
St. Mary
FIREWORKS FACTORY
MALTA

Blue Grotto Avenue,
Żurrieq

Mobile:
**7741 2342**

VILLAGE CORE
BAKERY & CONFECTIONERY







*Mill-Imħażen tan-Nar tal-Art*

# Naħsdu l-frott ta' sena ħidma fil-jiem tal-festa ta' Santa Marija

**Joseph Briffa, f'isem l-għaqda tan-nar tal-art, jikteb dwar il-proċess ta' ħolqien ta' rdieden u dwar ix-xogħol li ma jaqta' xejn matul is-sena kollha.**

Għaddiet sena oħra u erġajna ninsabu ftit jiem 'il bogħod mill-Festa għażiża tagħna f'ġieħ il-Patruna Titulari Santa Marija. Wara sena sħiħa ta' ħidma u sagrifiċċju, inkunu qed nistennew il-Festa b'tant ħerqa għaliex fiha nkunu qegħdin naħsdu l-frott tal-ħidma li tkun saret.

Wara s-suċċess tal-festa tas-sena l-oħra, komplejna naħdmu u nibnu fuq dak li bnejna matul dawn l-aħħar snin. Sewwasew wara l-festa naddafna l-irdieden kollha u ġew ippustjati ġewwa l-imħażen, waqt li fl-istess ħin rajna jekk kienx hemm bżonn ta' xi tiswijiet fuq dawn l-irdieden. Eżatt wara beda jitfassal programm ta' kif ser naħdmu matul is-sena sabiex l-piż jintrefa bejn kemm jista' jkun iktar nies. Kulħadd ikollu biċċa li jrid jieħu ħsieb biex pass wara pass nibdew nibnu fuq xulxin biex ikollna l-prodott finali.

Din is-sena ffukajna biex noħorġu rdieden ġodda u fil-fatt, jekk il-bambin irid, ser ikollna tlett biċċiet kompletament ġodda. Dawn l-irdieden jeħtieġu ħafna ħsieb, ippjanar kif ukoll ħafna xogħol u spejjeż. Minn ħsieb, għal fuq il-karta, sakemm tinħaraq ir-raddiena. Proċess li jibda billi l-ewwel isir ħsieb ta' disinn u wara kif ser ikun ħa jaħdem id-disinn u b'liema proċess ser ikun qed jaħdem, bħal pereżempju mekkaniżmu jew *universal joint*, imbagħad jibda ħafna taħżiż fuq xi biċċa karta u provi fuq forom iżgħar. Kif ikun ċert li dan id-disinn jista' jsir, jibda jitpenġa għad-daqs li hemm bżonn sabiex imbagħad jibda x-xogħol tal-ħadid u njam u ħafna xogħol ieħor sakemm titlesta raddiena fost ħafna provi bl-idejn. Wara li x-xogħol ikun lest, jibda jitwaħħal il-gass u l-fintuna li jkunu ser jiffurmaw id-disinn u effetti oħra speċjali.



*Ingranaġġi għan-nar tal-art*

Matul is-sena ħadna ħsieb il-manutenzjoni neċessarja fuq l-imħażen u l-kmamar tan-nar li nkunu naħdmu fihom. Dejjem naraw li nagħmlu post li jkun iktar ta' kumdità sabiex wieħed jaħdem fih u li jkun wieħed li jkompli jnaqqas il-periklu billi jkun xogħol magħmul bil-kriterji neċessarji.

Għal din is-sena ser jerġa' jkollna ħarqa kbira varjata għal Lejlet il-Festa fejn apparti l-irdieden ġodda ser ikun hemm oħrajn b'disinni u effetti ġodda kif ukoll diversi funtani tal-kulur kif aħna sinonimi għalihom. Sejjer ikun hemm nar ieħor għal matul il-ġranet l-oħra tal-festa. Biex isir dan in-nar kollu, ikunu jeħtieġu ħafna flus għall-materjali, li ta' kull sena dejjem qegħdin jogħlew. Peress li l-Għaqda tan-Nar tal-Art tiġbor biss bit-tazza f'nhar il-Festa, dawn il-flus ma jkunux biżżejjed biex jinxtara l-materjal, għalhekk isir ħruq kemm tan-nar tal-art kif ukoll ta' stuppini u effetti oħra għal festi oħra. Fost l-oħrajn din is-sena għandna nar għal San Ġużepp tal-Imsida, Santa Venera ġewwa Santa Venera, u Stella Maris ġewwa tas-Sliema.

Minn qalbna nixtiequ nirringrazzjaw lill-voluntiera kollha ta' sena ħidma bla waqfien, li jaħdmu b'sagrifiċċju kbir. Ringrazzjament imur lejn dawk l-individwi kollha li jgħinu fejn ikun hemm bżonn, lil kull min joffri l-inġenji u vannijiet u kull tip ta' għodda oħra, kif ukoll lil dawk il-familji kollha li jinsabu fl-akwata tal-imħażen u fejn jintrama u jinħaraq in-nar tal-art. Grazzi ħafna tal-għajnuna u l-appoġġ tagħkom sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol għall-festa ta' Santa Marija.

Grazzi Santa Marija talli dejjem tbierek u kompli żomm idejk fuq dawk kollha li jaħdmu n-nar.

Viva Santa Marija, Patruna tagħna l-Imqabbin!



























# Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes



**Antoine Farrugia, f'isem il-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament Imqaddes u Paul Gauci, Rettur tal-Fratellanza tar-Rużarju jagħtu ħarsa lejn is-sehem tal-Fratellanza fil-festi tal-knisja.**

Għeżież Imqabbin, qegħdin fuq l-għatba tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, Patruna tal-Imqabbin. Permezz ta' dan l-artiklu qegħdin inwasslu leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes fil-ħidma tagħhom fil-parroċċa tal-Imqabba.

Wara li għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, il-Fratellanza ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju li ġiet iċċelebrata fit-tielet ġimgħa ta' Settembru mmexxija mill-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni.

F'Ottubru, il-Fratellanzi ħadu sehem fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju mmexxija mill-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes. Hekk kif għaddiet il-festa tal-Madonna tar-Rużarju, li ta' min jgħid ġiet iċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Ottubru, saret tiswija fuq l-istandart il-prim tal-fratellanza. Ringrazzjament speċjali lis-Sinjura Emmanuela Galea li ħadet ħsieb it-tiswija b'reqqa kbira. Dan ix-xogħol sar volontarjament.

Wara l-festa tal-Madonna tar-Rużarju, il-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament ħadet ħsieb torganizza l-pellegrinaġġ bl-istatwa devota ta' Santa Marija nhar l-1 ta' Novembru 2017. Dan il-pellegrinaġġ sar f'għeluq l-75 sena mill-miġja tal-Konvoj ta' Santa Marija ġewwa pajjiżna. Dan kien l-uniku pellegrinaġġ madwar il-gżejjer Maltin. F'dan il-pellegrinaġġ ħadu sehem ammont kbir ta' fratelli. Wara dan il-pellegrinaġġ inġabru fondi għar-restawr tal-kwadru titulari tal-Assunta biex jekk alla jrid jibda x-xogħol fuqu mingħajr telf ta' żmien.

Wara l-pellegrinaġġ devot u l-attendenza numeruża ta' Imqabbin, il-Fratellanzi ħadu sehem fil-quddies ta' Novembru li jkunu b'suffraġju għall-fratelli mejtin tal-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes. Fix-xahar ta' Diċembru l-fratelli tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni, festa ċċelebrata mill-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Matul ix-xhur ta' Jannar u Frar saru laqgħat ta' formazzjoni lill-fratelli biex fi ħruġ Marzu u dħul April, il-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament mexxiet il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, l-Adorazzjoni tal-Kwaranturi kif ukoll il-purċissjoni bis-Ssmu Sagrament f'għeluq il-festi tal-Kwaranturi. Ta' min isemmi li bosta fratelli ħadu sehem ukoll fiċ-Ċenaklu Ħaj organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fis-sotto-terran tas-Soċjetà Santa Marija bit-titlu "Aħna Nsara?!"

F'April, il-membri tal-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament ħadu sehem fil-funeral tal-Fratell is-Sur Carmel Zahra li ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar il-11 ta' April 2018. Is-Sur Zahra kien bniedem fejn barra li kien President Onorarju u eks President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, kien il-bniedem li nkarigani nieħu ħsieb u norganizza l-fratelli. Bniedem li kien dejjem puntwali f'kull okkażjoni u attività tal-fratellanza. Għalkemm mgħobbi bil-piż tal-mard, attenda għall-pellegrinaġġ li ħadem qatigħ għalih f'Novembru 2017. Il-ħajja trid tkompli, u fix-xahar ta' Mejju, ingħataw bidu għall-Erbgħat ta' Santa Marija



*Il-fratelli tar-Rużarju Mqaddes waqt il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju*

fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju saret ukoll il-Ġimgħa Marjana.

Fil-bidu tax-xahar ta' Ġunju, il-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament mexxiet il-purċissjoni ta' waħda mill-festi ewlenin tagħha; il-Festa ta' Corpus Christi. Hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex forsi fil-futur qasir terġa tibda' ssir il-festa tal-Qalb ta' Ġesù li filwaqt li f'dan il-jum issir quddiesa kantata, il-purċissjoni sfortunatament ma baqgħetx issir. Fix-xahar ta' Ġunju wkoll, eżattament fit-tielet ġimgħa, il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju.

L-appuntament li jmiss huwa nhar l-Erbatax u l-Ħmistax t'Awwissu fejn ser nieħdu sehem fit-traslazzjoni solenni u l-purċissjoni devota bil-vara ta' Santa Marija. Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendi l-funzjonijiet reliġjuzi li jkunu mifruxa fuq 3 ġimgħat sħaħ. Jibdew fid-29 ta' Lulju bil-ħruġ tal-vara min-niċċa sat-22 ta' Awwissu.

Nagħlaq dan il-messaġġ annwali billi nħeġġeġ iktar fratelli jieħdu sehem u jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-parroċċa, anke min ikun jista' jiġi u jagħti daqqa t'id fl-armar u fiż-żarmar tal-knisja fil-festi kollha billi jkellem lil xi ħadd mill-fratelli.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha!



*Il-fratelli tas-Ssmu Sagrament ġewwa l-knisja*

Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com

**Specialising In:**

- Skylights
- Fiber Glass Flag Poles
- Water Gutters
- Raised Flooring
- Manhole Covers
- Street Furniture
- Raised Flooring
- Liquid Membrane
- UPVC & Aluminium Apertures
- All Type Of Staircases







Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD



CASTELLETTI

SIMPLY
*delightful*

OPEN EVERY DAY FOR LUNCH & DINNER

Palazzo Castelletti | 62, St. Paul Street | Rabat
Tel. 21452562 | 99109911
www.palazzocastelletti.com





## *Ħidmet il-Kummissjoni WEB*



# Inkomplu nwasslu Leħen is-Soċjetà

**Mario Zammit f'isem il-Kummisjoni WEB jikteb dwar il-ħidma bla waqfien ta' din il-Kummisjoni matul is-sena kollha, b'mod speċjali l-ħidma bla heda li sseħħ fi preparazzjoni u matul il-jiem tal-festa Titulari ta' Santa Marija.**

Reġgħet għaddiet sena ħidma oħra u erġajna ninsabu qrib li niċċelebraw festa oħra tant għażiża għalina. Il-Kummissjoni WEB, bħal kull kummissjoni oħra f'din is-Soċjetà, kellha sena ħidma ferm impenjattiva li offriet diversi sfidi. Apparti x-xogħol ta' rutina li tieħu ħsieb din il-kummissjoni bħal teħid ta' ritratti u filmati waqt l-attivitajiet varji tas-Soċjetà, preparazzjoni ta' kartelluni u *flyers*, *promos*, *features* u ħafna aktar, din kompliet fuq diversi proġetti oħra, fosthom it-tkomplija tal-proġett Rakkont Ħaj li tant ġibed interess matul is-sena preċedenti.



*Uħud mill-membri tal-Kummissjoni WEB flimkien ma' Rita Saliba*

Il-proġett ta' Rakkont Ħaj bħalma diġà tafu jinkludi intervisti qosra ma' Mqabbin dwar l-esperjenzi u ġrajjiet tal-passat relatati ma' dan ir-raħal tant għal qalbna. Fuq talba speċjali minn ammont kbir ta' nies sabiex dan il-proġett jitkompla, il-Kummissjoni WEB kompliet tieħu intervisti u rakkonti ta' persuni Mqabbin, liema intervisti ser ikunu parti mit-tieni serje ta' dan il-proġett u ser ikunu qegħdin joħorġu fuq il-paġna ta' *Facebook* tas-Soċjetà iktar 'il quddiem. Relatat ma' dan il-proġett kellna talba mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sabiex il-Kummissjoni WEB ittella' preżentazzjoni dwar dan il-proġett waqt il-Festival tal-Ktieb li sar fuq il-Kampus tal-Università, liema preżentazzjoni ġibdet ċertu



*Il-Kummissjoni WEB waqt il-preżentazzjoni li saret waqt il-Festival tal-Ktieb*

interess minn studenti kif ukoll akkademiċi li kienu preżenti.

Matul din is-sena wkoll il-Kummissjoni WEB kompliet issaħħaħ il-preżenza tagħha fuq il-*media* soċjali fuq *Facebook, Instagram, YouTube* kif ukoll permezz tal-*website*.

Wieħed jista' jżomm ruħu aġġornat dwar l-attivitajiet tas-Soċjetà tagħna billi jżur dawn il-paġni:

Website: www.santamarija.com
Facebook: /santamarija
YouTube: /santamarija815
Instagram: /santamarijamqabba
ISSUU: /santamarija

Fl-aħħar tajjeb li wieħed ifakkar sabiex isir użu għaqli mit-teknoloġija sabiex b'hekk inkomplu ngħollu l-isem tas-Soċjetà tagħna kif ukoll inkomplu nesponu t-talenti u-rikkezzi li jinsabu fiha madwar id-dinja kollha. Ma jistax jonqos li ma nirringrazzjawx lilkom il-partitarji talli kull meta tlabna l-għajnuna tagħkom irrikorrejtu bi ħġarkom. F'ismi u f'isem sħabi kollha tal-Kummissjoni WEB, nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

Viva l-Patruna Universali, Santa Marija!

XAROLLA
DENTAL CLINIC

Open Monday to Saturday 8.00 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00

facebook.com/xarolladentalclinic

164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com





# Festa Santa Marija 2018

## Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

**It-Tnejn, 30 ta' Lulju**
*Bidu tal-Kwindiċina*
**6:30pm** Quddiesa solenni, talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kappillan Fr John P. Curmi**.

**It-Tlieta, 31 ta' Lulju**
*Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u l-Fratellanzi*
**6:30pm** Quddiesa. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Anton D'Amato**.

**L-Erbgħa, 1 ta' Awwissu**
*Jum is-Soċji u l-Benefatturi*
**6:30pm** Quddiesa. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

**Il-Ħamis, 2 ta' Awwissu**
*Jum it-Tfal*
**6:00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.
**6:30pm** Quddiesa. Mistiedna t-tfal kollha tal-parroċċa.
Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

**Il-Ġimgħa, 3 ta' Awwissu**
*Jum il-Morda u l-Anzjani*
**6:30pm** Quddiesa għall-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Patri Joseph Zahra OP**.

**Is-Sibt, 4 ta' Awwissu**
*Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa*
**6:30pm** Quddiesa b'suffraġju għall-mejtin tal-parroċċa, speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa sal-lum. Mistiedna l-qraba u l-ħbieb tagħhom.
Talba tal-kwindinċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kappillan Fr John P. Curmi**.

**Il-Ħadd, 5 ta' Awwissu**
*Jum il-Familji*
**6:30pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji. Mistiedna speċjali dawk il-koppji li din is-sena għalqu 25 u 50 sena miżżewġin. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

**It-Tnejn, 6 ta' Awwissu**
*Jum l-Għaqda tan-Nar*
**6:30pm** Quddiesa għall-membri u dilettanti tan-nar. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Patri Joseph Zahra OP**.

**It-Tlieta, 7 ta' Awwissu**
*Jum iż-Żgħażagħ*
**6:30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

**L-Erbgħa, 8 ta' Awwissu**
*Jum is-Saċerdoti, ir-Reliġjużi u l-Vokazzjonijiet*
**6:30pm** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-**Kappillan Fr John P. Curmi**.
Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Il-Ħamis, 9 ta' Awwissu**
*Ħruġ tal-Istatwa*
**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-kwindiċina u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.
**7:30pm** Isir il-ħruġ solenni tal-istatwa titulari ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja u wara jitkanta l-innu *Ave Maris Stella* u l-antifona. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

**Il-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu**
*Jum ta' talb għas-Saċerdoti li servew fil-parroċċa matul is-snin*
**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

**Is-Sibt, 11 ta' Awwissu**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*
**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes **Fr Anton D'Amato**. Jippriedka **Dun Noel Camilleri D'Amato**. Wara, talba tal-

kwindiċina, innu, *Salve Regina*, litanija, antifona u barka sagramentali.

**Il-Ħadd, 12 ta' Awwissu**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8:30am** Quddiesa kantata.
**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes il-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**. Jipprietka **Dun Noel Camilleri D'Amato**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn, 13 ta' Awwissu**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8:00am** Quddiesa kantata.
**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes **Fr Trevor Fairclough**. Jipprietka **Dun Noel Camilleri D'Amato**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tlieta, 14 ta' Awwissu**
*Lejlet il-Festa*

**8:00am** Quddiesa solenni minn **Fr Trevor Fairclough**. Wara jitkanta t-*Te Deum* u l-antifona *Beata Mater*.
**6:30pm** Transulazzjoni solenni tar-Relikwa minn Triq id-Duluri lejn il-Kappella tad-Duluri fejn isir l-inċensar tar-Relikwa u jsir it-talb. It-Transulazzjoni tkompli mit-Triq tan-nofs għal ħdejn il-Każin ta' Santa Marija u wara fil-Knisja. Wara *Salve Regina*. Imexxi l-**Mons. Etienne Sciberras**. Wara quddiesa kantata u ċelebrazzjoni ewkaristika, immexxija mill-**istess Monsinjur**.

**L-Erbgħa, 15 ta' Awwissu**
*Jum il-Festa*

**7:00am** Quddiesa letta mill-**Kappillan Fr John P. Curmi**.
**8:00am** Quddiesa letta minn **Fr Trevor Fairclough**.
**9:15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-**Kan. Dillon Bugeja**. Iqaddes **Fr Anton D'Amato**. Mistednin l-għaqdiet soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.
**11:15am** Quddiesa letta minn **Patri Joseph Zahra OP**.
**5:00pm** Quddiesa letta mill-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.
**6:00pm** Għasar solenni minn **Fr Anton D'Amato**. *Salve Regina* u innu.
**7:15pm** Purċissjoni bil-vara artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess ċelebrant.
**10:15pm** Antifona u ċelebrazzjoni ewkaristika.

**L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu**
*L-Ottava tal-Festa*

**6:30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, *Te Deum* u barka sagramentali.

N.B. Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Salv Galea OP.

QRAR: It-Tlieta 14 ta' Awwissu, ikun hawn diversi konfessuri għall-qrar bejn it-8:30am u l-11:00am u l-4:00pm u s-6:30pm.



# Programm Festi Esterni

**Il-Ħadd, 29 ta' Lulju**

**10.45am** Ħruġ tal-vara artistika u devota tal-Patruna Santa Marija, xogħol fl-injam mill-iskultar Xandru Farrugia, minn ġon-niċċa u titqiegħed għall-qima tad-devoti u tal-Imqabbin kollha.

**It-Tnejn, 30 ta' Lulju**

*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Mixegħla tal-knisja u tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħdu sehem l-aqwa talent Malti bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V.

*Matul il-ġranet tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja u s-Sede tas-Soċjetà.

**Il-Ħamis, 9 ta' Awwissu**

*Jum il-Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*

**7.30pm** Hekk kif il-Vara artistika u devota ta' Santa Marija tfeġġ fuq iz-zuntier, tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani. Mal-Banda tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbija, is-Sinjorina Roberta Mallia. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ningabru lkoll fil-knisja għal funzjoni qasira.

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda miz-zuntier tal-Knisja.

**Il-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu**

*Jum il-Banda*

**8.15pm** Marċ trijonfali mill-Banda Re Ġorġ V li jibda minn ħdejn il-bini Muniċipali tal-Kunsill.

**9.00pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tagħti bidu għall-ProgrammVokali u Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju tas-Sur Albert Marshall.Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

**Is-Sibt, 11 ta' Awwissu**

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cassar tibda marċ brijuż minn quddiem s-sede tas-Soċjetà għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem is-sede tas-Soċjetà.



**Il-Ħadd, 12 ta' Awwissu**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha John D. Zammit F.V.C.M. tibda marċ brijuż minn quddiem is-sede tas-Soċjetà madwar it-toroq ewlenin tar-raħal u li jintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**It-Tnejn, 13 ta' Awwissu**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**9.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji. Wara l-marċ jingħata bidu għal spettaklu kbir li jinkludi filmati awdjoviżivi u spettaklu mħejji mis-Sezzjoni Żgħażagħ fl-okkażjoni tal-25 sena anniversarju, fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

**It-Tlieta, 14 ta' Awwissu**
*Il-Vġili tal-Assunta*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tibda Programm Strumentali fuq il-planċier biswit is-sede tas-Soċjetà.

**8.30pm** Marċ mill-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM madwar it-toroq ewlenin.

**9.45pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tibda marċ madwar it-toroq ewlenin.

**L-Erbgħa, 15 ta' Awwissu**
*L-Għid tal-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Vara artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Vara matul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro Alfred Farrugia L.Mus. L.C.M issellem il-Vara Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Marija u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran is-Sinjura Elenor Cassar. Wara l-istess banda tkompli b'marċ qasir.

**8.45pm** Malli l-Vara tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro Alfred Farrugia L.Mus. L.C.M tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-Kav. Mro George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V mmexxija minn Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

**L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu**
*L-Ottava tal-Festa*

**7.30pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja kif ukoll tas-Sede tas-Soċjetà SantaMarija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

# Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ

**Għal darb'oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtu aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġu lilkom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi.**

**Il-Ħamis, 9 ta' Awwissu**
*Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*

**7:30pm** Wara li tilqa' l-Vara artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Santa Marija, Triq Santa Katarina, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq is-Sejba, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**Il-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu**
*Jum il-Banda*

**8:15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tagħmel marċ li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.

**Is-Sibt, 11 ta' Awwissu**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, Sqaq l-Isptar, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Dun Nikol Zammit, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq in-Nazzarenu, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq George Martin, Triq Mons. Alfons Caruana, Triq Xandru Farrugia, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Triq l-Imterrqa, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel, Triq San Bażilju u Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.



**Il-Ħadd, 12 ta' Awwissu**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha John D. Zammit F.V.C.M. tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq ix-Xriek, Triq il-Mitħna, Triq it-Troll, Triq il-Pal, Misraħ Ġublew tad-Djamanti, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Murselli, Triq Ħal Kirkop, Triq l-Ispnar, Triq il-Familja Brancati, Triq it-Torba, Triq iż-Żurrieq, Triq Saljatura, Triq il-Qrendi, Misraħ Ġublew tad-Djamanti, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

**It-Tnejn, 13 ta' Awwissu**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk: Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa mit-tarf, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**It-Tlieta, 14 ta' Awwissu**
*Lejlet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq it-Troll, Triq is-Sejba, Triq Santa Katarina, Triq San Innoċenzju, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tibda marċ minn quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**L-Erbgħa, 15 ta' Awwissu**
*L-Għid tal-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem is-sede tas-Soċjetà u jkompli għal Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** **Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt** id-direzzjoni ta' Mro Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Vara artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Vara matul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M, flimkien mal-kantanta Eleonor Cassar, issellem lill-Madonna bid-daqq tal-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif il-Vara tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi eks-Surmast il-Kav. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara, bis-sehem tal-istess kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro Leonard Farrugia. L-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Marija.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-festa b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

# Programm Piroteknikù

**It-Tnejn, 30 ta' Lulju**
*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali wara l-funzjoni tal-Kwindiċina tinħaraq kaxxa infernali u murtaletti.
**9.15pm** Ħruq ta' beraq pront u murtali tal-kulur.

**Il-Ħamis, 9 ta' Awwissu**
*Ħruġ tal-Vara Titulari fuq iz-Zuntier*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-Ħruġ tal-Vara fuq iz-Zuntier isir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**Is-Sibt, 11 ta' Awwissu**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

**Il-Ħadd, 12 ta' Awwissu**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

**It-Tnejn, 13 ta' Awwissu**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

**It-Tlieta, 14 ta' Awwissu**
*Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum* ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tat-Tranżulazzjoni jkun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u wirja kbira ta' settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir u innovattiv ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika li jinkludi salut, bombi sinkronizzati, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, it-Torri tad-Dawl, settijiet ta' murtali tradizzjonali tal-beraq pront, beraq tal-kulur, beraq bil-logħob u murtali tal-kulur. Ix-xogħol sinkronizzat se jinħaraq bis-sistemi kompjuterizzati *FireOne u Ten2*.
**11.30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

**L-Erbgħa, 15 ta' Awwissu**
*L-Għid tal-Assunta*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjat mid-daqq tas-sirena, segwit minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni bil-vara titulari u artistika ta' Santa Marija mnaqqxa fl-injam u mogħnija b'pedestall tal-fidda, jiġi sparat salut. Hekk kif l-vara devota tal-Patruna tal-Imqabba toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-'Ave Maria', tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li se tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor u li tkun maħruqa bis-sistema kompjuterizzata *FireOne*. Wara l-kaxxa infernali jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.

**9.00pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema* wara li l-Vara Titulari tkun waslet quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija, isir ħruq ta' kaxxa infernali, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**10:00pm** Hekk kif il-purċissjoni bil-vara tal-Patruna tal-Imqabba tkun se tidħol, isir ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur. Wara, fil-knisja, tingħata l-Barka Sagramentali flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lil Santa Marija.



**L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu**

*L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tar-repożizzjoni tinħaraq musketterija.



**Nota mill-Bord Editorjali**

**Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kull min għen sabiex jittella' dan il-programm vast ta' logħob tan-nar. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar u wkoll waqt il-ħruq.**

**L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar fl-2006 fil-Port il-Kbir, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata wkoll bir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma, l-Italja. Fl-2010 l-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija rebħet il-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fuq il-Fosos tal-Furjana. Fl-2014, l-Għaqda tan-Nar kompliet iżżid il-kullana ta' suċċessi permezz tal-premju tal-Artiġjanat, għal xogħol innovattiv.**

# Mechanical Ground Fireworks Display
# @
# Mqabba Square
# 14th August @ 23.30



/santamarija
/santamarija815
/santamarijamqabba
www.santamarija.com

# Dr Jessica Rita Galea

LL.B., Dip.Not.Pub, LL.D (Melit)

*Avukat*

tawgura l-Festa t-Tajba
lill-Koppin kollha

*Ħinijiet tal-Uffiċċju:*

**Ħal Kirkop**
224, Triq San Pietru
it-Tlieta mill-4.15pm sas-7.00pm

**Iż-Żurrieq**
117, 'Taħt ir-Raħal', Triq San Pawl
it-Tnejn u l-Ħamis
mill-5.00pm sas-7.00pm

Mob: 79971958





# Mariano's Garage

***Mariano D'Amato***



Spraybooth painting

**M: 99873335**
**E: marianodamato87@gmail.com**
**A: Triq San Ġwann, Kirkop**



## *Messaġġ mill-Klabb Tfal tat-Titular*

# Il-fjur u l-futur tas-Soċjetà

**Charmaine Azzopardi telenka l-ħidma li ssir fil-Klabb Tfal tat-Titular matul is-sena kollha.**

Kemm aħna kburin bikom! Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina meta naraw tbissima fuq dawn it-tfal li ta' kull ġimgħa jiġu bi ħġarhom għas-sessjonijiet li nkunu preparajna għalihom. U għalhekk nixtieq nibda dan l-artiklu billi nirringrazzja lill-ġenituri li b'dedikazzjoni kbira jġibu lit-tfal ħalli nqattgħu ftit ħin flimkien.

Kull tifel u tifla għandhom talent u għalhekk permezz ta' sessjonijiet differenti li nħejju għalihom ngħinuhom ħalli jegħlbu kull mistħija u flimkien jiżviluppaw dak it-talent. Il-kreattività tispikka fihom u naraw tibdil kbir wara sena ta' ħidma flimkien. Matul is-sena nippreparaw krafts għall-Milied, Jum l-Omm u Jum il-Missier bħala rigal għall-familjari. Kraft li ntgħoġbot ħafna kien il-presepju bil-pasturi li żgur li ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna ta' Leli Pace magħruf bħala s-*Senek*.



***Trick or Treat fil-Halloween f'raħalna***

Attività ferm mistennija minn dawn iċ-ċkejknin hija l-famuża *Trick or Treat* li norganizzaw fi żmien tal-*Halloween.* Kemm jieħdu gost li mmorru nduru mar-raħal u wiċċhom jixgħel bil-ferħ x'ħin jaraw il-borża tintela bil-ħelu. Min hawn nixtieq nirringrazzja pubblikament lil dawk il-partitarji li ta' kull sena joffrulna li nħabbtu l-bibien ta' djarhom biex iferrħu lil dawn iċ-ċkejknin.

Fi żmien il-Milied, bl-għajnuna tal-Kumitat Eżekuttiv, inħejju festin li jkun tant mistenni fejn ikollna atmosfera ta' logħob, kant, żfin u ma jonqosx xi ftit maġija. Kemm jifirħu xħin jasal il-*Father Christmas* u jqassmilhom ir-rigali. F'dan iż-żmien ukoll organizzajna t-tqassim tar-rigali fid-djar u *Breakfast with Santa* fejn filwaqt li nferrħu lil dawn it-tfal inkunu qegħdin inwasslu messaġġ għax l-għan ta' din l-attività kien li l-qligħ imur għall-Istrina.



***It-tfal waqt il-festin tal-Milied***

Ħejjejna wkoll programm speċjali din is-sena fejn kellna żewġ mistiedna waqt il-klabb tat-tfal. Iltqajna ma' Rita Saliba li hija kittieba Mqabbija li bit-talent kbir u mħabba li għandha lejn il-qari tellgħet sessjoni ferm interessanti li żgur li wasslet il-messaġġ mixtieq lil dawn it-tfal. Iltqajna wkoll ma' Olympia Sant, għalliema fil-mużika li b'dedikazzjoni introduċiet il-mużika permezz ta' logħob fejn ukoll kellna atmosfera sabiħa.



***Sessjoni tal-qari mat-tfal***

Nixtieq insemmi wkoll il-festin li tellajna fi żmien il-karnival. Barra minn hekk għamilna żifna ma' dawn it-tfal fejn konna mistednin għas-serata Karnivaleska li tittella' kull sena mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.


Open DAILY
06:00hrs - 22:00hrs
Step 'n' Shop
all your DAILY NEEDS
NOW OPEN
• Free Bottle of STEP IN WINE with a purchase of over €60
• €10 Voucher from Step In Restaurants with a purchase of over €100
Terms & Conditions Apply.
Step 'n' Shop • Zurrieq Centre • Zurrieq
T + 356 21681190 • M + 356 9944 2084




# Step in plus

RESTAURANT • BAR • LOUNGE

## Specialising in Pizza, Pasta & Grills


   


Wied iz-Zurrieq • Blue Grotto • Malta

T +356 2168 3104 • 9944 2084 E glengalea@hotmail.com Stepin Dine & Drink

www.stepinmalta.com



*It-tfal waqt it-tagħlim ta' żifna*



*It-tfal waqt sessjoni dwar il-pjanti*



*Żifna fl-attività tal-Karnival*



*It-tfal waqt li qegħdin jilagħbu*

Bqajna attivi sena sħiħa bla waqfien. Ma nistax ma nsemmix il-ħarġiet ukoll li kellna meta morna *Popeye Village* u ma jonqsux ukoll il-*picnics*. L-interess u l-konkorrenza ta' dawn iċ-ċkejknin jimliena b'aktar kuraġġ u enerġija u dan żgur ma kienx ikun possibbli mingħajr il-fiduċja li l-ġenituri ta' dawn iċ-ċkejknin għandhom fina l-amministraturi ta' dan il-klabb. Dan żgur ma jkunx possibbli mingħajr l-għajnuna ta' Maria Galea u Alison Falzon. Grazzi mill-qalb.

Qabel ma nagħlaq dawn il-kelmtejn nixtieq inwassal dan il-messaġġ li bħalma ħdimna flimkien sena sħiħa issa li qegħdin ftit jiem biss 'il bogħod mill-festa, nieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll wara niltaqgħu flimkien għall-marċi brijużi.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor għen biex ipprovdewlna materjal kemm għall-krafts kif ukoll bħala ġugarelli biex b'hekk stajna nferrħu lil dawn it-tfal.

Grazzi Madonna ta' mħabbtek għalina, ħarisna u ipproteġina kull mument.

Viva Santa Marija!

Go Reds
adoloxxenti TITULARI

Il-klabb Go Reds Adoloxxenti Titulari tħeġġeġ lill-adoloxxenti Mqabbin biex jingħaqdu ma' dan il-klabb biex nieħdu gost flimkien

*Messaġġ mill-Go Reds Adoloxxenti Titulari*



# Adoloxxenti mimlijin enerġija biex jiċċelebraw kif jixraq il-festa ta' Santa Marija

**Maria Galea tagħti ħarsa lejn il-frott li ħiereġ mill-Klabb *Go Reds*, Adoloxxenti Titulari**

Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd u hekk hu, wasalna biex niċċelebraw il-festa tar-raħal tagħna. It-tlugħ fis-sema t'Ommna Marija Santissma. Hija dik li tfarraġna u tqawwilna qlubna biex aħna nkunu nistgħu nimtlew bl-enerġija biex inkomplu nkabbru l-kultura u b'hekk flimkien inħejju festa kif jixirqilha.

Għaddiet sena oħra u wasalna fir-raba' sena mit-twaqqif tal-ħidma tagħna flimkien mal-klabb *Go Reds* Adoloxxenti Titulari. Meta mmur lura fiż-żmien niftakar li meta nibtet din l-idea, jien u Samantha Debono tkellimna mas-Segretarju ta' dak iż-żmien, is-Sur Carlo Sciberras, fejn wara ltqajna mal-Kumitat Eżekuttiv li kien immexxi mill-mibki iżda qatt minsi s-Sur Carmel Zahra, fejn minn hawn nixtieq inwassal il-kondoljanzi lill-familjari kollha tiegħu. Nenu dejjem emmen fina u dejjem tana pariri siewja biex inżommu saqajna mal-art u dejjem naħdmu b'għaqal kbir u nżommu l-għaqda bejnietna.

Dan il-klabb ġie mwaqqaf minħabba li bdejna naraw li kien hemm bżonn ta' tarġa ferm importanti għas-Soċjetà u din diġà bdiet tinħass. Kemm inħossuna kburin meta naraw il-ħidma ta' dawn il-membri li aħna nkunu diġà preparajna u għallimna l-involviment ta' kumitat, fejn għal darb'oħra tliet membri ngħaqdu mas-Sezzjoni Żgħażagħ u minn qalbi nixtieq nifraħ lil Michela Ellul, Karl Ellul u lil Pierre Farrugia. Nawguralkom għal aktar ħidma sfieqa fi ħdan is-Soċjetà.

Bħala klabb nagħmlu mezz li niltaqgħu darba fil-ġimgħa imma nifhmu wkoll li din l-età jiżdied ix-xogħol tal-edukazzjoni fejn irridu nimxu mar-realtà tal-ħajja. Dejjem ngħallmuhom kif iqassmu l-ħin tagħhom u l-ewwel il-prijoritajiet. L-edukazzjoni tiġi l-ewwel u qabel kollox. Imma fil-ħin liberu tagħhom jiġu jiltaqgħu flimkien fejn ikollhom laqgħat immexxija minnhom taħt osservazzjoni tagħna l-amministraturi u ngħinuhom ikabbru l-ideat u l-ħolm tagħhom, dejjem fejn hu possibbli. Dan żgur li mhux possibbli mingħajr l-għajnuna ta' sħabi Warren Bondin u Silvana Tabone.



*Pierre Farrugia, Karl Ellul u Michela Ellul*

Ta' kull sena dawn l-adoloxxenti jorganizzaw *Wine and Pizza* fix-xalata biex b'hekk ikun jista' jkollhom il-fondi għall-proġett li dawn ilhom jippjanaw għalih f'dawn l-aħħar erba' snin. Huma dejjem kienu ta' għajnuna għal kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà. Kienu attivi kemm fl-għajnuna ta' armar fi żmien il-festa kif ukoll dejjem urew inizjattiva biex jgħinu f'kull attività li tiġi organizzata.

Ma jonqosx li apparti l-ħidma tal-festa matul is-sena dawn l-adoloxxenti flimkien magħna norganizzaw *picnics*, *campings*, *night hikes*, *bbq's* fost oħrajn, fejn ngħinuhom jibnu ħbiberija bejniethom u dejjem nisħqu l-importanza tal-għaqda bejn il-membri u li għandna nifhmu u ngħinu lil xulxin. Kemm hu mportanti li kulħadd jiġbed ħabel wieħed u huwa dak li tagħqqad is-Soċjetà.

Nixtieq minn qalbi nawgura lil sħabna s-Sezzjoni Żgħażagħ għaċ-ċelebrazzjonijiet fl-anniversarju tal-25 sena ħidma żagħżugħa li nista' ngħid li tqanqalli ċertu nostalġija meta mmur lura fil-bidu ta' din is-Sezzjoni fejn kont membru mit-twaqqif tal-Ewwel Kumitat u fejn kien ta' unur kbir għalija li kelli x-xorti li mmexxi lil din is-Sezzjoni wisq għal qalbi fis-sena 2014/15.

Din is-sena wkoll ser niċċelebraw l-anniversarju wkoll importanti għas-Soċjetà, l-għoxrin sena mill-kisba tal-*Etoiles d'Or du Jumelage*. Ġemellaġġ ferm prestiġġjuż li wkoll kelli x-xorti li nesperjenza l-mument ta' meta morna din il-mawra ġewwa l-Italja.

Minn qalbi nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-adoloxxenti li ngħaqdu magħna u lill-familjari tagħhom, lis-soċji u l-partitarji kollha li għandhom għal qalbhom din il-festa tant kbira li niċċelebraw f'raħalna.

*Go Reds* Adoloxxenti Titulari … Kuraġġ… Aħna lkoll warajkom!

Viva l-Patruna ta' raħalna … Viva Santa Marija!







SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS

Mineral
Fibre Soffits

Demountable
Partitions

Bulkheads
and all kind of ceilings

Gypsum
Partitions

Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com

# Owen Sciberras

Għall-Ġid Komuni

Kandidat għall-Elezzjoni Kunsill Lokali Mqabba 2019 Jawgura Lilek u lill-Familja Tiegħek il-Festa t-Tajba



99476131

Kandidat_OwenSciberras@mail.com



TA' MANWEL FARMHOUSE
NADUR, GOZO

a perfect place for a relaxing & peaceful holiday

Mob: 7924 0971 fb: taManwel05

# Il-kultura sportiva fis-Soċjetà



**Jonathan Mifsud jelenka dwar il-qasam sportiv fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u dwar is-suċċessi miksuba matul l-istaġun li għadda.**

Il-qasam sportiv fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V kompla jkun attiv permezz ta' timijiet fil-logħba tal-*Pool*, kif ukoll bit-tim fil-logħba tad-*Darts*.

***St. Mary Pool Team Mqabba***

Fil-logħba tal-*Pool* din is-sena l-ewwel tim (St. Mary Mqabba A) kompla jilgħab fl-ogħla diviżjoni tal-*Premier*. Dan it-tim irnexxielu jitla' sal-kwarti tal-finali. It-tieni tim (St. Mary Mqabba B) din is-sena lagħab fit-Tielet Divizjoni u spiċċa fit-tielet post tal-kampjonat. Għal darb'oħra l-għaqda u l-armonija kienu kruċjali biex setgħu jinġiebu dawn ir-riżultati. F'dawn it-timijiet kien hemm xi plejers li laħqu livell verament tajjeb tant li kienu msejħin biex jilagħbu lil hinn minn xtutna f'diversi kampjonati sabiex jirrappreżentaw lis-Soċjetà u lil pajjiżna. Ryan Falzon li huwa membru fit-tim *St Mary A* rebaħ l-*Under 23 Malta European Championships* li saru f'Malta ġewwa d-Dolmen Hotel fi Frar li għadda. Troy Zammit lagħab ma' *Malta Team C Man* u ġew *runners up* fil-kompetizzjoni. L-istess Troy Zammit ġie fil-ħames post *overall* wara li tela' jirrappreżenta lis-Soċjetà u lil Malta fil-*European Pool Championships* ġewwa Blackpool. Joseph Zammit lagħab mal-*Malta Under 23 Team B*.

Sabiex setgħu jinkisbu dawn ir-riżultati ferm sbieħ għal din l-għaqda sportiva fi ħdan din is-Soċjetà, kien hemm ħidma oħra li saret sabiex dawn it-timijiet ikunu jistgħu jipprattikaw u jilagħbu f'ambjent addattat għal dan l-isport. Fost xogħlijiet li saru kien hemm it-tibdil taż-żewġ pannijiet tal-imwejjed tal-*billiards*. It-timijiet ipparteċipaw fid-diversi kompetizzjonijiet li organizzaw bejniethom ġewwa l-Każin. Sabiex ikunu jistgħu jinġabru xi fondi b'risq din l-għaqda sportiva, ġiet ukoll organizzata ikla bejn il-ħbieb ġewwa l-Każin. Din is-sena reġa' tnieda wkoll il-flokk uffiċjali




*It-tim St. Mary Mqabba A*




*It-tim St. Mary Mqabba B*



*Malta European Championships*




***Il-Gear uffiċjali li l-players jilbsu għal waqt il-logħob***

li l-membri jilbsu għal waqt il-logħob kompetittiv. Sabiex dawn il-flokkijiet setgħu jsiru, kellhom jinġiebu diversi riklami lokali kif ukoll internazzjonali. Minn hawn nieħu l-opportunità biex f'isem is-*St. Mary Pool Team* nirringrazzja lil dawk id-diversi kumpaniji li emmnu f'din l-għaqda u taw l-appoġġ tagħhom. Illum il-ġurnata l-logħba tal-*pool* saret parti mis-Soċjetà tagħna fejn ta' kuljum tara nies ġodda jieħdu interess u tfal jitgħallmu, kif ukoll tara nies jieħdu pjaċir iqattgħu siegħa żmien iħarsu lejn il-plejers jipprattikaw kif ukoll jagħtu l-appoġġ meħtieġ waqt il-logħob.

Għal aktar tagħrif dwar din l-għaqda tistgħu żżuru il-paġna ta' *Facebook/St Mary pool club Imqabba*

***St. Mary Mqabba Darts Team***

Il-logħba tad-*darts* reġgħat bdiet tkun ferm popolari fis-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Din is-sena it-tim kiseb aktar esperjenza f'din il-logħba fejn kien qiegħed jilgħab fit-tielet diviżjoni tal-*League* tal-*Malta Darts Association*. F'dan l-istaġun li għadu kemm intemm, *St. Mary Mqabba Darts Team* spiċċa fis-sebgħa post minn tnax u dan huwa ta' inkoraġġiment kbir għall-membri.

Matul is-sena saret ħidma sabiex tiġi rrinovata l-kamra ta' fejn jiġi pprattikat dan l-isport u bil-għajnuna tal-Kumitat Eżekuttiv tbajdet din l-istess kamra. Twaħħlet ukoll *scoreboard* ġdida elettronika, kif ukoll ġew imwaħħla *cameras* apposta fuq l-i*scoreboards* ħalli l-pubbliku jkun jista' jsegwi l-logħba minn postijiet oħra aktar komdi ġewwa l-istess Każin.



***St. Mary Mqabba Darts Team***




***Il-kamra attrezzata fejn tintlgħab il-logħba tad-darts***

Saru wkoll kompetizzjonijiet fejn bis-saħħa tagħhom inġabru xi fondi għal din l-għaqda. F'isem din l-għaqda nirringrazzja lill-i*sponsors* kollha li jemmnu f'din l-għaqda sabiex ikompli jsir l-investiment meħtieġ f'dan l-apparat tal-aħħar teknoloġija li huwa ferm bżonnjuż. Għall-istaġun tas-sena d-dieħla t-tim qiegħed iħares b'kuraġġ u determinazzjoni, dan ukoll wara li xi membri ġodda ser jingħaqdu fit-tim. It-tim diġà qiegħed jipprepara għall-*Malta Darts Open 2018* li ser isiru f'Novembru li ġej ġewwa Montekristo Estates. Nixtieq inħeġġeġ lil dawk kollha li jogħġobhom dan l-isport jew li jixtiequ jippruvawh biex jagħmlu kuntatt ma' xi membru tat-tim.

Għal aktar tagħrif dwar dan it-tim tistgħu żżuru l-paġna ta' *Facebook/St. Mary Darts Team*

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha!




# Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

## Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

---

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

Investiment
magħna ifisser...
dħul ta' imgħax
regolari għalik

Ċempel
2090 8100



Aragon House Business Centre,
Dragonara Road, St Julian's STJ 3140
Email: info@timberland-malta.com
**www.timberland-malta.com**

TIMBERLAND
SECURITIES INVESTMENT PLC.

L-investituri prospettivi għandhom iżommu f'moħħhom li l-bonds ma jistgħux jiġu mifdija jew imsarrfa qabel ma jimmaturaw. Jekk se tinvesti f'dan il-prodott, mhux se jkollok aċċess għal flusek qabel it-30 ta' Ġunju 2026. Madankollu, tista' tittrasferixxi jew tbigħ il-bonds tiegħek lil terzi persuni, dejjem skont it-termini tal-prospektus. Il-valur tal-investiment tiegħek jista' kemm jiżdied kif ukoll jonqos, u tista' titlef xi ftit jew l-ammont kollu li inti tkun investejt. Kopja tal-prospektus tista' tittieħed b'xejn mill-uffiċċini tagħna.

# Jack's
Eat House

*Pizzeria • Restaurant • Take Away*

*Triq il-Bizantini, Qrendi*

*2168 1546 • 7931 7233 • 9910 0308*

Find us on: facebook *Jack's Eat House*

# Tal-Pjazza




8, Triq Karmenu Ciantar,
Mqabba
**Tel: 99802446**
Email: jurgen.91@hotmail.com

Ħinijiet tal-Ftuħ
Mon - Friday
9:00 - 12:00 / 4:30 - 7:00
Saturday 9:00 - 1:00
Sunday 9:00 - 12:00

**Issibilna ħwejjeg tal-irġiel, nisa u tfal għal kull età bi prezzijiet raġonevoli**



# Anniversarju

## *25 sena ta' suċċessi … mit-twaqqif sal-lum*

**Samantha Debono tikteb dwar attivitajiet li sawru l-istorja tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija matul iż-żmien**

15 ta' Diċembru 1993 – Titwaqqaf fergħa oħra fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, dik tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, bl-ewwel attività uffiċjali tagħha tkun dik ta' quddiesa folk ġewwa l-kappella ta' San Bażilju.



*L-ewwel attività – Quddiesa folk ġewwa l-kappella ta' San Bażilju*

Milied tal-1993 – Inħareġ l-ewwel fuljett tas-Sezzjoni Żgħażagħ li tqassam lill-partitarji. Dan il-fuljett żgħir elenka l-attivitajiet varji li kienu ser jiġu organizzati. Dawn l-attivitajiet, għalkemm sempliċi, għenu sabiex is-Sezzjoni Żgħażagħ bdiet tiġbed lejha numru ta' żgħażagħ li eventwalment bdew jissieħbu fi ħdanha. Fl-istess żmien numru ta' żgħażagħ żejnu l-Każin internament ħalli tinħoloq l-atmosfera tal-Milied fejn intrebaħ il-premju tal-ewwel post għall-aqwa tiżjin tal-Faċċata tal-Każin.

4 ta' Frar 1994 – Waqt il-laqgha ġenerali annwali twaqqfu linji gwida biex din l-istess Sezzjoni Żgħażagħ tkun tista' timxi magħhom. Tajjeb li jintqal li sa din id-data s-Sezzjoni Żgħażagħ għalkemm waħda ġdida kienet diġà organizzat 19-il attività.

Marzu 1994 – Ingħata bidu għall-*Farell Snooker Competition*, ġentilment sponsorjata mis-Sur Joe Farrugia (Il-Farell). Tajjeb ukoll insemmu li sabiex aktar tfajliet jersqu lejn il-Każin, is-Sinjura Susan Ghigo għaqdet tim tan-*netball* li dam jilgħab f'*league* kompettitiv fis-sena 1994/5.

7 ta' Mejju 1994 – Attività li baqgħet tissemma u kellha konkorrenza tajba kienet attività li saret għal Jum l-Omm, fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv u l-fergħa tan-nisa organizzaw taħdida minn Dun Colin Apap u wara riċeviment għall-ommijiet preżenti. Mal-ommijiet Imqabbin



*Waqt l-attività tal-ommijiet u r-refuġjati tal-Bożnija*

ingħaqdu wkoll ommijiet u wliedhom, ilkoll refuġjati mill-Bożnja. Minbarra l-ferħ li qassmu maż-żgħażagħ tagħna, ingħataw kartolini ta' tifkira u rigali, kif ukoll donazzjoni finanzjarja li nġabret spontanjament minn fost il-mistiedna preżenti.

27 ta' Mejju 1994 – saret laqgħa ta' diskussjoni edukattiva. It-tema magħżula kienet 'Il-Valuri taż-Żgħażagħ f'Dinja Moderna.' Mexxa din l-attività Dun Colin Apap flimkien ma' żgħażagħ membri fi ħdan il-moviment Era Ġdida. Matul din l-attività, iż-żgħażagħ fi ħdan is-sezzjoni kellhom opportunità li jitħalltu ma' żgħażagħ oħrajn minn barra r-raħal u flimkien jaqsmu l-ideat tagħhom. Fil-fatt saru diversi *workshops* fejn iddiskutew diversi suġġetti li kienu jolqtu liż-żgħażagħ inġenerali.

Lulju - Awwissu 1994 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ ħadet ħsieb tagħmel flokkijiet, xorzijiet, flimkien ma'mkatar sabiex ikabbru l-briju waqt il-marċi. Id-disinn sar mis-Sur Patrick Ghigo u kienu sponsorjati mid-ditta Ribbons. Tqassmu b'xejn lill-membri u partitarji tas-Sezzjoni u tas-Soċjetà, iżda d-domanda kienet akbar minn dik mistennija. Fl-istess żmien is-Surmast Anthony Camilleri kkompona innu marċ intitolat 'Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija' li żżanżan fil-festa tal-1994. Inħareġ ukoll fuljett bil-kliem tal-marċi li tqassam mal-*cassettes* tal-marċi ġodda biex b'hekk ikun aktar faċli li l-partitarji jitgħallmu l-kliem.

8 ta' Awwissu 1994 u 31 ta' Diċembru 1994 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ kompliet taħdem u torganizza attivitajiet varji, fosthom żewġ żjarat fuq vapuri tal-gwerra, *HMS Ark Royal* u *HMS Invincible*. Is-Sezzjoni Żgħażagħ kellha sehem kbir fil-merħba li ngħatat lill-ekwipaġġ tal-*HMS Ark Royal* waqt żjara li għamel

mcsims


MAYPOLE
since 1900
White
Sliced Bread
100% Natural
NO Preservatives
Wholemeal
Sliced Bread
100% Natural
NO Preservatives
Source of Fibre
NO PRESERVATIVES 100% NATURAL NO PRESERVATIVES
NOW OPEN in Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba • Tel: 2258 1564 • Open from 6am till 10pm


Viri's
Take Away
Delivery fis-South kollu ta' Malta!
Opening Hours
Tuesday to Thursday: 6.30pm - 10.30pm
Friday to Sunday: 6.30pm - 11.00pm
28, The Strand, Kalkara
Tel: 2180 2993 Mob: 9961 8728, 9980 2763



*Żjarat mill ekwipaġġ ta' fuq l-HMS Ark Royal fl-Imqabba għall-Festa Titulari*

ġewwa l-Imqabba għall-Festa Titulari. Iż-żgħażagħ ħadu sehem f'diversi laqgħat kemm fuq bażi lokali fl-Imqabba stess kif ukoll fuq bażi nazzjonali. Ġew organizzati diversi attivitajiet soċjali oħra, fosthom *disco* fis-sala tal-Imqabba FC u ieħor fit-Tremors Discotheque f'Paceville.

25 ta' Settembru 1994 – *Fun Run* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ fejn inġabru flus għall-għaqda tal-karità *Cash For Cancer*. F'din il-*fun run* kienu ħadu sehem 'il fuq minn 60 atleta u nġabru Lm617.23, li għal dak iż-żmien kienet somma ferm sabiħa.

15 ta' Marzu 1995 - Issejħet laqgħa minħabba l-fatt li s-Sezzjoni Żgħażagħ kienet donnha sparixxiet minħabba li tnaqqsu l-ammont ta' attivitajiet li kienu qed isiru minn din is-sezzjoni u kienet tidher xi ħaġa inkwetanti. Wara ftit jiem tqassmet ċirkolari liż-żgħażagħ kollha tas-Soċjetà li kienu mistiedna għal-laqgħa importanti li kellha ssir il-Ħadd 28 ta' April 1996. Is-suġġett prinċipali kien il-futur tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Jidher li din il-laqgħa ħalliet riżultati pożittivi ferm tant li ftit jiem wara, fit-3 ta' Mejju 1996, saret elezzjoni għall-ħatra ta' kumitat ġdid għas-Sezzjoni Żgħażagħ sabiex imexxi għas-sena 1996/1997.



*Trophies li tqassmu waqt in-Nardu Farrugia Cup*

29 ta' Ġunju 1996 – ingħata bidu għat-*tournament* li kellu popolarità għal diversi snin wara, in-*Nardu Farrugia Cup*. Dan it-*tournament* tal-futbol ħa l-forma ta' *7-a-side* u l-logħob kollu sar matul ġurnata waħda. Kif jindika ismu, dan sar b'tifkira xierqa tal-eks President Onorarju u eks Bandist Leonard Farrugia li kien għadu kif miet ftit xhur qabel.

Lulju 1996 – Inħarġet l-ewwel rivista 'Leħen iż-Żgħażagħ' li kienet pubblikazzjoni li toħroġ kull xahar u kienet miktuba mill-aħwa Antoine Sciberras u Elvin Sciberras li kienet tqassmet lill-membri kollha. L-aħħar pubblikazzjoni (Ħarġa Nru. 10) tkun f'April 1997. F'dan ix-xahar is-Sezzjoni Żgħażagħ kellha sehem kbir fil-bidu tal-ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà għamlet mal-banda Taljana ta' Santa Vittoria in Matenano f'Ascoli Piceno. Il-moħħ wara dan il-ġemellaġġ kien il-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ innifsu, Alfred Galea. Dan kellu appoġġ qawwi mill-Kumitat Eżekuttiv, mis-Surmast u mill-bandisti tal-Banda Re Ġorġ V. Waqt il-mawra tal-Banda fl-Italja f'Lulju tal-1996, diversi żgħażagħ għamlu ħbiberiji ġodda ma' żgħażagħ oħra Taljani tal-lokal.



*L-ewwel blood drive ġewwa l-Każin*

25 ta' Lulju 1996 – Saret l-ewwel *blood drive* ġewwa l-Każin tas-Soċjetà fejn kellu jsir xi rranġar ġewwa s-sede tas-Soċjetà biex ikun jista' jospita din l-attività. Għal din l-attività nobbli attendew ħafna partitarji tant li bla kull mistenni s-Soċjetà ġiet irregalata bi plakka kommemorattiva f'April tal-1997 bħala s-Soċjetà Mużikali bl-akbar numru ta' donaturi tad-demm.

22 ta'Awwissu 1996 – ġie mniedi s-sit elettroniku tas-Soċjetà santamarija.com, bl-idea ta' Mario Mifsud, waqt Lejla Maltija li kienet qiegħda tiġi organizzata fl-Ottava.

1998 – Il-Ħidma kompliet u saru diversi attivitajiet organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ, fosthom *Discos*, *football tournaments*, ikliet, *karaoke night* u anke *tournament tas-Snooker*.

Ottubru 1999 – Ġiet organizzata l-ewwel tellieqa taż-żwiemel fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha ġewwa raħalna. Kienet attività li ġibdet ħafna nies mhux biss mill-Imqabba iżda minn madwar Malta kollha.

Diċembru 1999 - Saret attività li ma tantx kienet komuni, il-*Play Station Tournament,* fejn dan għadu jsir sal-ġurnata tal-lum.

2001 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet qabdet tissaħħaħ sewwa, b'aktar membri jingħaqdu ma' din is-Sezzjoni prezzjuża ġewwa s-Soċjetà. Din is-sena l-imħuħ fis-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbu sabiex issir

l-ewwel sorpriża għall-briju. Ġiet imfassla u ppjanata mrewħa tad-drapp b'pittura artistika tal-Madonna fuqa. Ix-xogħol tal-istruttura kien sar minn partitarji tas-Soċjetà mmexxija minn Ivan Falzon u l-pittura u d-disinn saru minn Andrew Bugeja, filwaqt li t-tfassil sar minn Mario Camilleri.

2004 – Din is-sena kien imiss li ssir sorpriża oħra, li kienet opra artistika. Is-Sezzjoni Żgħażagħ bdiet ix-xogħol fuq bandalora kbira, li kienet titla' b'sistema tal-*hydraulic*. Grupp ta' partitarji ħadmu biex din is-sorpriża tkun waħda mill-isbaħ opri li għandna, il-pittura fuq din il-bandalora saret minn Alvin Livori, li għal xi żmien kien ukoll membru tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Fl-istess sena, fl-Ottava ġie organizzat għall-ewwel darba l-*Imqabba Music Festival* fejn ra diversi parteċipanti ta' etajiet u ġeneru differenti.



Id-diversi sorpriżi li saru

2005 – Kienet sena speċjali oħra għas-Sezzjoni Żgħażagħ hekk kif beda x-xogħol fuq skambju kulturi uniku ġewwa raħalna. Grupp ta' żgħażagħ minn Ciro, raħal żgħir ġewwa Calabria l-Italja li kienu parti minn għaqda li jisimha ACLI, ġie Malta fil-ġimgħa tal-festa fejn saru *workshops* u attivitajiet oħra bejn dan il-grupp u grupp ta' żgħażagħ partitarji tas-Soċjetà tagħna. Dawk iż-żgħażagħ gawdew magħna l-festa li ġiet organizzata dik is-sena, li għalihom kienet xi ħaġa ġdida u li qatt ma esperjenzaw. Fl-istess festa s-Sezzjoni Żgħażagħ għamlet għall-ewwel darba *show* bil-karti biex jikkumplimenta l-briju tat-Tielet Jum tat-Tridu permezz ta' kanuni jaħdmu bl-arja. F'din l-istess sena tajjeb li ngħdu li f'Mejju ġiet organizzata għall-ewwel darba l-Ġimgħa Marjana li kienet tikkonsisti f'wirja ta' statwi u pitturi marjani kif ukoll ġimgħa ta' taħdidiet minn kelliema fuq il-Madonna.



Il-Parteċipanti tal-Iskambju Kulturali f'Malta

2006 – Ix-xogħol tas-Sezzjoni baqa' jikber u dejjem jimmodernizza. F'Mejju s-Sezzjoni Żgħażagħ ħarġet l-ewwel rivista "It-Titular", ktejjeb żgħir b'diversi artikli interessanti. F'Lulju imbagħad kien imiss li grupp ta' żgħażagħ ikomplu l-iskambju kulturali u telgħu l-Italja biex iqattgħu sebat ijiem ta' attivitajiet diversi. Dan il-grupp kellu esperjenza pożittiva ħafna, fejn inbnew ħafna relazzjonijiet tajbin bejn iż-żgħażagħ tagħna u dawk taljani.Għall-ewwel darba fl-istorja tas-



Il-Parteċipanti tal-Iskambju Kulturali fl-Italja

Soċjetà u f'raħalna ġie organizzat l-ewwel Presepju Ħaj ġewwa l-Isptar il-Qadim fl-Imqabba. Ix-xogħol kollu biex dan il-post jinbidel f'villaġġ ta' żmien it-twelid ta' Sidna Ġesù sar kollu mill-partitarji, kif ukoll bil-parteċipazzjoni ta' nies bħala personaġġi f'dan il-presepju kienet tvarja minn tfal sa nies anzjani. Kienet esperjenza unika u ta' suċċess kbir li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-Imqabbin kif ukoll żaruna numru kbir ta' barranin.



Il-Parteċipanti tal-ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba

2007 – Kif nistgħu naraw matul is-snin is-Sezzjoni Żgħażagħ mhux talli waqfet taħdem, iżda bdiet torganizza dejjem aktar attivitajiet differenti fuq skala nazzjonali u tipprepara affarijiet kbar ad unur il-festa tal-Patruna tagħna. L-2007 kienet sena fejn bdiet tiġi organizzata għall-ewwel darba fuq skala ħafna iżgħar dik li sal-ġurnata tal-lum saret waħda mill-ikbar wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ġewwa pajjiżna, *La Semana Santa*. Is-Sezzjoni Żgħażagħ bdiet diskussjoni ma' Michael Chetcuti, il-proprjetarju ta' sett statwi tal-Ġimgħa Mqaddsa replika ta' dik iċċelebrata fi Spanja. Dik is-sena il-wirja kienet mifruxa biss fuq żewġt

# JMA Aluminium works



Joseph Mizzi Aluminium works

**FREE QUOTATIONS**

Address Work shop & Office
LQA040A
Luqa industrial estate
Luqa,MALTA.

mob : 99445686

Email : mizalum@gmail.com

For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works.

We fabricate aluminium apertures like doors & windows with new profiles and a large range of colours .

We cater for customer made structure as greenhouse,verandas,skylight,facades and more.

Call for free quotation for :



- Louvers fixed & adjustable
- Double glazed apertures (with Argon Gas)
- Showers & Partitions
- Insect screens & Roller nets
- Hinged , Sliding & Revolving apertures
- Maltese Balcony's , Stairs & Handrails
- Security Main Doors
- Arched apertures & Folding doors



We do also Soffit Ceilings in Mineral Fibre & Gypsum in various models




3M Kebab House
34, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
3m KEBAB HOUSE
FREE DELIVERY minimum order of €10
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday: 11am till Late


3M Take Away
32, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
FREE DELIVERY minimum order of €10
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday: 4pm till Late


BIMBI
Baby Shop
• Hospital List
• Pram & Pushchairs
• Car Seats & Child Safety
• Cots & Cotbeds
• Maternity Underwear
• Baby Clothes and Accessories
• Toys and Gifts
• And much much more ....
Main Street, Siġġiewi (Pjazza San Nikola)
Mob: 99223963
Triq Mahatma Gandhi, Fgura

iswali, dik tal-Banda u s-sala tal-Pittura. Illum il-ġurnata din il-wirja tiġi organizzata fuq livell għola u mifruxa tista' tgħid madwar is-sede kollu tas-Soċjetà.


L-Inawgurazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-wirja
La Semana Santa España fl-Imqabba

Fl-2007 is-Sezzjoni Żgħażagħ għamlet pass ieħor kbir 'il quddiem, għall-ewwel sena sar l-Marċ Organizzat tat-Tielet Jum tat-Tridu, fejn kien hemm spettaklu kbir ta' nar sinkronizzat mal-banda u żżanżnu wkoll żewġ umbrelluni uniċi, bil-pittura ssir kollha minn Alvin Livori.

2008 – il-15 anniversarju mit-twaqqif ta' din l-akbar Sezzjoni Żgħażagħ f'raħalna. 15 il-sena fejn ix-xogħol minn dawn iż-żgħażagħ ma waqaf xejn u dejjem kiber u sar innovattiv matul is-snin. Għall-ewwel darba kien ġie organizzat dak li sal-ġurnata tal-lum għadu magħruf bħala l-*Pool Party*, attività mfittxija ħafna minn bosta partitarji fil-ġranet sħan tas-sajf. L-ewwel *Pool Party* kien ġie organizat ġewwa propjetà privata ġewwa l-Qrendi, fejn kienet saret ikla f'atmosfera sajfija u ta' Festa. Bħal snin oħra, però din id-darba fuq skala akbar, il-preparamenti għall-Festa Titulari kienu kbar minħabba li kien qed jitfakkar anniversarju speċjali. Grupp ta' partitarji ħadmu bla qies fuq opra oħra straordinarja, il-Gwarniċun il-Kbir, biċċa arti mekkanizzata, unika għal raħalna. Ix-xogħol ta' mekkaniżmu tajjeb li ngħidu li kien xogħol il-partitarju Jerry Ghigo li għamel biċċa xogħol kbira u ta' kapaċità u l-pittura saret minn Alvin Livori għal darb'oħra u id-disinn tal-gwarniċ sar minn Patrick Ghigo. Din is-sorpriża kienet tikkumplimenta l-marċ organizzat li sar fit-Tielet Jum tat-Tridu. Kienet sena oħra memorabbli


L-ewwel Ċenaklu Ħaj fl-Imqabba

mnaqqxa fl-istorja tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

2009 – tajjeb li ngħidu li bosta attivijiet li saru fi snin preċedenti kienu baqgħu jsiru u saru parti mill-kalendarju t'attivitajiet, fosthom il-*Pool Party*, Ġimgħa Marjana u l-Wirja prezzjuża 'La Semana Santa'. Din is-sena flimkien ma' din il-wirja ġie organizzat ukoll iċ-Ċenaklu Ħaj, fis-sotterran tal-Każin, fejn kien jikkonsisti f'xena ħajja tal-aħħar ċena li Ġesù kellu mal-appostli. Kien ta' suċċess kbir u kien fih ħafna xogħol biex dan ittella', però bix-xogħol taż-żgħażagħ u l-għajnuna tal-partitarji dan seta' jseħħ u jkun ta' suċċess.

2010 – Hekk kif is-Soċjetà dejjem baqgħet tikber u tiffjorixxi, is-Sezzjoni Żgħażagħ bdiet taħseb biex tolqot kull fergħa fis-Soċjetà, u kien hawnhekk fejn nibtet l-idea li jsir grupp iffukat fuq it-tfal tas-Soċjetà. Wara ħafna ħsibijiet u preparamenti, nhar l-20 ta' Novembru tal-istess sena saret l-ewwel attività, il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-klabb, fejn kien sar festin għal dawk it-tfal kollha tas-Soċjetà. Wara dan l-ewwel avveniment, kull nhar ta' sibt wara nofsinhar, membri mis-Sezzjoni Żgħażagħ kienu jlaqqgħu lil dawn it-tfal u jagħmlulhom xi logħob u xogħol kreattiv. Maż-żmien dan il-grupp dejjem baqa' jikber li sa din is-sena stess għadu attiv u jorganizza diversi attivitajiet għaċ-ċkejknin tagħna. F'dik is-sena ukoll is-Sezzjoni Żgħażagħ reġgħet organizzat il-Presepju Ħaj ġewwa biċċa art fil-Bypass tal-Imqabba, fejn għal darb'oħra kien ta' suċċess kbir, bi żjarat ta' eluf ta' Maltin u barranin.

2011 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kompliet dejjem torganizza u taħdem għall-festa tal-Assunta. Din is-sena kien imiss li tidħol attività oħra fil-kalendarju tagħha, dik tas-Serata Karnivaleska. Kienet serata divertenti ġewwa l-pjazza ta' quddiem il-Każin, mimlija divertiment, żfin, kant, reċtar u ikel. Mill-kbar saċ-ċkejknin kellhom serata ta' divertiment ippreparata għalihom minn membri stess tal-kumitat kif ukoll partitarji tas-Soċjetà. F'din is-sena wkoll sar il-Presepju statiku mal-faċċata tal-Każin għal żmien il-Milied, xogħol ta' Patrick Ghigo li kompla jsebbaħ it-tiżjin tas-Sede għal dan iż-żmien ta' festi.

2012 – Propju fit-23 ta' Frar, is-Sezzjoni Żgħażagħ ingħatat Rikonoxximent Nazzjonali f'Ġieħ il-Kreattività u l-innovazzjoni għax-xogħol fuq il-Gwarniċun Mekkanizzat. Dan wera kemm din is-Soċjetà għandna nies kapaċi. F'Diċembru tal-2012 reġa' sar il-Presepju Ħaj, b'elementi ġodda. Tajjeb li jintqal li dan il-Presepju Ħaj rebaħ l-Isbaħ Presepju Ħaj b'95% tal-voti. Dan wassal sabiex fi Frar tal-2013 is-Sezzjoni Żgħażagħ ġiet ippremjata bl-unur minn *The Malta Records* għall-akbar Presepju Ħaj.

2013 – Din is-sena kien imiss li jiġi ċċelebrat l-20 anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Bla dubju kien hemm ċelebrazzjonijiet kbar speċjalment fit-Tielet Jum tat-Tridu. Il-ftuħ uffiċjali ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet bdew propju fit-28 t'Ottubru 2012 b'Quddiesa ta' Ringrazzjament u ġie ppreżentat il-

*logo* uffiċjali lill-Kumitat Eżekuttiv. Fl-istess ġurnata, membri mis-Sezzjoni Żgħażagħ ħawwlu żewġ siġriet żgħar fil-pjazza tal-Imqabba bħala tifkira ta' dan l-anniversarju.



***Il-pavaljun mal-faċċata tal-Każin***

Fil-festa ta' dik is-sena is-Sezzjoni Żgħażagħ iffinanzjat pavaljun li ġie mdendel mal-gallarija tal-faċċata tal-Każin, li għadu biċċa armar imprezzabli li jagħti dehra sabiħa lill-faċċata fil-ġimgħa tal-festa. Fil-marċ tat-Tielet Jum tat-Tridu fost ħafna briju u spettaklu spikka n-nar mal-mużika li sar minn fuq il-bejt tas-sede tas-Soċjetà.



***In-nar sinkronizzat mal-mużika li sar minn fuq il-bejt tal-Każin***

2014 – Sena impenjattiva u b'ħafna elementi, ideat u attivitajiet ġodda għas-Sezzjoni Żgħażagħ. Għall-ewwel sena kienet saret l-attività ħelwa għat-tfal fi żmien il-*Halloween*, dik ta' *Trick or Treat*, fejn iċ-ċkejknin tagħna ħarġu jħabbtu bibien tal-partitarji



***L-istatwa tal-Esperanza Macarena***

għall-ħelu. Din l-attività kibret ferm matul iż-żmien, tant li t-tfal ikollhom jinqasmu f'żewġ gruppi minħabba l-ammont konsiderevoli ta' tfal li jattendu. Matul is-sena saru diversi attivitajiet oħra innovattivi fosthom il-50 siegħa maratona tal-liedna u l-attività Milied Imdawwal. Attività li kienet reġgħet ħadet il-ħajja kienet il-*Blood Drive*, fejn ħafna nies miż-żewġ Soċjetajiet Mużikali ġewwa raħalna ngħaqdu għal għan wieħed ġewwa s-sede ta-Soċjetà tagħna. Bħal snin preċedenti saret il-wirja *La Semana Santa*, però din id-darba b'element ġdid, is-Sur Michael Chetcuti u l-familja tiegħu ħallsu statwa *lifesize* tal-Esperanza Macarena, li ġiet maħduma mill-bravu Michael Cutajar Zahra.

Proġett kbir li beda x-xogħol fuqu kien il-Proġett Qalb Żagħżugħa, Festi Inklussivi, li kien proġett ta' livell nazzjonali fejn saru diversi *workshops*, intervisti u studju dwar iż-żgħażagħ, il-festi u l-integrità fi ħdan is-Soċjetajiet. Minnu ħarġet ħafna informazzjoni utli u ta' interess kbir.

2015 – Din is-sena kienet l-ewwel sena fejn il-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kellu President tas-sess femininili, is-Sinjura Maria Galea. L-attivitajiet bdew b'BBQ fejn il-baħar biex jagħlqu s-Sajf u komplew billi laqqgħu ż-żgħażagħ fuq il-bejt tal-Każin biex flimkien isegwu l-*airshow*. Sar ukoll l-ewwel darba *picnic* fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin. Din is-sena wkoll ġiet inawgurata statwa oħra kkummissjonata mis-Sur Michael Chetcuti, xogħol ta' Michael Cutajar Zahra, dik tal-El Cautivo.

Xi ħaġa li kienet ilha ma ssir snin twal kienet reċta jew aħjar kummiedja fuq il-Palk, miktuba minn Patrick Ghigo u l-atturi kienu kollha membri tas-Soċjetà. Kienet serata ta' divertiment għall-familja kollha, bis-sehem ukoll tal-membri tal-Klabb *Go Reds* – Adolexxenti Titulari li għamlu *sketch* żgħir miktuba minnhom stess.

2016 – Din is-sena is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet komposta minn membri esperjenzati kif ukoll ħafna membri ġodda. Bħal snin preċedenti, il-membri tal-kumitat ma waqfux u ħadmu bla qies sena sħiħa. Fl-attività Milied Imdawwal raw li joħorġu b'ideat ġodda biex dejjem ikunu innovattivi. Fiż-żmien il-festa kienu ħarġu bl-idea li ssir replika tal-bandiera ta' fuq il-każin li kienet iffinanzjata mill-istess Sezzjoni biex titgawda għal waqt il-briju fil-marċ. Din is-sena l-briju tal-Marċ fit-Tielet Jum tat-Tridu wkoll kien ta' suċċess kbir fejn sar briju kbir, bi spettaklu tan-nar sinkronizzat mal-mużika.

2017 – Kumitat b'membri tista' tgħid kważi kollha ġodda għajr ftit li kellhom xi snin t'esperjenza. Però din ma waqfitx lil dak il-grupp ta' żgħażagħ milli jaħdmu, jirsistu u jitgħallmu. Fi żmien l-Għid reġgħu taw il-ħajja lis-sotteran tal-każin billi organizzaw dramm b'messaġġ. Tajjeb li jingħad li dan kien kollu frott tal-ħidma tal-membri tal-istess sezzjoni, bl-għajnuna ta' diversi partitarji. F'Mejju saret ukoll għall-ewwel darba l-attività *Healthy Vibes*, li kienet milqugħa sew


JADE
JEWELLERY AND GIFTS
23A
Find us on: facebook
JADE JEWELLERS
JEWELLERY & GIFTS
23A VJAL IL- HELSIEN
ZEBBUG
Tel:21463833
www.chiarojewels.com
email:jadejewellers3@gmail.com
FOSSIL jewels & watches
LAURA BIAGIOTTI
BYBLOS jewels
KIOTO pearls
ACCURIST watches
PIERRE LANNIER watches
GOLD &SILVER jewellery


Charlie It-Tirxa
GHAL XOGHOL
TA' QTUGH TA' BLAT, MINI SKIP,
THAMMIL, TWAQQIGH TA' BINI, XOGHOL BIL-
KUMPRESSUR, ROCK CAT,
ĠARR TA' TORBA, RAMEL, ŻRAR U ĠEBEL,
KIRI TA' BOB CATS, EXCAVATORS U HI-UP
7927 7420



*L-attività Healthy Vibes*

mill-partitarji tas-Soċjetà u ħafna oħrajn. F'din l-attività kien hemm *Penalty Shoot Out* u ħafna attivitajiet oħra sportivi fil-pjazza. Fi żmien il-Milied apparti l-attività annwali Milied Imdawwal b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Eżekuttiv, ġie organizzat Presepju Ħaj ġewwa Monte Kristo Estates. Kienet sena oħra ta' suċċess li waslet għal sena oħra memorabbli.

2018 - Sena b'anniversarju importanti ħafna għas-Soċjetà tagħna u wisq aktar għas-Sezzjoni Żgħażagħ. Din is-sena l-kumitat kompost minn membri diversi, fejn fosthom hemm minn għandu għaxar snin esperjenza ġo kumitat taż-żgħażagħ u oħrajn li hija l-ewwel esperjenza tagħhom. Sena ħidma li ma taqta' xejn biex flimkien naslu għall-festa Titulari u b'mod speċjali għall-Marċ tat-Tielet Jum tat-Tridu, fejn sena xogħol tissarraf f'suċċess bħal dejjem.


Dr. Lorraine Żammit B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.
Notary Public & Commissioner for Oaths

Office: 21, Valletta Road, Mqabba, MQB 9012 MALTA

Mobile: (+356) 9986 0028
E-mail: notary@lorrainezammit.com
Office hours: by appointment




FORKLIFTERS MALTA

sales | lease | hire
repair | service | transportation




d.Spiral
Stationery and more...

*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

***Unbeatable prices in photocopies!***

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com Website: www.dspiralst.com

# 25 sena ilu …
# Preludju għall-Avveniment ta’ 20 sena ilu



**Alfred Galea jikteb dwar iż-żewġ anniversarji li qed jaħbtu dis-sena, il-25 sena tas-Sezzjoni Żgħażagħ, u l-20 sena ta’ *Les Etoiles d’Or du Jumelage*, li t-tnejn li huma kien involut direttament fihom.**

Meta twaqqfet is-Sezzjoni Żgħażagħ jien kont wieħed miż-żgħażagħ magħżulin mill-Kumitat Eżekuttiv ta’ dak iż-żmien biex jiffurmaw l-ewwel kumitat. Aktar tard, bejn l-1995 u l-1997 ħdimt flimkien mas-Surmast u sħabi bandisti, kif ukoll mal-Kumitat Eżekuttiv sabiex sawwarna l-ġemellaġġ bejn il-Banda tagħna u l-Banda Taljana ta’ Santa Vittoria in Matenano. Apparti dan, personalment inħoss li hemm rabta bejn dawn iż-żewġ avvenimenti. Nemmen fis-sħiħ illi l-involviment tiegħi fl-ewwel paġna storika, qatt ma stajt inkun involut fit-tieni paġna storika.

**It-tifkiriet tat-twaqqif u l-ewwel snin tas-Sezzjoni Żgħażagħ**

25 sena fil-ħajja tal-bniedem mhumiex ftit. Huma numru ta’ snin li fl-esperjenza tagħhom iħallu għadd ta’ tifkiriet. Tifkiriet kemm sbieħ u oħrajn inqas sbieħ, li minħabba s-sinjifikat tagħhom, jibqgħu ittimbrati fil-moħħ ta’ dak li jkun. Fil-każ ta’ dak li qed nitkellmu fuqu, fil-ħajja personali tiegħi, kienu avvenimenti li ħallew impatt, u fihom esperjanzajt affarijiet li wieħed diffiċli jinsihom u jħallihom għaddejjin.

25 sena ilu rajt it-twelid tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Ma kienx bidu faċli. Kien kunċett ġdid li tagħti uffiċjalità lill-ħidma taż-żgħażagħ fil-każin u l-festa. Sa dak iż-żmien, għalkemm il-ħidma taż-żgħażagħ fil-każin ma kinitx nieqsa, l-aħħar deċiżjoni kienet biex ngħidu hekk kompitu tal-‘kbar’. Kull ħaġa li tirrikjedi deċiżjoni riedet tgħaddi mill-Kumitat Eżekuttiv, li kien wieħed. Biż-żmien dan il-kunċett beda jinbidel u bdew jissawwru s-sezzjonijiet, l-għaqdiet u l-kummissjonijiet fi ħdan is-Soċjetajiet. U l-Imqabba qatt ma qagħdet lura biex tagħti lok għal dawn il-kunċetti ġodda ta’ amministrazzjoni. Is-Soċjetajiet fl-Imqabba kienu minn tal-ewwel fir-rikonoxximent tal-ħidma tal-mara, bit-twaqqif tal-kumitati tan-nisa. Hekk ukoll issawwru l-għaqdiet tan-nar u tal-armar, il-kummissjoni tal-Banda, u fl-aħħar u mhux l-anqas is-Sezzjoni Żgħażagħ.

Niftakarna grupp ta’ żgħażagħ li għall-bidu konna entużjasti mhux ħażin. Ħdimna u kkoperajna flimkien biex għamilna l-ewwel attivitajiet. Bħalma jiġri dejjem, l-entużjażmu tal-bidu, minn xi wħud jibda jonqos. Niftakru li l-ewwel kumitat kien magħżul u ffurmat mill-kumitat amministrattiv. Differenti meta kumitat jiġi ffurmat b’elezzjoni, meta l-membri li jkun hemm fih ikunu daħlu hemm għax iridu. Però li nista’ ngħid hu illi fiż-żmien li għamilt fil-kumitat taż-żgħażagħ dejjem kelli grupp miegħi ta’ żgħażagħ u adoloxxenti li minn hawn u minn hemm dejjem wasalna fejn xtaqna, u rnexxielna nwittu mogħdija sabiex iktar tard iffurmat it-triq li rnexxielha twassal is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, fejn tinsab illum. Riżorsi li jeżistu llum dak iż-żmien ma kienux għadhom bdew. Jekk ridna nwasslu messaġġ, nagħmlu riklam, eċċ ma kellniex *internet*, *email*, *facebook*, *twitter*. Ridna nagħmluh billi nqassmu *posters*, nibagħtu ittri bil-posta, jew inċemplu. L-iktar stat avvanzat ta’ teknoloġija kien l-użu tal-*Fax Machine!!* Mhux lok hawnhekk noqgħod nirrakkonta x’għamilna dak iż-żmien. Dak għandkom ċans tarawh u taqraw fuqu f’sezzjonijiet oħrajn f’dan il-ktejjeb. Però bi kburija u sodisfazzjon kbir inħoss illi dak il-ftit li għamilna aħna fil-bidu kien ta’ kontribut kbir sabiex seta’ jsir dak kollu li sar matul dawn il-25 sena ta’ storja.

**Il-ħolqa li tgħaqqad it-Twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ mal-Ġemellaġġ**

Forsi wieħed aktar jista’ jgħid illi l-involviment tiegħi fil-ġemellaġġ iktar huwa frott tal-ħidma tiegħi fil-banda, milli dik maż-żgħażagħ. L-involviment tiegħi bħala bandist beda iktar minn 25 sena ilu. Ħriġt indoqq fl-1981, jiġifieri 25 sena ilu kont diġà ilni ndoqq 12-il sena. Fl-1995, is-sena meta bdejt naħdem ħalli jissawwar il-ġemellaġġ, kont stabbilixxejt ruħi bħala bandist ta’ livell aċċettabbli tant li għadd ta’ baned Maltin kienu jistednuni ndoqq magħhom. Huwa veru illi dan l-involviment tiegħi fil-qasam mużikali għinni qatigħ sabiex nagħmel dak li għamilt għall-banda tagħna u għas-Soċjetà u l-Festa Mużikalment, però l-involviment tiegħi fl-amministrazzjoni tal-ewwel snin tas-Sezzjoni Żgħażagħ kien ta’ kontribut kbir. L-esperjenza tiegħi bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ għallmitni ħafna kif għandi nagħmel ċertu kuntatti u għenitni sabiex niltaqa’ u nsir naf nies ta’


TA' VICTOR
RESTAURANT
Traditional Maltese Cuisine
KĊINA MALTIJA
TRADITIONAL MALTESE CUISINE
CHEF PATRON VICTOR AQUILINA
Ta' Victor Restaurant
36, Pjazza Madonna Ta' Pompei,
Marsaxlokk
Email:
info@tavictorrestaurant.com
Tel: (+356) 2164 1003
Mob: (+356) 9947 4249
Find us on
Facebook
www.tavictorrestaurant.com


CASSARINI RESTAURANT
WIED IŻ-ŻURRIEQ
Triq is-Sajjieda Wied iż-Żurrieq, Qrendi
Tel: 2099 7911 | Mob: 7964 7912
facebook: Cassarini Restaurant

ċertu importanza. Huwa għalhekk li nemmen fis-sħiħ li hemm rabta bejn dak li ġara 25 sena ilu u dak li kellu jiġri fil-perjodu tal-5 snin ta' wara.

**Il-ħolqien, il-bidu u t-twettiq tal-Ġemellaġġ:**

Is-safar tal-baned Maltin barra minn xtutna huwa xi ħaġa li ilha teżisti snin twal. Insibu baned Maltin li siefru f'pajjiżi fil-qrib bħall-Italja, Sqallija u t-Tuneżija. Fl-antik dan kien isir bil-baħar. Fil-bidu tas-snin disgħin din il-ħaġa reġgħet ħadet il-ħajja. Għas-Soċjetà tagħna din il-ħaġa wkoll kienet ta' interess. Bil-Banda tagħna stabbilità u riesqa lejn għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha, il-Kumitat Eżekutiv ta' dak iż-żmien bdew jaraw il-mezzi disponibbli biex din il-ħaġa ssir. Fil-fatt kienu ġew ikkuntattjati aġenziji, kif ukoll kienu ġew valutati offerti minn aġenziji li dik il-ħabta kienu jtellgħu baned idoqqu barra minn Malta.

Fl-1995, wara li kont mort indoqq ma' Banda Maltija ġewwa l-Italja, tħajjart nagħmel xi kuntatti ma' baned Taljani mir-Reġjun Marche, l-istess Reġjun fejn kont mort indoqq. Bdejt billi permezz ta' *Brochures* turistiċi li kienu tawna, ikkuntattjajt xi Aġenziji turistiċi Governattivi fl-Italja, li għenuni nagħmel l-ewwel kuntatti mal-baned Taljani. Dak iż-żmien dan kollu sar permezz tal-posta u l-*fax*. Fi żmien qasir, bejn Settembru u Novembru kont diġà bnejt kuntatti sodi mal-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano, mill-Provinċja ta' Ascoli Piceno (dak iż-żmien, għax illum ir-raħal jagħmel mal-Provinċja ta' Fermo). Sa Diċembru konna wasalna fi stadju li stajna nikkonfermaw l-iskambju ta' żjarat reċiproċi bejn iż-żewġ baned.




*Id-delegazzjoni li marret l-Italja mal-Banda Re Ġorġ V*

L-iskambju sar bejn l-1996 u l-1997. F'Lulju tal-1996 morna aħna l-Italja, filwaqt li f'Awwissu tal-1997 il-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano ġew idoqqu Malta. Kienu żewġ avvenimenti li rnexxew mhux ħażin. L-Italja konna grupp sabiħ u mdaqqas mhux ħażin, bejn bandisti tal-post, xi bandisti barranin li għoġobhom jingħaqdu mal-banda tagħna, kif ukoll għadd ta' partitarji. Kienet ġimgħa indimentikabbli. L-istess jista' jingħad għaż-żjara tat-Taljani f'Malta. L-esperjenza tal-festa, l-impenn tal-Banda ġewwa l-Belt Valletta, il-laqgħa mal-President tar-Repubblika ta' dak iż-żmien Dott. Ugo Mifsud Bonnici, iż-żjara u l-impenn tal-Banda ġewwa Għawdex, kienu affarijiet li ħallew impatt qawwi fuq it-Taljani.

Dan kollu ma kellux jieqaf hawn però. Skont il-Malti kien fadal 'Iċ-Ċirasa fuq il-Kejk'. U din il-ħaġa waslet lejn Ottubru tas-sena 1998. L-Unjoni Ewropea, li kienet irreġistrat l-atti ta' dan il-Ġemellaġġ li saru bejn l-1996 u 1997, ikklassifikat lill-Ġemellaġġ fost l-aqwa atti ta' madwar 4,000 Ġemellaġġ reġistrati matul is-sentejn. Bħala rikonoxximent il-Banda tagħna, flimkien mal-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano ġew onorati bl-*Les Etoiles d'Or du Jumelage*, bil-Malti 'L-Istilla tad-Deheb għall-Ġemellaġġ' waqt ċerimonja li saret ġewwa Ferrara l-Italja, eżattament fit-13 ta' Novembru 1998.



*Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-unur Les Etoiles d' Or du Jumelage*

**X'ġara wara s-snin tal-iskambju tal-Ġemellaġġ:**

Fis-snin li segwew is-sentejn tal-iskambju ma waqaftx hemm. Bil-koperazzjoni sħiħa u dejjem bil-fiduċja tas-Soċjetà komplejt naħdem fl-isfera Internazzjonali. Komplejt inżid il-kuntatti u ftaħt iktar lil hemm mill-Italja. L-avvanzi fit-teknoloġija kienu ta' għajnuna kbira għalija. Is-Soċjetà kienet waħda mill-ewlenin f'Malta li bniet il-*website* tagħha. Bis-saħħa tal-faċilità li tikkomunika mad-dinja permezz tal-*emails*, telefonija, eċċ irnexxieli nibni kuntatti ma' pajjiżi bħal Israel, l-Istati Uniti, u l-Ingilterra fost l-oħrajn. Dan kollu wassal sabiex fis-snin li segwew l-1998 ospitajna numru ta' baned minn Israel u l-Ingilterra. Żar Malta u ħa sehem fil-festa tal-2007 Surmast mill-Istati Uniti. Bejn l-2006 u l-2007 ħdimt sabiex il-Banda ħadet sehem fi skambju ieħor ta' żjarat, mill-ġdid ma' belt Taljana, din id-darba l-belt ta' Cave, mill-Provinċja ta' Ruma. Kien skambju ieħor li bih ktibna l-istorja meta bil-banda daqqejna ġewwa l-Vatikan, quddiem il-Papa Benedittu XVI innifsu. L-aħħar impenn f'dan il-qasam Internazzjonali jkun dak riċenti fl-okkażjoni tas-70 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija, meta f'Ottubru li għadda, kuntatti mas-Surmast u Klarinettista Professjonali Taljan Antonio Timpani wasslu sabiex is-Soċjetà ospitat ġewwa l-Imqabba il-Banda mill-belt ta' Serrone, belt oħra viċin Ruma.

WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

**MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES**

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



BIBAS

**YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.**
**Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt**

**5% DISCOUNT**
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT
THIS VOUCHER IS REDEEMABLE ONCE AND DOES NOT FORM PART OF ANY OTHER OFFER.

Zneiber

**Confectionery & Pastizzeria**

*Orders accepted for Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa Tel: 2180 3999

**X'nixtieq jien issa li għaddew dawn il-25 sena?**

B'dak li ktibt sa issa bl-ebda mod ma rrid nidher li qiegħed niftaħar b'dak li għamilt matul dawn l-aħħar 25 sena. Meta qaluli biex nikteb xi ħaġa għall-ktieb tal-festa fl-okkażjoni tal-20 sena mill-Ġemellaġġ, inħolqitli diffikultà żgħira u ġewwa fija għidt: "X'ser naqbad nikteb? Mhux diġà ktibt drabi oħrajn fuq din?" Meta ħsibt ftit iddeċidejt li nirrakkonta dawn l-esperjenzi, u li ngħaqqad l-involviment tiegħi fis-Sezzjoni Żgħażagħ magħhom ħalli nagħmel kuraġġ kemm lil dawk li llum jinsabu jaħdmu fis-Sezzjoni Żgħażagħ, li bla dubju qed jagħmluh b'suċċess kbir, kif ukoll lil dawk iż-żgħażagħ imħajrin li jibdew jaħdmu fil-futur, biex jagħmlu kuraġġ u ma jaqtgħux qalbhom. Jien, 26 sena ilu lanqas biss kien jgħaddili minn moħħi li għad jirnexxieli nagħmel dak li għamilt. Ma kienux affarijiet faċli. F'ħafna mid-drabi jkun hemm bżonn tegħleb ostakli li meta ssibhom quddiemek jaħbtu jaqtgħulek qalbek u tkun ser tieqaf. Imma bi ftit kuraġġ u b'naqra determinazzjoni kull ostaklu jista' jingħeleb. Li nista' ngħid hu illi esperjenzi bħal dawn, meta tarahom jirnexxu jħallu fik sens ta' sodisfazzjon enormi.

Fl-aħħar ta' din il-kitba nħoss li għandi nħeġġeġ lil dawk iż-żgħażagħ Imqabbin biex ma jaqtgħux qalbhom. Il-Motto ta' Raħalna hu 'BISS BIL-ĦILA'. Dan hu motto li fil-veru sens tal-kelma jagħmilna Mqabbin. L-Imqabba hu raħal żgħir, imma li jħaddan nies b'qalb kbira. Apparti hekk l-Imqabbin minn dejjem urew li huma nies ta' qlubija u intelliġenza kbira. Mod speċjali u li ħadd ma jista' jinnegah huwa x'kapaċi nagħmlu aħna l-Imqabbin fejn jidħlu s-Soċjetajiet Mużikali u l-festi. Fl-Imqabba jsiru żewġ festi fost l-aqwa f'Malta. Iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali jippossedu każini li Soċjetajiet ħafna akbar u bi storja ferm antika m'għandhomx. Kulħadd jaf bil-ħila tal-Imqabbin fejn tidħol arti piroteknika.

Li forsi nixtieq jien hu illi fir-raħal tagħna forsi nistgħu naħdmu iżjed u nimirħu ftit aktar fejn tidħol l-isfera Internazzjonali. Ninnota illi fejn irħula oħrajn għandhom kuntatti stabbiliti, f'ħafna minnhom rikonoxxuti uffiċjalment permezz ta' Ġemellaġġi, fl-Imqabba, fuq livell ta' raħal għadna ftit lura. Bla dubju dan in-nuqqas ma nħossux fuq livell ta' Soċjetajiet Mużikali. Anzi f'dan il-lat bħala Soċjetajiet Mużikali it-tnejn għandhom kuntatti u jagħmlu ħidma tajba ħafna sabiex jibnu u jżommu kuntatti sodi ma' barra minn Malta.

Il-possibiltajiet illum aktar minn qatt qabel qegħdin hemm. L-għajnuniet sabiex wieħed jimraħ fl-isfera Internazzjonali llum żdiedu. Illum Malta tagħmel parti mill-Unjoni Ewropea u tikkwalifika aktar minn kemm kienet 20 sena ilu għal għajnuniet sabiex affarijiet bħal dawn isiru. Inizjattivi simili għal dak li sar 20 sena ilu llum saru iktar faċli u huma wisq aktar imħeġġa u rikonoxxuti. Jonqos biss illi fl-Imqabba jkollna ftit iżjed ħeġġa sabiex f'din il-ħaġa wkoll nilħqu l-livell ta' bliet u rħula Maltin u Għawdxin oħrajn. Nieħu pjaċir ninnota l-maturità, l-għaqda, il-koperazzjoni u l-ħbiberija li teżisti bejn l-entitajiet differenti fl-Imqabba. Wasal iż-żmien li din il-ħaġa issa nisfruttawha sabiex flimkien inkomplu ngħollu l-isem tal-Imqabba, u permezz t'hekk anke dak ta' Malta madwar l-Ewropa u d-Dinja.

Festa sabiħa
hija festa dinjituża!
Sokor, tgħajjir u firdiet
ma jixirqulniex
u ma jogħġbux lill-Madonna!
Għalhekk nieħdu sehem fil-marċi u l-briju
fit-toroq imma nżommu dejjem imġiba li
tagħmel ġieħ lilna bħala Mqabbin
u li togħġob lill-Patruna tagħna
SANTA MARIJA!

VIPER
Garage

Body Modifications
Mechanical Repairs

Bartmik Industrial Estate,
Level -2, Garage 3,
Sqaq il-Mithna,
Off Mqabba Road,
Qrendi.
Tel: 99420835
Email: viper.ivan@gmail.com

Classic Car
Restoration
Panel Beating

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

CAR WASH

FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS

TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235

# TAKE OFF

*BAR AND RESTAURANT*

*St. Thomas Street, Luqa*
*Malta.*
***Specialises in Pasta and Grill***

**Tel: 2180 0243** ***QUICK FOOD***

*90 sena ilu…*

# Pedestall tal-fidda u ta’ bradella ġdida għall-istatwa titulari tal-Assunzjoni ta’ Marija Verġni



***Nota editorjali**: Fit-tifkira tad-90 sena mill-inawgurazzjoni ta’ dawn iż-żewġ opri artistiċi uniċi fl-Imqabba ħsibna li nġibu riproduzzjoni tal-kitba mirquma magħmula mill-Imqabbija s-Sinjura Carmen Lia li kienet dehret fil-ktieb tagħha **Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba** ippubblikat mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fl-1997 fil-paġni 72-80.. Għażilna din il-kitba minħabba li kienet offriet l-ewwel studju approfondit ta’ dan il-proġett ambizzjuż Imqabbi tal-bidu tas-seklu għoxrin, u anke bħala apprezzament tax-xogħol ta’ riċerka li s-Sinjura Lia spiss għamlet b’risq ir-raħal tagħna.*

Kien ilu jinħass li l-vara ta’ Santa Marija kien jonqosha xi ħaġa artistika biex veru tkun vara kompluta minn kollox. Għalhekk fil-bidu tas-snin għoxrin, il-Kumitat tal-Każin immexxi mill-President Joseph Bugeja, flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa, iddeċieda li kellu jsir pedestall ġdid tal-fidda flok dak ta’ l-injam kif ukoll bradella ġdida.

Id-disinn ta’ dawn iż-żewġ opri kbar ġie fdat f’idejn l-imgħallem Abram Gatt magħruf ma’ Malta kollha għad-disinni oriġinali tiegħu u li diġà kien għamel xi xogħol għall-Parroċċa tagħna.

**Pedestall tal-Fidda**

Fit-30 ta’ Ottubru tal-1835 sar kuntratt għall-kummissjoni tal-vara ta’ Santa Marija quddiem in-Nutar Menville Massimiliano Troisi fejn l-iskultur Żejtuni Alessandro (Xandru) Farrugia ntrabat li fi ftit xhur, jiġifieri sa l-aħħar ta’ Lulju tal-1836 jew l-iżjed sal-bidu ta’ Awwissu tal-istess sena, jaħdem vara artistika tal-Assunta flimkien ma’ qabar tal-injam li kellu jservi bħala pedestall għall-istess statwa[1]. Kien fuq dan il-qabar tal-injam li l-vara tal-Assunta nġarret mill-Imqabbin fl-14 ta’ Awwissu tal-1836. Dak in-nhar l-Imqabbin telqu miż-Żejtun ferħanin bil-vara artistika tal-Assunta mqiegħda fuq il-qabar tal-injam u għaddew minn Ħal Ghaxaq u mill-Gudja fejn intlaqgħu bl-isparar ta’ murtaletti.

L-istess qabar tal-injam baqa’ jintuża fil-festi kollha ta’ Santa Marija mill-1836 sal-1927, iżda għall-ewwel darba fil-festa tal-1928 il-vara ta’ Santa Marija tneħħiet minn fuq il-qabar tal-injam u ġiet immuntata fuq qabar ġdid tal-fidda li kellu jservi bħala pedestall. Dan sar għas-sodisfazzjoni tal-Kumitat tal-Każin u tal-Kappillan ta’ dak iż-żmien, il-Mosti Dun Paċifiku Mifsud. Il-qabar l-antik illum huwa miżmum b’għożża kbira fil-Każin tas-Soċjetà *Santa Marija*.

Il-pedestall, fuq disinn tal-Imgħallem Abram Gatt, ġie maħdum fl-injam minn Manwel Buhagiar ta’ Ħal Tarxien. Ix-xogħol tal-fidda kien fdat f’idejn id-ditta *Antonio Ghezzi e Figlio* ta’ Milan u sewa s-somma ta’ £400. Ċensu Farrugia jiftakar lil Ġanni Ghigo u Emanuel Borg (id-Dovik) jgħidu li meta l-fidda waslet minn Milan, ittieħdet fil-Kappella ta’ Santa Katerina fejn partitarji tas-Soċjetà għaqqduha mal-injam. Wara, il-qabar ittieħed fil-Kappella tad-Duluri.

Din l-opra sabiħa saret b’sagrifiċċji u b’impenn mill-akbar. Il-ġbir għall-pedestall tal-fidda sar mill-familji bis-sold ta’ kull nhar ta’ Ħadd u ħadu ħsieb il-ġbir Emanuel Zammit, Ġużeppi Maria Mallia u Lorenzo Zammit (tal-Mejlaq). Jidher li l-ġbir għall-pedestall kien beda ħafna snin qabel l-1928 iżda peress li l-ġbir kien fqir, kellu jieqaf. Jingħad li kien bil-ħila ta’ Joseph Bugeja, President tas-Soċjetà, li l-ġbir kien reġa’ beda. Jingħad ukoll li Lord Gerald Strickland waqt li kien qiegħed jattendi laqa fl-Imqabba kkontribwixxa £10 għall-pedestall. Il-kontijiet tal-ġbir u ta’ l-ispejjeż kollha tal-pedestall ingħataw fl-okkażjoni ta’ l-inawgurazzjoni tal-pedestall.

Dan il-pedestall huwa wieħed mill-aqwa li hawn f’Malta u bil-ħila ta’ Abram Gatt il-pedestall kompla jsebbaħ l-vara ta’ Santa Marija ta1-Imqabba.

**Il-Bradella**

Fit-12 ta’ Jannar 1927 ġie ppreżentat rikors fil-Kurja ta’ l-Arċisqof li jġib in-numru 70/1927 fejn l- Imqabbin Mikiel Zammit (il-Mejlaq) u martu Grazia née Inguanez

# POLIDANO

**DELIVERING**
**LANDMARK DEVELOPMENTS**
**AND CRITICAL INFRASTRUCTURE**
**FOR OVER 30 YEARS**

www.polidano-group.com
info@polidano-group.com

urew li xtaqu li jkunu l-benefatturi ta' bradella għall-vara ta' Santa Marija. Il-ġbir għall-pedestall tal-fidda kien diġà beda jsir u għalhekk inħass il-bżonn li kellha ssir ukoll bradella biex l-vara tkun kompluta minn kollox. Peress li Mikiel Zammit (il-Mejlaq) kien wiegħed li jekk l-Imqabbin jaslu biex jiġbru l-flus meħtieġa biex isir il-pedestall tal-fidda, huwa kien jidħol biex jagħmel il-bradella, ħass li kellu jżomm kelmtu[2]. Fit-22 ta' Frar 1927 Mons. Arċisqof Mauro Caruana aċċetta t-talba li kienet saritlu fir-rikors[3].

Wara li l-imgħallem Abram Gatt ta' Bormla lesta d-disinn, il-benefatturi Mikiel Zammit u martu Grazia, flimkien mal-Kumitat tal-Każin, ħasbu f'min kienu ser jafdaw ix-xogħol. Ġie deċiż li x-xogħol tal-injam tal-bradella kellu jsir mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien waqt li l-Appostolat ġie ordnat l-Awstrija għand id-ditta *Ferdinando Stuflesser*.

Insibu li Ġanni Ghigo li dak iż-żmien kien jaħdem it-Tarzna, wara l-ġurnata tax-xogħol, kien jibqa' sejjer Ħal Tarxien sabiex isegwi x-xogħol u l-eżekuzzjoni fl-injam għand is-Surmast Manwel Buhagiar. Dik il-bradella dak iż-żmien swiet is-somma globali ta' £194.6s.2d. Ix-xogħol esegwit fl-injam minn Mastru Buhagiar sewa £153. Qabel inbeda x-xogħol, Mastru Manwel Buhagiar ingħata kapparra ta' £40:

> *Ricevo da Lorenzo Zammit lire sterline quaranta in conto del prezzo di lavoro e la formazione di una bradella giusta scrittura privata da noi fatta ed autenticata dal Notaro Angelo Cachia oggi stesso.*
>
> *Dico 40.0.0. (liri)*
>
> *Firmata: - Emanuel Buahgair, Scultore.*[4]

It-tieni, it-tielet u l-aħħar pagamenti li sarulu kienu ta' £20, £20 u £73 rispettivament. Tal-Appostolat magħmul mill-injam tas-*sycamore - legno durissimo naturale*, id-ditta Stuflesser tħallset is-somma ta' £37.0.6d. Id-dazju li tħallas fuq l-Appostolat bis-7½ fil-100 kien ta' £3.2s.1d. Il-korrispondenza ma' Stuflesser swiet £0.3s.7d. Kien hemm ukoll xi spejjeż oħra li thallsu lin-Nutar tal-obligazzjoni (17s.0d) u lill-Kurja ta' l-Arċisqof għar-rikors (4s.0d) minn Giuseppe Zammit. Pjuma għat-tfarfir swiet 4s.6d.

Il-bradella l-ġdida ttieħdet fil-Knisja Parrokkjali[5].

### L-Inawgurazzjoni tal-Pedestall tal-Fidda u tal-Bradella

Il-pedestall tal-fidda kien ġie inawgurat is-Sibt 11 ta' Awwissu fl-1928 fil-Kappella tad-Duluri[6]. Il-festa bdiet fl-4.00 ta' wara nofs in-nhar meta kienu esegwiti marċi mużikali mat-triqat tal-Imqabba. Imbagħad fil-5.30 inbdiet iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-pedestall tal-fidda. Wara li saret Translazzjoni tar-Relikwa, il-vara tal-Assunta giet meħuda proċessjonalment mill-Kappella tad-Duluri[7] għall-Knisja tal-Parroċċa, fost briju kif kien xieraq[8]. Fost ir-reffiegħa kien hemm il-benefattur tal-bradella Mikiel Zammit u peress li kien xiħ għenu jerfa' Emanuel Zammit (*il-Gross*)[9].

Fl-istess okkażjoni, ġew mogħtija l-kontijiet tal-ġbir u tal-ispejjeż kollha tal-pedestall.

Għal din l-okkażjoni, għall-ewwel darba fir-raħal, inħaraq murtal ta' erba' bombi magħmul minn Ċensu Galea (*id-Derek*)[10].

Peress li f'dik is-sena l-vara titulari ta' Santa Marija ma kien jonqosha xejn, il-festa ġiet ċelebrata b'solennità u briju kbir. Il-Banda ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ ferrħet it-toroq tal-Imqabba lejlet u nhar il-festa b'marċi u programm fejn indaqqu kompożizzjonijiet minn Beethoven, Giordano, Mascagni, Jeml, Schubert, Puccini u Diacono[11].

In-nies li marru dakinhar setgħu jammiraw il-pedestall tal-fidda u l-bradella artistika: -

> *The little village of Mkabba will be "en fête" this afternoon when the new silver pedestal for the Statue of the Assumption of the B.V. Mary – the patron Saint of the village – will be on view. It will be a fitting occasion for the public to admire a costly and artistic work which has turned out in every sense a perfect success. It is the work of a Milan firm to the designs of our countryman Mr A. Gatt of Cospicua.The pedestal is mounted on a very fine base which has been designed also by Mro Gatt, the work having been executed to perfection by Mr Emanuele Buhagiar of C. Paula.*
>
> *All lovers of art and well wishers should not miss this opportunity of paying a visit to Mkabba.* [12]

Mhux ta' b'xejn li l-Imqabbin ħassewhom u għadhom iħossuhom ferm imkabbrin b'dawn iż-żewġ opri kbar – xi Mqabbin anzjani bħal Giuseppe Spiteri jħossu li huma fost is-sbieħ li għandna f'Malta u jsejħulhom *monument*.

### Referenzi

1 Nutar Menville Massimiliano Troisi, 30 ta' Ottubru 1835, Arkivju tan-Nutara, 460/54, pp. 726-729; Nutar Menville Massimiliano Troisi, 14 ta' Awwissu 1836, Arkivju tan-Nutara, 460/55, pp. 481-484. Lia, Carmen, L-Iskultur Alessandro Farrugia u l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba, Programm Festa Santa Marija, Mqabba, 1194, pp. 43-51.

2 Informazzjoni komunikata mill-Imqabbi Joseph Farrugia residenti Ħal Qormi.

3 Rikors preżentat lill-Kurja Arċiveskovili u li jġib in-numru 70/1927.

4 Dokumenti oriġinali li juru l-ħlasijiet kollha li saru rigward il-bradella. Ħajr lil Caterina Zammit (tal-Mejlaq).

5 Malta tagħna, Is-Sibt 11 ta' Awwissu 1928, p. 5

6 Ibid. Xi wħud bħal Nikola Zammit jgħidu li l-kappella kienet ta' Santa Katerina għaliex f'din kienu jinżammu l-affarijiet tal-festa.

7 Informazzjoni komunikata minn Ċensu Farrugia.

8 Malta tagħna, Is-Sibt 11 ta' Awwissu 1928, p. 5.

9 Zammit Emanuel, kitba datata 1 ta' Ġunju 1984; infomrazzjoni mogħtija wkoll minn Nikola Zammit u Ċensu Farrugia.

10 ibid.

11 The Daily Malta Chronicle, Wednesday August 14 1928, p. 14.

12 The Daily Malta Chronicle, Sunday August 11 1928, p. 18.




Steel Works , Aluminum and Stainless Steel Welding

Ludvic Micallef • MIG & TIG Welder

**Mob: 9947 6932**

Teddies

Childcare Centre

Filippu Farrugia Street,
Żurrieq ZRQ 2268
Tel: 2702 0362
Mob: 7964 1453
Email: teddieszrq@gmail.com

- *Free childcare Scheme*
- *Where kids play and learn safely,*
- *Indoor and Outdoor Facilities*
- *From New Born to School Age.*
- *Daily programme of activities*
- *Airconditioned*
- *Opening hours*

*Mon. – Fri. 6:30am – 5:00pm*
*Sat. 8:30am – 12:00pm*

# Super S
## ironmongery

*Everything you need for your Home under one Roof!*



Electrical & Water Fittings, A Large Selection of Power Tools & Hand Tools,
Indoor & Outdoor Lightings, Skirting, A Large Variety of Household Appliances and Kitchen Utensils,
Fans, Dehumidifiers, Heaters & Fan Heaters, Ceiling Roses, Garden Furniture,
Picnic Tables, Umbrellas and much more …

**Dun Matteola Saliba Street, Żurrieq Tel: 2768 9256**

**Opening Hours: Monday to Friday 06:30 to 19:00hrs; Saturday 06:30 to 14:00hrs**




TROCADERO
Pastizzeria
&
Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**



L-ewwel ritratt tal-pedestall komplut. Dan ittieħed fl-istabbiliment tad-ditta Antonio Ghezzi e Figlio f'Milan u ntbagħat Malta lil Mikiel Zammit li kien qed jieħu ħsieb il-ġbir (ħajr Katarina Zammit, ritratt Anthony Gatt)







Nota ta' rċevuta għal donazzjoni b'risq il-pedestall tal-fidda miktuba fuq in-naħa ta' wara tar-ritratt (ħajr Julie Ghigo)




Paġna mill-ktieb tal-ġbir għall-pedestall tal-fidda



L-ewwel ritratt ta' Santa Marija fuq il-pedestall tal-fidda li ngħata bħala rċevuta lil kull min ikkontribwixxa biex saret din l-opra unika
(ħajr Julie Ghigo)




*Id-disinn tal-bradella mħażżeż mill-kbir Abram Gatt fl-1926 (ħajr Katarina Zammit, ritratt Anthony Gatt)*



Ferdinando Stuflesser

Fattura

Lavratorio artistico, Statue religiose e altari in legno

Ortsei - Val Gardena, Trentino. Italia

12. Novembre 1927

per 4 rilievi dei Apostoli di "Fyonmore-Fnod"

legno durissimo amarale.. ... .. . $ 300.-, Lire 900.-

*Invoice mill-kumpanija Stuflesser għall-ħlas ta' 4 mill-appostli ta' mal-bradella*



7° Un piedestallo d'argento per la statua dell' Assunta per contribuzione del popolo.

8° Una predella per la detta statua a spese del Sig. Michele Zammit e della Sig. Grazia Inguanez.

*Silta mir-reġistru tal-kappillani li jinsab fl-arkivju parrokkjali fejn jissemmew dawn iż-żewġ opri li saru għall-vara titulari*



Dana il-cont tal Bradella

Fil 20 ta Jannar 1927 dahhalt

£100-0-0 min ghand Michel Zammit li hu Misseri u

100-0-0 min ghand Grazzia Inguanez li hi iz-zia

£200-0-0

Issa dauna il flus imkaasmin ech

£100-0-0 fil Banch Egipsin

£ 60-0-0 fil Banch tal Gvern u

£ 40-0-0 capparra

£200-0-0

*Xi notamenti dwar ir-rendikonti tal-bradella miżmuma minn Mikiel Zammit*



INAUGURAZIONI

Tal Pedistal tal Fidda ta l'Statua ta S. Maria l'Imkabba

Nhar is-Sibt li gei, il 11 ta Auuissu il-5.30 ta uara nofs inhar, se jigi inaugurat il pedistal tal fidda ta li Statua ta S. Maria, titular tal pajjis. Dina l'opra sabiha, li saret b'sacrificcji u b'impenn mil l'acbar, giet mahduma mis-Sinjuri Ghezzi ta Milan; disin tas-Surmast Abram Gatt. Ma dana il pedistal sa tizzanzan ecoll bradella mil l'sbah ghal l'istess Statua mahduma mill l'iscultur Emmanuele Buhagiar ta Rahal Gdid, disin ta l'istess surmast Abram.

Il festa tibda fl'4 ta uara nofs inhar b'marci musicali mal pajjis. Iccerimonji isiru fil Cnisia tal Duluri u min hemm, uara collox, li Statua tigi mehuda processionalment il Cnisia tal Parroccia bi briu chif jixrak.

Fl'istess occasioni, jigiu moghtija il contijet tal gbir u ta li spejjes colla tal pedistal.

*L-avviż fil-gazzetta Malta Tagħna fejn tħabbret l-inawgurazzjoni taż-żewġ opri kolossali fl-Imqabba (ħajr Carmen Lia)*


PAUL & MARK
Super-Market (ta' Sapienz)
CRAI
Triq il-Biżantini, Qrendi • Tel: 2164 9033
9987 6448 • 9988 3833
Opening Hours
Mon - Fri : 6.00-13.00 / 16.00-19.00
Saturday : 6.00-13.00
Għal dak kollu li l-mara tad-dar ikollha bżonn
Free Deliveries
Issa ssibulna wkoll prodotti tad-ditta
CRAI
Max-xirja jingħataw stickers tal-CRAI li jissarrfu f'rigali sbieħ
Ma' kull xirja ta' €50 jingħata rigal
Paul u Mark jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd


mangion brothers zurrieq ltd
Valletta Road, Zurrieq ZRQ 9010
Tel: 21649590 – 21642649
Mob: 79492624/5
e-mail: mangionbrothers@gmail.com
MANGION BROS
• Building Construction • Concrete Mix • Concrete Blocks
• Concrete Pump Hire • Excavation Works

# VRT + Wheel Alignment

*For all types of*
*Cars, Trucks, Vans and Buses*





**SIGGIEWI VEHICLE SERVICES**
Siġġiewi

Contact Victor Attard
on 99498736, 21466111




# *Carabott Jewellers*

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days



*Il-ħruġ tal-purċissjoni titulari fl-1928. Dan huwa l-eqdem ritratt magħruf ta' purċissjoni bi statwa fl-Imqabba (ħajr Nicholas Baldacchino)*



*Wieħed mill-ewwel ritratti tal-vara armata fuq il-pedestall tal-fidda u l-bradella tal-ġewż*

# Tal-Paradise

Gas Fixed Point & Distributors

Opening Hours:
6.00am - 6.00pm

Delivery Hours (right to your door):
6.00am - 2.00pm

Find us on: facebook

Suppliers for Gas Cylinders

Tal-Paradise Gas Fixed Point / Distributors

20, Triq L-iSkola, Ħal Safi

Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com





# Ruben's Garage

**Oven Baked Spray Painting**
**Insurance Approved**

**Mob: 79064856**
**6, Sejba Road, Mqabba**
**rubengarage@gmail.com**

**We Also do Plastic Bumper Repair & Windscreen Installations.**



# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# Il-ventartal tar-Rużarju jagħlaq 95 sena

© Kan. Dr Jonathan Farrugia
Ħajr għar-ritratti: is-Sur Stephen Camilleri



Fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju u f'dik titulari ta' Santa Marija l-artal tal-fratellanza tar-Rużarju jkun armat b'ventartal sempliċi imma sabiħ bi gwarniċ tal-injam skulturat u ndurat bid-deheb u b'anima tal-lama rrakmata bid-deheb bħalma huma l-ventartali tal-artali l-oħrajn.

Meta mqabbel mal-ventartali l-oħra li nsibu fil-knisja dan jgħodd fost dawk li l-aktar fihom xogħol: hemm tal-Immakulata li hu fi klassi għalih, imbagħad hemm il-ventartal il-prim tal-Maġġur li wkoll fih xogħol ta' skultura notevoli li wkoll jaqa' f'kategorija awtonoma, warajhom insibu l-ventartali tar-Rużarju, tal-Agunija u ta' Sant'Antnin li huma tal-istess stil fejn il-gwarniċ fih ammont konsiderevoli ta' skultura, speċjalment fil-ġnub, waqt li jħalli spazju kbir fin-nofs fejn tidħol l-anima rrakkmata.

Dwar dawn il-ventarali ma tantx nafu. Fil-lista tal-opri li saru fi żmien il-kappillan Dun Paċifiku Mifsud naqraw li saru 4 ventaltari ("*paliotti*") li jinsabu imniżżlin f'din l-ordni:

10. *Un paliotto e una tovaglia ricamati per l'altare maggiore a spese del Sac. Salv. Schembri*
11. *Un paliotto ricamato per l'altare del SS. Rosario*
13. *Un paliotto per l'altare della Concezione per contribuzione del popolo*
14. *Un paliotto per l'altare dell'Agonia per contribuzione del popolo e parte per Giuseppe Camilleri*[1]

Huwa kurjuż il-fatt li minn dawn l-erbgħa huwa biss tar-Rużarju li ma jissemmiex min kienu l-benefatturi jew jekk tħallasx bil-kontribuzzjoni tal-poplu. Nistgħu nikkonkludu għalhekk li dan tħallas kollu mill-fondi tal-fratellanza li dak iż-żmien kienet għadha fl-aqwa tagħha. Mifsud kien kappillan bejn is-snin 1922 u 1931, għalhekk dawn nistgħu ngħidu fiż-żgur li saru tul dawn is-snin.

Matul is-sena li għaddiet, wara li nġiebu l-permessi neċessarji, il-ventartal tar-Rużarju ttieħed għar-restawr għand is-sur Omar Vella wara li kien ġie jeżaminah f'Awwissu tal-2016. Il-ħsarat innutati kienu t-telfa ta' partijiet mill-induratura, kif ukoll il-ksur ta' xi partijiet mill-iskultura tal-injam minħabba *mishandling*. Kien hemm anke ħafna ħsara li saret minħabba s-*silicon* li kien jintuża biex jitwaħħlu partijiet li kienu nkisru.

Meta dan kien qiegħed għar-restawr kelli stedina mingħand ħabib tiegħi, is-Sur Stephen Camilleri, li xtaq li jien u xi oħrajn li għandna għal qalbna l-patrimonju artistiku ta' pajjiżna, naraw flimkien xi diżinji li kienu ta' nannuh Francesco Camilleri u taz-ziju ta' nannuh Saverio Oliva biex nippruvaw noħolqu lista ta' fejn jinsabu l-opri li saru fuq dawn id-disinji. Fosthom kont naf li kien hemm xi abbozzi li ma ntużawx għall-pedestall tal-Madonna tal-Ġilju kif ukoll id-disinn tal-bradella li nqerdet fil-gwerra u d-disinn tal-bankun l-antik tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni, kollha xogħol ta' Francesco Camilleri bħalma jixhdu mingħajr l-iċken dubju l-firem li fihom. L-istedina lqajtha bil-qalb.

Camilleri twieled fil-belt Senglea fil-11 ta' Novembru 1891 minn Salvatore Camilleri u Vittoria Oliva, u tgħallem is-sengħa tal-arti minn zijuh Saverio, li għall-Imqabba kien ħadem il-pulptu, xi konfessjonarji u l-antiporta tal-bieb il-kbir. Filgħaxija kien imur ukoll għal-lezzjonijiet tal-arti fi skola u għadda b'unur minn diversi eżamijiet kif ukoll rebaħ premijiet f'esibizzjonijiet organizzati mill-Imperu Britanniku. Kellu ħafna kummissjonijiet għall-knejjes u għal familji privati. Fit-18 ta' Settembru 1930 iżżewweġ lil



Il-ventartal tar-Rużarju qabel ir-restawr tal-2017



Il-ventartal tar-Rużarju waqt ir-restawr tal-2017




**J. Cutajar**

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

**Philip Taxi Service**

***24 Hours Service***

**Mob: 7926 9692**

**Tel: 2168 5117**






*Id-disinn oriġinali ta' Camilleri għall-ventartal tar-Rużarju tal-Imqabba*



*Il-ventartal tar-Rużarju tal-Imqabba kif ħareġ minn taħt idejn Camilleri qabel ma ġie ndurat*


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
Make your most important day of your life a memorable day!
A wide range of
• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service
Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar
Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • E-mail: newwes1@go.net.mt


Darren's Butcher
Darren's Butcher tal-Imġarr
Triq Rokku Buhagiar
Il-Qrendi, Malta
99 459 243


A&A
Stone & Interiors
For all kinds of stone works, fireplaces, coving, units, etc...
We also do gypsum, plastering & painting
Mob: (Alex) 9982 1255, 9982 1402
www.aandastoneandinteriors.com




***Il-firma tad-disinjatur u n-nota li dan kien maħsub għal artal tal-Madonna tar-Rużarju***

Salvina Taliana u mar jgħix il-Belt Valletta. Miet fit-22 ta' Ġunju 1948[2].

Fost id-disinji li konna qed inqallbu fihom ġie f'idejja disinn ta' ventartal li mill-ewwel qisu daqq qanpiena: fil-parti t'isfel kellu miktub "*disegno ed esecuzione per l'artale della Madonna del S. Rosario*" u ħdejn din in-nota tidher il-firma "*Francesco Camilleri scultore*". Lokalità għal fejn dan kien maħsub ma kienx hemm miktub, imma l-weraq li hemm fl-irkejjen tal-gwarniċ minn ġewwa fejn jiftaħ l-ispazju għall-anima tal-lama ġibduli l-attenzjoni – forsi għax dawn kienu fost l-aktar partijiet bi ħsarat fil-ventartal tar-Rużarju tal-raħal tagħna. Malajr fittixt ir-ritratt li kien bagħatli s-Sur Vella tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel fuq il-ventartal u għaraft iż-żewġ friegħi tal-ġilji u ward li hemm fil-gwarniċ fin-naħa ta' fuq, u fl-aħħar qabbilt id-diżinji ta' weraq innukklati li hemm fil-panewijiet tal-ġnub. Irrealizzajt li bla ħsieb sibt quddiemi d-disinn ta' dan l-istess paljott tal-artal tal-eqdem fratellanza tar-raħal, bi storja twila u passat illustri, imma li sfortunatament illum kważi spiċċat fix-xejn. L-unika varjanti viżibbli kienu tnejn: il-partijiet fejn hemm id-disinn innukklat tal-weraq fil-ġnub fihom żewġ nokkliet żgħar fuq kull naħa li joħroġu għal fuq il-panew, imma li jibqgħu fl-ispazju tal-gwarniċ u dawn ma jidhrux fil-ventartal finali; barra minn hekk id-disinn tal-weraq kien identiku fuq iż-żewġ naħat fl-abbozz, waqt li fil-prodott finali dawn ġew maħdumin wieħed bil-maqlub tal-ieħor, bħal riflessjoni f'mera.



***Francesco Camilleri***




***In-nota fuq ir-ritratt li turi li kien lest fl-1923***

Is-sorpriżi ma spiċċawx hemm, għax wara ftit aktar taqlib ġie f'idejna ritratt antik imwaħħal fuq kartuna li juri l-istess ventartal għadu fuq l-injam, qabel ma ġie indurat. Fih żewġ varjazzjonijiet żgħar mid-disinn l-oriġinali: l-ewwel nett mal-ġnub, flok in-nokkliet li joħroġu mill-parti nterna għal fuq il-gwarniċ, għandu żewġ werqiet ħerġin 'il barra mill-gwarniċ, u t-tieni fil-panewijiet tal-ġnub taħt id-disinn innukklat jidher li hemm disinn ieħor ikkaxxjat qisu ħajt bil-fili jidhru. Milli nistgħu nifhmu l-werqiet tneħħew għax malajr ġie nnutat il-periklu li jitqaċċtu, waqt li d-disinn ikkaxxjat probabbli nkesa meta l-injam ingħata l-ġibs bħala bażi għall-induratura. Apparti minn hekk, jidher li meta l-iskultura taż-żewġ strixxi weraq inqalgħet mill-panewijiet biex issir l-induratura ta' taħthom, dawn twaħħlu bil-maqlub ta' li kienu, għax f'dan ir-ritratt il-weraq qed iħarsu 'il barra waqt li fil-prodott finali l-weraq qed iħarsu 'il ġewwa. Mill-bqija huwa identiku, għalhekk nistgħu ngħidu b'konvinzjoni li dan ir-ritratt huwa x-xogħol esegwit minn Camilleri stess fuq id-disinn li hu kien għamel, u li dan huwa ritratt tal-ventartal li għandna fil-knisja tagħna qabel ma tawh il-lewn tad-deheb.

Forsi l-iktar dettall interessanti huwa nota żgħira li nsibu fin-naħa t'isfel tar-ritratt: Chretien & Co MALTA 1923. Din il-kumpanija kienet waħda mill-ewlenin li joffru servizz fotografiku f'Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin u milli nistgħu nifhmu Camilleri kellu d-drawwa jqabbad lil xi fotografu minnhom biex joħodlu r-ritratti ta' xi xogħlijiet minn tiegħu. Is-sena li hemm miktuba maġenb l-isem tal-kumpanija turina li dan il-ventartal kien lest fl-1923 u dan id-dettall jurina li l-lista kif ħalliha Mifsud mhix waħda kronoloġikament korretta: fil-lista dan jinsab imniżżel qrib it-tmiem, imma fir-realtà din id-data turina li sar proprju fil-bidu tal-parrokat tiegħu, eżattament sena wara li ħa l-pussess.

Id-disinn ta' dan il-ventartal jagħtina l-isem ta' min iddisinjah u għamlu, u dan possibilment jitfa' dawl fuq min kien il-moħħ u l-id wara l-ventartali tal-Agunija u ta' Sant'Antnin. Dawn kollha fihom l-istess disinn bażiku ta' partijiet vertikali intrikati u partijiet orizzontali aktar sempliċi, u lkoll għandhom l-istess weraq fl-irkejjen tal-gwarniċ li jagħtu għall-parti tal-anima. Il-ħafna similaritajiet li fihom meta mqabbla mal-ventartal tar-Rużarju jwassluna għall-konklużjoni li wisq probabbli dawn huma xogħol Camilleri wkoll. Fuq tal-Agunija d-dubji jonqsu għax sar fl-istess żmien u jidher imniżżel fl-istess lista; fuq ta' Sant'Antnin ma nistgħux inkunu ċerti għax ma nafu xejn dwaru[3]. Fil-lista jissemmew ukoll il-ventartali tal-artal maġġur u dak l-Immakulata. Dawn fl-istil huma differenti minn dawk li possibilment saru minn Camilleri, għax fihom skultura aktar massiċċa, speċjalment l-uċuħ tal-anġli u l-ħafna fjuri u ornamenti oħra, għalhekk ma nimmaġinax li dawn saru minnu[4].

Kien x'kien il-każ, issa nistgħu ngħidu fiċ-ċert li

Francesco Camilleri ħadem għall-Imqabba l-ventartal tar-Rużarju wkoll, li tiegħu issa għandna wkoll id-disinn u r-ritratt bikri kif kien meta ħareġ minn idejn l-artist, eżattament 95 sena ilu, u li issa qed jiġu ppubblikati fuq ktieb għall-ewwel darba.



*Varjazzjonijiet żgħar bejn id-disinn oriġinali u l-prodott finali*

**Referenzi**

[1] Arkivju parrokkjali tal-Imqabba, *Notizie storiche appartenenti a cotesta santa parrocchiale chiesa della terra Micabiba*, f. 87-88.

[2] Informazzjoni ġentilment mgħoddija mis-Sur Stephen Camilleri.

[3] Dan ma jissemma fl-ebda lista, la qabel u anqas wara. It-teorija tiegħi hi li dan ma sarx għall-artal ta' Sant'Antnin, imma għall-artal tal-Inkurunazzjoni (magħruf bħala ta' San Ġużepp) peress li fuqu hemm l-arma ta' San Ġużepp. Apparti minn hekk il-ventartal li llum jintuża fuq l-artal tal-Inkurunazzjoni jixbah ħafna fl-għamla tiegħu lill-ventartal tal-artal tal-konsagrazzjoni ta' San Publiju, li jiġi faċċata ta' dak ta' Sant'Antnin. Barra minn hekk tagħmel aktar sens li dan il-ventartal li qed insemmu jkun fuq l-artal tal-Inkurunazzjoni, l-ewwel nett minħabba l-arma li fih u t-tieni għax jaqbel aktar ma' tar-Rużarju.

[4] Il-Kuratur tal-Mużew tal-Arti, is-Sur Sandro Debono huwa tal-opinjoni li tal-Immakulata sar minn Emmanuel Buhagiar (*L-arti u l-ħtieġa għaliha: il-kult tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba u l-opri tal-arti li jixhdu għalih*, minn *Sicut lilium*, ed. Charles J. Farrugia, Malta 2012, 481); ma neskludix li l-ventartal il-prim tal-maġġur huwa xogħolu wkoll, speċjalment minħabba x-xebh fl-uċuħ tal-anġli.

L-isbaħ mod
kif niċċelebraw il-festa
tal-PATRUNA TAGĦNA
**SANTA MARIJA**
hija billi nimlew il-knisja parrokkjali tar-raħal
iddedikata LILHA fil-funzjonijiet li jsiru,
speċjalment fil-ġranet tat-tridijiet,
lejliet il-festa filgħaxija
u għall-quddiesa tal-Paniġierku
nhar il-festa filgħodu.
Għalhekk nuru mħabbitna
lejn il-Madonna ommna
billi NATTENDU
BI ĦĠARNA.


Pescherecccio
Gourmet fish shop
For all kind of fresh fish,
alive shell fish
and frozen foods,
We have a variety of
marinated fish, stuffed fish,
we have fresh fish from our daily catch.
mob: 9946 4440 - 7991 4577
21 Triq L-Għid Siġġiewi. SWĠ1150.
We also supply
Ice-Cubes & Ice Flakes
for BBQ, Parties & Feasts
Like us on Facebook
Pescherecccio


YOUR EVENT IN
1 PUSH OF A BUTTON. EASY.
THE VISAGE MOBILE FOLDING STAGE. NOW RENTING
VISAGE
SOUND LIMITED
tel: 99473535/2146 3607 / e-mail: visageltd@gmail.com / web: www.visagesound.com

30 Years of Service

ATTARD BROS

GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



Attard Bros. Co. Ltd.

Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



A.C.S. Ltd.

Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



Cementstone Mfg. Ltd.

Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



Attard Blue Mix Ltd.

Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



Eurocraft Ltd.

Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



Attard Developments Ltd.

Developers of Residential and Commercial Buildings.

*Your Construction Partner*

www.attardbros.com

# Attivist tas-Sena 2016/17



Robert Ghigo twieled fil-15 t'Ottubru 1989 ġewwa l-Imqabba. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ ta' De La Salle (Birgu) u wara kompla l-edukazzjoni ġewwa l-MCAST fil-kors *A-Matriculation*. Illum il-ġurnata Robert jaħdem bħala *Store Officer* maċ-ċivil ġewwa St.Vincent de Paule.

Minn mindu kien żgħir, Robert kien dejjem partitarju attiv fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u aktar kemm għadda ż-żmien aktar baqa' jagħti kontribut lejn il-festa li tant iħobb. Robert serva fil-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija għal diversi snin u fis-sena 2009 nħatar President ta' din l-istess Sezzjoni Żgħażagħ. Għal diversi drabi wkoll kien inkarigat jieħu ħsieb l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv f'isem il-Kummissjoni Elettorali.

Matul dawn l-aħħar snin, Robert kien strumentali sabiex jiġu organizzati d-diversi ikliet tal-Għaqda tal-Armar u l-Għaqda tan-Nar u l-ġbir ta' fondi li jsiru għall-Għaqda tan-Nar. Bħalissa qiegħed iservi wkoll fil-kariga ta' Kaxxier tal-Għaqda tan-Nar fejn ilu f'din il-kariga sitt snin. Robert jagħti wkoll kontribut fil-qasam tal-piroteknika u jagħti kull għajnuna possibbli lil kull fergħa fis-Soċjetà tagħna.



*Robert Ghigo jirċievi l-premju tal-Attivist tas-Sena 2016/17 mingħand il-President tas-Soċjetà Carlo Sciberras*

Minn hawn il-Bord Editorjali f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jixtieq jifraħ lil Robert għall-premju ferm meritat bħala "Attivist tas-Sena 2017", filwaqt li jirringrazzjah tal-ħidma siewja f'din is-Soċjetà u jħares 'il quddiem għal aktar ħidma fi ħdan din l-istess Soċjetà.

SHARE TWITTER tweet STATUS YOUTUBE
SUBSCRIBE POST PAGE PHOTO FOLLOW
facebook EVENT channel VIDEO FEED
COMMENT like WEBSITE

Il-Kummissjoni Web tħeġġek issegwi u tipparteċipa
mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fuq l-Internet!

www.santamarija.com
www.facebook.com/santamarija
www.youtube.com/user/santamarija815
www.twitter.com/santamarija

KUMMISSJONI WEB



# Is-Semana Santa Spanjola

**Michael Chetcuti jikteb dwar l-għożża kbira li l-poplu Spanjol għandu għal dawn il-manifestazzjonijiet grandjużi.**

Għal dawn l-aħħar 12-il sena dejjem iċċelebrajna u fakkarna bil-kbir is-*Semana Santa de España* fis-swali sbieħ tal-Palazz Santa Marija tal-Imqabba. L-imħabba, l-emozzjoni u l-kultura tal-poplu Spanjol f'dawn il-jiem tant għeżież għall-fidi tagħna jiġu esebiti f'din il-wirja unika għall-pajjiżna "La Semana Santa de España".



*Dehra ġenerali tal-wirja La Semana Santa de España*

Meta fuq il-*youtube* wieħed ifittex dwar "La Semana Santa", bla dubju ta' xejn, ser isib ruxmata ta' filmati interessanti fuq dak li jiġri fil-jiem għeżież tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Penisola Spanjola kollha. Filmati li juru l-imħabba u l-għożża li għandu dan il-poplu lejn is-*Semana Santa* li bla dubju huma l-iktar jiem qaddisa u importanti fil-kalendarju reliġjuż tal-poplu Spanjol. Wieħed jista' jara filmati ta' purċissjonijiet jew parati tal-Ġimgħa l-Kbira li jibdew ħerġin mill-ġurnata tad-Duluri sal-aħħar waħda ta' Kristu Rxoxt nhar Ħadd il-Għid. Ġimgħa u ftit aktar ta' manifestazzjonijiet grandjużi u l-aktar solenni, ta' ħafna emozzjonijiet u entużjażmu. Vari kbar tal-ġrajjiet mill-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu flimkien ma' dawk tad-Duluri t'Ommna Marija dejjem bil-kuruna fuq rasha taħt ħafna titli sbieħ. Imlibbsa bħal binha Ġesù bi lbies l-aktar għani u li jiġbed l-għajn. Id-Duluri Spanjola jostorha baldakkin l-aktar rikk u impressjonanti mistrieħ fuq 12-il lasta tal-fidda. Dawn huma vari tqal ħafna li jerfgħuhom numru mdaqqas ta' reffiegħa (costaleros), li ġieli bħal f'Malaga jlaħħaq il-200 ruħ, kull vara mmexxija dejjem minn fratell li jissejjaħ *capataz*. Xi vari minnhom jintrefgħu u oħrajn bħal dawk Maltin bil-lasti. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-vari tal-passjoni huma skolpiti fl-injam minn statwarji famużi. Xi wħud minnhom huma antiki ħafna b'karnaġġjan samrani. Fi Spanja nsibu diversi kurċifissi famużi u devoti. Insibu wkoll diversi fabbriki li jispeċjalizzaw fix-xogħol tal-fidda u oħrajn speċjalizzati fir-rakkmu tal-ilbiesi ta' dawn l-vari, oħrajn jispeċjalizzaw fix-xogħol l-aktar rikk tal-baldakkini li taħthom titpoġġa l-ikbar devozzjoni u emozzjoni; ix-xbieha tant għażiża tad-Duluri inkurunata, xi wħud minnhom inkurunati b'digriet tal-Vatikan bħal fil-każ tax-xbieha ferm antika ta' Santa Marija tal-Esperanza Macarena meqjuma b'tant għożża fil-Bażilika tagħha fil-belt sabiħa ta' Sevilja fir-reġjun ta'Andalucia. Din ix-xbieha ġiet inkurunata solennament fil-31 ta' Mejju 1964, li tagħha fil-każin tagħna hemm statwa *lifesize* mill-isbaħ, kapolavur tal-istatwarju Għawdxi Michael Cutajar Zahra li ħadem ukoll l-istatwa devota ta' Kristu "El Cauivo" ta' Malaga, li dawn, ma' diversi vari oħra magħmulin fuq dawk ta' Spanja, jintramaw fiż-żmien il-Ġimgħa Mqaddsa fit-tlett iswali tal-Palazz Santa



*Waħda mill-istatwi l-ġodda esebiti din is-sena*



*Dehra ġenerali tal-wirja La Semana Santa de España*


REBORN
SNACK BAR
REBORN SNACK BAR
58, Crossroads, Marsa
(in front of BOV)
Tel: 27036073
like us on
facebook


LOUVOLITE
DRESS TO IMPRESS
WITH OUR STUNNING EXTENSIVE NEW COLLECTION OF BLINDS IN ALL SIZES, SHAPES AND COLOURS.
EXPRESS DELIVERY SERVICE
NOW AVAILABLE
Find us on: facebook
FABRICS AND ACCESSORIES ARE UK MADE
Sta. Venera - Tel: 2124 0001
Fgura - Tel: 2169 1029
Mosta - Tel: 2143 3975
San Gwann - Tel: 2137 3103
Zurrieq - el: 2713 3555
Victoria, Gozo - Tel: 2755 0160
Email: sales@portelliandbrincat.com.mt
www.portelliandbrincat.com.mt
portelli & brincat
INNOVATION THROUGH EXPERIENCE AND QUALITY



ALL YOU NEED IS ... convenience
The Convenience Shop
100% MALTESE
FRESHLY baked Bread daily
RANGE OF CHEESE
RANGE OF HAM
MILK
CONFECTIONERY
CIABATTA OLIVE
CIABATTA WITH SUNDRIED TOMATOS
CIABATTA SEMOLA
CIABATTA WHITE
CIABATTA BROWN
DEMI BAGUETTE
ONION BAGUETTE LARGE
ONION BAGUETTE SMALL
OPEN FROM 6am TILL 9pm EVERYDAY INCLUDING PUBLIC HOLIDAYS.
THE CONVENIENCE SHOPS, MALTA
The Convenience Shop




BROWNS®
MALTA
Exceptional Food... Consistently
"One of the very nicest things about life is the way we must regularly stop whatever it is we are doing and devote our attention to eating" (Luciano Pavarotti)
And Browns Malta is the place to do so!
Original, exceptional and tasty food is served every time - that's our commitment.
We are open 7 days a week, from 10:00am till late! Accepting bookings for large groups, staff lunches & dinners, hens & bachelors, birthdays & all other occasion.
T: 2122 7410 / 2702 0471
Kitchen open all day
M: 9940 6309

Marija tal-Imqabba, li żgur ipaxxu l-għajn ta' min jarahom.

Kuljum matul is-*Semana Santa* fi Spanja joħorġu diversi purċissjonijiet minn ħafna knejjes, li jattendu u jieħdu sehem fihom eluf ta' nies. Kull purċissjoni tieħu sehem fiha bi ħġarha fratellanza jew *Hermandad* b'eluf ta' fratelli b'wiċċhom mgħotti, li jżommu f'idejhom jew xi lanterna u fanali tal-fidda, jew xi bandalori artistiċi rrakkmati bid-deheb jew bil-fidda. Kull purċissjoni ġeneralment ikollha żewġ vari, dik ta' Ġesù b'diversi statwi fuqha li turi l-ġrajja ta' Dolorosa u dik kif diġà spjegajt tad-Duluri (Bajo Palio). Dawn il-vari (Pasos) jistrieħu fuq pedistalli kbar (Tronos) indurati bid-deheb skulturat fl-injam jew oħrajn tal-fidda. F'kull kantuniera ta' dawn il-pedestalli artistiċi jkun hemm kandilabri kbar indurati, bi kwantità ta' xemgħa fuqhom u hekk fid-dlam jagħtu dehra maġika u devota. Dawn il-*Pasos* jiżżejnu bi kwantità ta' fjuri friski, anġli, emblemi, skudetti u ħafna ornamenti oħra. Dawn il-vari jiġu inċensati minn żewġ akkolti. F'dawn il-parati jieħdu sehem numru kbir ta' baned mil-lokal, li bl-ilbies eleganti tagħhom u bil-ħoss qawwi tal-marċi u innijiet memorabbli tal-okkażjoni, bla dubju ta' xejn idaħħluk f'dinja oħra ta' solennità l-aktar kbira u fl-istess ħin imsaħħra bid-devozzjoni li tant tixraq lill-dawn il-purċissjonijiet magħrufa mad-dinja kollha.

Matul is-sena x-xbieha ta' Ġesù Agonizzat u dik ta' Marija bid-dmugħ f'għajnejha jitpoġġew għall-qima tad-devoti f'niċċa f'post prominenti fil-Knisja tal-fratellanza, imżejna dejjem bix-xemgħa u bil-fjuri. F'xi anniversarji ta' dawn l-istatwi jew Fratellanzi (Confradia) rispettivi tagħhom, barra fil-Ġimgħa Mqaddsa, jerġgħu joħorġu b'mod solenni f'purċissjoni straordinarja. F'xi jiem matul is-sena jsir ukoll il-bews tal-idejn (Besomana) tal-istatwa tad-Duluri u l-bews tar-riġlejn (besopie) tal-istatwa ta' Ġesù bi Tridu qabel



***Waħda mill-istatwi l-ġodda esebiti din is-sena***

din il-funzjoni speċjali u devota. Dawn ix-xbihat huma wisq għall-qalb ta' kull Spanjol.

Din hi s-*Semana Santa* Spanjola li ta' kull sena qed tkompli tikber fil-popolarità tagħha għax l-Ispanjoli kattoliċi huma ferm akkaniti għat-tradizzjonijiet u l-kultura tagħhom. L-istess bħalna l-Maltin. Jalla d-devozzjoni f'dawn il-ġranet għeżież ta' din il-ġrajja kbira jibqgħu f'qalbna matul is-sena kollha u jkomplu jħeġġuna fil-fidi tagħna.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd!


**Lorraine's Beauty Clinic**

All face & body treatments,
Make-up, Manicures & Pedicures, Waxing,
Semi-permanenrt make-up,
Holistic & Complimentary Therapies
by qualified Therapist.



Call for appointment or SMS to
21689 785 or 99450647

Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba

**CTRONICS**

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs

Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm

Sat 9.00 Am—12.00 Pm

For appointments Call on

T: 21642744 M: 79478259



Major Notebook Brands for Sale

lenovo

hp

ASUS




Internet Problem @ home.

We have a solution

Computer Upgrades starting from € 200.00

Computer systems starting from € 325.00

All in One Printer Starting from € 69.00

Notebooks Starting from € 325.00

Computer Repairs & Formats

Notebook Repairs & Formats

Printer Repairs

Tablet & Mobile repairs

Data Back-up



Watch TV over internet





Summer heat Is Coming.

Prevent your Notebook damage from Overheating.

# Brian Green

## *Funeral Undertaker*

## Day & Night Service

*Office:* 167, Main Street, Żurrieq
Tel: 2164 2738    Mob: 9923 0850

*Res:* "Rustica", Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508

Mobile: 9949 7959, 9949 4880

# L-apparat pontifikali ta' Santa Marija jagħlaq 90 sena



Fil-festa titulari l-liturġija ssir bl-isbaħ apparat liturġiku li jinkludi l-pjaneta tal-prim ċelebrant, żewġ tuniċelli, sitt kapep, sopra leġiju u sopra pissidi. Dawn huma tal-brukkat, li huwa materjal tas-satin b'nisġa ħoxna bid-disinn imqabeż 'il barra. L-aktar brukkat għani huwa dak minsuġ bid-deheb, kif inhu dak tal-Imqabba. Fl-arkivji tal-parroċċa fil-lista tal-opri magħmulin fi żmien il-Kappillan Paċifiku Mifsud insibu bil-kitba tiegħu "***Un apparato d'imbroccato bianco dorato [pagato] dalla Veneranda Lampade***". Din in-nota ma fihiex data, imma s-sena ta' meta żżanżnu nsibuha fil-ġurnal *Malta* tad-9 ta' Awwissu 1928 fejn naqraw ***"Quest'anno, olte l'artistico sepolcro - piedestallo d'argento - e la predella della statua, si ammira un bell'apparato nuovo"***. Aħna l-Imqabbin għandna tassew għalfejn inħossuna kburin li għall-festa tal-parroċċa tagħna għandna apparat daqshekk antik u lussuż li ftit hawn bħalu!









9. Un apparato d'imbroccato bianco dorato pa dalla Ven.da Lampade



N.B.—Quest'anno, oltre l'artistico sepolcro — piedestallo d'argento — e:la predella della statua, si ammira un bell' apparato nuovo.

# Awguri
# Dun Anton D'Amato



Il-President u l-Kumitati fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jifirħu lil Dun Anton D'Amato li ġie ordnat saċerdot nhar is-7 ta' April 2018 wara li għal xi xhur serva bħala djaknu fil-parroċċa tagħna. Rappreżentanti mill-Kumitat tas-Soċjetà rregalaw pjaneta ħamra lil Dun Anton wara l-quddiesa ta' ringrazzjament li għamel fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina VM taż-Żurrieq nhar il-15 ta' April u wkoll tifkira tal-Pellegrinaġġ li sar f'Novembru li għadda wara l-quddiesa ta' ringrazzjament li għamel fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija fl-Imqabba nhar id-29 ta' April. Dun Anton, li se jmexxi l-ewwel festa titulari tiegħu nhar il-15 ta' Awwissu fl-Imqabba, issa qiegħed iservi fil-parroċċa tagħna u minn hawn għal darb'oħra nawgurawlu AD MULTOS ANNOS!





# FAJSU

**Supply of**

**STEEL SHEET | PLATE | BAR | TUBE | PIPE**

**SALES OF BUILDING MATERIAL**

**IL-FAJSU CO.LTD.**

"Tal-Ħarruba", Triq il-Ġarġir, Nigret, Rabat Rbt 4631 Malta
Email: il-fajsu@hotmail.com
Mob: 7945 4448, Tel: 21 454 448, 2145 6937 Fax: 2145 0985

# POLYPLUMB



# 75 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija



## *Festi speċjali fl-Imqabba*

**Antoine Farrugia jikteb dwar l-attivitajiet li saru sabiex ikun imfakkar il-75 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija**

Matul l-2017, ġewwa l-gżejjer Maltin, ġie mfakkar id-dħul mirakoluż tal-*Operation Pedestall* jew kif inhu magħruf mal-Maltin **il-Konvoj ta' Santa Marija**. Ġie mlaqqam ta' Santa Marija għax propju l-ewwel vapuri bdew jaslu fil-ftuħ tal-festi tal-Assunta bl-aktar vapur importanti *Ohio* jasal fil-port fl-Għid tal-Assunta.

Il-Kumitat Eżekuttiv preċedenti fl-2016 taħt il-presidenza tal-mibki iżda qatt minsi Carmel Zahra, kien applika mal-kurja sabiex fl-Imqabba dan l-avveniment jiġi ċċelebrat kif jixraq matul l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru u l-bidu ta' Novembru 2017.

Appena kif għaddiet il-festa tal-Assunta f'nofs Awwissu, u kellna f'idejna l-permess tal-festi speċjali, imbarkajna fuq pjan biex dan l-avveniment jitfakkar kif inhu xieraq.



***Ftit mill-oġġetti esebiti waqt il-wirja Lest We Forget***

L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2017, infetħet il-wirja ġewwa s-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V intitolata 'Lest we Forget' – wirja relatata ma' affarijiet tat-tieni gwerra dinjija mtellgħa mis-Sur Leonard Azzopardi.

L-għada l-Ħamis, 26 ta' Ottubru 2017, assistejna għall-ħruġ tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija min-niċċa filwaqt li l-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru ġiet imtellgħa serata ġewwa l-Knisja Parrokkjali bis-sehem ta' Kwintett minn bandisti tal-banda Re Ġorġ V ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Din is-serata kienet taħt il-Patroċinju tal-Ġiżwita Patri Konrad Grech SJ fejn għamel taħdita fuq id-dħul mirakoluż tal-konvoj ta' Santa Marija fil-Festa tal-Assunta.

Kif spiċċat is-serata, il-mistednin distinti kif ukoll l-Imqabbin, fil-pjazza ewlenija tal-Imqabba daqu ftit mit-togħma qarsa tal-gwerra fejn bid-daqq tas-sirena, l-isparar u trakkijiet żgur li daħħluna fil-ħruxija u tbatija tal-gwerra. Ma' din l-esebizzjoni, kellna fostna s-sett tal-Parilja armata biswit il-knisja parrokkjali fejn kienet tikkonsisti fil-karru tal-mejjet; il-karru tal-qassis u l-karru tat-tfal. Dan is-sett kien wieħed mill-attrazzjonijiet ewlenin. Is-Sur Vince Attard, ħa ħsieb jorganizzalna l-gaxin għall-*victory kitchen* kif ukoll is-Sur Michael Bezzina ħa ħsieb it-tisjir tal-majjal. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kienet involuta fil-logħob imlaqqma 'sold xelin' li kienet logħba mfittxija fiż-żminijiet tal-gwerra. Fis-Sala Santa Marija, is-Sur Leonard Azzopardi esebixxa wħud mill-kollezzjoni kbira li għandu relatata mat-tieni gwerra dinjija. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll għas-Sur Nicholas Baldacchino li ħejjielna filmat interessanti fuq il-ġrajja tal-Imqabba u l-attakk tad-9 ta' April 1942. (Parentesi żgħira hi li din l-attività ma setgħetx tiġi organizzata fil-ġurnata propja għaliex dakinhar il-kalendarju liturġiku kien qed jiġi ċċelebrat Ħadd il-Palm. Dakinhar il-kappillan Fr John P. Curmi bil-kollaborazzjoni ta' Dr Fr Jonathan Farrugia ħadu ħsieb jorganizzaw lejla ta' tifkira fil-knisja parrokkjali permezz ta' filmati, qari minn djarju u pittura antika).



***Mezz tat-trasport li kien jintuża fiż-żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija***

Is-Sibt, 28 ta' Ottubru, matul in-nofstanhar ta' filgħodu, saret mawra fuq kajjik madwar il-Port il-Kbir




# TA' BALAL
## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**

***Treatments Available:***

- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214   Mob: 9942 6054**





*Dawra fuq kajjik madwar il-Port il-Kbir*

u l-Kottonera u wara konna servuti ikla tipikament Maltija ġewwa r-ristorant "Il-Malti".

Filgħaxija l-Banda Re Ġorg V tellgħat programm vokali u strumentali fis-sala tal-iskola primarja tal-Imqabba fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. F'dan il-programm, is-Sur Charles Farrugia ġie mogħti l-unur Ġieħ l-Imqabba għad-dottorat li kiseb barra minn xtutna u li hu l-ewwel dottorat tax-xorta tiegħu għall-gżejjer tagħna.



*Il-Banda Taljana La Forma waqt il-kunċert mużikali fil-pjazza tal-Imqabba*

Il-Ħadd, 29 ta' Ottubru, kellna żjara mill-Banda La Forma, banda taljana minn Serrone fl-Italja fejn tellgħat programm strumentali mżewwaq b'repertorju vast ħafna. Dan il-programm kien taħt il-Patroċinju tal-Ministru tal-Kultura u Gvern Lokali. Wara sar riċeviment fis-sala prinċipali fejn sar ukoll bdil ta' rigali.

It-Tnejn, 30 ta' Ottubru ġewwa l-kappella ta' San Bażilju ttellgħu xi ħsibijiet dwar Marija bit-tema 'Niltaqgħu ma' Marija'. F'din il-lejla saru ħsibijiet fuq Marija kemm mit-Testment l-Antik kif ukoll mit-Testment il-Ġdid. Ma setax jonqos li wħud mill-ħsibijiet ikunu marbuta mal-gwerra u mad-dħul mirakoluż tal-konvoj. Dawn il-ħsibijiet profondi ġew ippreparati ferm tajjeb mid-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà tagħna Fr Joseph Zahra OP u mill-WR Kan DR Jonathan Farrugia.

It-Tlieta, 31 ta' Ottubru kien jum ta' preparazzjoni għall-pellegrinaġġ devot bil-vara ta' Santa Marija Patruna tal-Gżejjer Maltin fejn ġew imqassma l-ilbiesi lill-fratelli tas-Ssmu Sagrament u mħejjija l-gruppi.

L-Erbgħa 1 ta' Novembru huwa jum importanti għalina devoti tal-Assunta. Barra li kif inhu xieraq infakkru l-festa tal-Qaddisin Kollha, id-devoti tal-Assunta jfakkru l-jum li l-Papa Piju XII ħabbar d-Domma tal-Assunta. Għalhekk wara l-quddiesa ta' filgħaxija tajna bidu għall-pellegrinaġġ devot mmexxi mill-fratellanza tas-Ssmu Sagrament. Kien mument storiku fejn l-Imqabbin kollha ngħaqdu matul it-triqat kollha li għadda minnhom il-pellegrinaġġ biex jirringrazzjaw lil Marija li bl-interċessjoni tagħha quddiem binha Ġesù Malta salvat. Kien pellegrinaġġ twil li għadda minn Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katerina sa biswit l-istatwa tal-Assunta tal-Mentna, Triq Sejba, Triq il-Pal, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Pjazza tal-Knisja, Triq il-Karmnu, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa. Matul il-pellegrinaġġ ingħad ir-Rużarju meditat u fuq iz-zuntier tkantat is-*Salve Regina* u l-Litanija tal-Madonna. Kif dħalna lura fil-knisja, indaqqet l-antifona tal-Madonna u ngħatat il-Barka Sagramentali.



*Il-pellegrinaġġ bil-vara ta' Santa Marija mat-toroq tal-Imqabba*

Kif wieħed jista' jinnota, konna xxurtjati li fl-Imqabba li sa mill-qedem kellna rabtiet kbar ma' Santa Marija, konna l-unika parroċċa f'Malta fejn verament iċċelebrajna l-75 anniversarju mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija. Unur kbir għalina li għexna dawn il-mumenti – mumenti li kienu ċċelebrati b'mod dinjituż, bla pika u magħqudin bħala raħal wieħed m'Ommna Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lill-Kappillan u l-kleru, il-forza tal-ordni, Kunsill Lokali, u l-Imqabbin kollha li pparteċipaw bis-sħiħ f'dawn il-festi.

# Tislima



Il-Bord Editorjali flimkien mas-Soċjetà Santa Marija jixtieq isellem lill-partitarji kollha ta' din is-Soċjetà li ħallew din id-dinja lejn l-aħħar tas-sena 2017 jew fis-sena 2018, u nirringrazzjawhom tas-sehem tagħhom b'risq il-festa ta' Santa Marija.



*Leonard Spiteri li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-28 ta' Awwissu 2017*



*Nazzareno Baldacchino li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-12 ta' Settembru 2017*



*Monica Farrugia li marret tiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fl-4 ta' Novembru 2017*



*Joseph Ghigo li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fil-5 ta' Diċembru 2017*



*Joseph Camilleri li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-22 ta' Diċembru 2017*



*Paul Sciberras li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fis-27 ta' Jannar 2018*



*Innocenza Sammut li marret tiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-2 ta' Frar 2018*



*Emanuel Farrugia li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fis-17 ta' Marzu 2018*



*Nicholas Paul Farrugia li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-27 ta' Marzu 2018*



*Maria Antonia Sciberras li marret tiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-2 ta' April 2018*



*Carmel Zahra li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fil-11 ta' April 2018*



*Carmela Spiteri li marret tiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fid-29 ta' April 2018*



***Mario Micallef li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-22 ta' Ġunju 2018***



***Joseph Farrugia li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fis-7 ta' April 2017***



***Andrew Zammit li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fit-22 ta' Diċembriu 2017***



***William Bugeja li mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' Santa Marija fil-11 ta' Novembru 2017***



Is-sala tal-Każin
tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tal-Imqabba issa qiegħda
tinkera għal diversi okkażjonijiet.

Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv.



Reno Farrugia
(tal-Ghawdxi)

**Funeral Service**

irrikorru
'Emerald' Triq il konvoj ta' Santa Marija
Mqabba

**Mob : 99491477**

ShoeShine Footwear
Carmelo Caruana Str,
Zurrieq ZRQ 1140
Tel: 21 685 241
Mob: 99 821 932
shoeshinefootwear@hotmail.com



**Exclusive styles from quality brands**

**Ladies, Men & Children Quality Footwear**

- smart shoes
- casual shoes
- elegant shoes
- matching bags & accessories

**Best Buy, Best Choice**

we offer bonus card

Also Vast Selection Of Sports Shoes

DIADORA KELME CONVERSE asics

**iSHINE**
**deep cleaning**

Cleaning & Disinfection of Carpets & Mattresses
Upholstery cleaning
Window cleaning
Marble polishing
Boat cleaning
Car valeting



*For more information contact Karl*

*Mob: 7928 1209*
*9982 1932*
*Tel: 2168 5241*




# MALLIA

## PETROL STATION LTD.

## SIGGIEWI



New Tyres, New Batteries,
Oil Filters, Accessories,
Car Care products &
more

Mob: 79617353/4

*Tislima*

# Carmel Zahra
# 26.10.1948 – 11.04.2018



**Dr Charles Sciberras jikteb dwar il-ħajja tal-President Onorarju u eks President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V[1]**

Nhar l-Erbgħa 11 ta' April 2018 għal ħafna nies kienet ġurnata normali bħall-oħrajn. Mhux hekk iżda għall-familja tas-Sur Carmel Zahra u s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Mat-tokki tat-tlieta u għoxrin minuta ta' waranofsinhar, Carmel, żewġ Mary, missier ta' Adrian, Claudine u Louise, nannu ta' Gabriel u Mirayne, kunjatu ta' Simon u President Onorarju tas-Soċjetà Santa Marija, ħalla dan il-wied tad-dmugħ u għadda għal ħajja oħra li ma tintemmx. Il-mezzi moderni soċjali ta' komunikazzjoni malajr xerrdu din l-aħbar kiefra u ħadd ma seta' jemmen kif ħajjet Carmel intemmet daqshekk ħesrem. Ħafna nies minn kull rokna ta' Malta ħassew dieqa kbira u bkewh.

Nenu, kif kulħadd kien isibu, kien bniedem ta' prinċipju u rġulija, sod fil-karattru tiegħu, moderat fid-diskors tiegħu, u meqjus f'għemilu. Il-mibegħda ma kienx jaf x'inhi: anzi kien altruwista ħafna anke ma' min ma kiwnx jaqbel miegħu. Lil dawn kien isejħilhom ħbieb, imma b'opinjonijiet differenti. Xhieda ta' dan kollu hija l-preżenza kbira ta' nies li ħassew id-dover li jagħtu l-aħħar tislima lil dan ir-raġel hekk umli. Kulħadd kellu kliem ta' tifħir u l-folla bkietu speċjalment wara li semgħet id-diskors tal-Kappillan waqt il-quddiesa funebri. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ma naqsitx li tonorah billi pparteċipat bil-qawwa fil-funeral tiegħu, speċjalment bil-korteo u marċi funebri li wassluh mill-Knisja Parrokkjali saċ-ċimiterju tan-Nazzarenu.

Carmel kien iħobb ħafna lil raħal twelidu u kien kburi li kien Imqabbi. Għalhekk ħadem ħafna b'risq il-komunità Mqabbija u ta' dan l-Imqabba onoratu b'Ġieħ l-Imqabba fl-2010. Mhijiex xi ħaġa faċli li tokkupa l-kariga ta' President ta' Soċjetà għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena ġewwa raħal fejn il-piki tal-festi ċċelebrati kienu qabżu kull limitu. Sa mill-bidu tal-Presidenza tiegħu, huwa ħadem u stinka bis-sħiħ, sabiex, flimkien ma' oħrajn, irnexxielu jikkontrolla din il-pika esaġerata u ġabha f'livelli aċċettabbli. Dejjem żamm quddiem għajnejh li biex tiċċelebra m'hemmx għalfejn tweġġa' lil ħaddieħor. Flimkien mad-diversi kumitati li mexxa u b'ħidma intensiva għolla l-isem tal-Imqabba għal-livell internazzjonali. Taħt il-Presidenza tiegħu, barra l-ħafna personalitajiet distinti u baned barranin li żaruna ġewwa l-Imqabba, kemm il-Banda Re Ġorġ V u l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħu unuri internazzjonali. Dan wassal sabiex eluf ta' nies barranin jiġu l-Imqabba fil-jiem tal-Festa ta' Santa Marija sabiex jaraw il-wirjiet pirotekniċi innovattivi li s-Soċjetà hi tant magħrufa għalihom.

Il-mewt ta' Nenu mhijiex it-tmiem tiegħu. Għal ħafna bnedmin il-ħajja tibda u hekk kif tispiċċa dawn jintesew. Dan ma jgħoddx għal Nenu: għalkemm il-preżenza tiegħu fostna ntemmet, għemilu għadu jitgawda minna lkoll kemm bħala Imqabbin, iżda aktar u aktar bħala partitarji ta' Santa Marija. Żgur li ser jibqa' mfakkar mal-medda taż-żmien għax-xogħol kbir u siewi li hu għamel matul ħajtu inġenerali u b'mod speċifiku għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Lil Carmel ħafna jafuh bħala l-President, iżda fil-fatt beda jagħti sehmu fi ħdan is-Soċjetà bħala membru tal-Kumitat Eżekuttiv fl-1986, u bejn l-1989 u l-1990 okkupa il-kariga ta' Segretarju. Kien fl-1990 li nħatar President tas-Soċjetà, kariga li dam jokkupa sal-bidu tas-sena 2017. Waqt is-Seduta Ġenerali li saret il-Ħadd 23 ta' Lulju 2017 bir-raġun kollu nħatar President Onorarju 'ad vitam'. Is-Soċjetà u Santa Marija kienu l-mimmi t'għajnejh. Moħħu dejjem kif ser itejjeb is-Soċjetà li hu wiret biex imexxi u fl-istess ħin ikabbar il-Festa ad unur Santa Marija, Patruna tal-Imqabba. Sa mill-bidu nett tal-ħatra tiegħu, wieħed seta' japprezza l-kobor ta' dan il-President ħabrieki meta jinduna bil-viżjoni kbira li huwa kellu u sa fejn ried iwassal fil-futur lis-Soċjetà Santa Marija.

Sa minn żgħożitu, Nenu kien midħla sew tal-ġebla Maltija u sar espert fl-industrija tal-bini. Kienet loġika għalih li biex tibni fis-sod l-ewwel nett irid ikollok pedamenti sodi. Għalhekk hu ma damx wisq biex segwa dan il-prinċipju fundamentali u mal-ħatra tiegħu ta' President beda jissoda l-għeruq tas-Soċjetà ħalli din tkun tista' tikber u ssir siġra aktar f'saħħitha u li tagħti ħafna frott. Ħadem sabiex inbidel l-istatut, u barra li nbidel l-isem tas-Soċjetà sar pass aktar importanti peress li l-istess Soċjetà saret aktar inklussiva: il-Fergħa tan-Nisa ġiet rikonoxxuta formalment bl-istess statut u n-nisa setgħu jsiru soċji. Ħass ukoll li l-futur tas-Soċjetà huma ż-żgħażagħ u malajr twieldet is-Sezzjoni Żgħażagħ. Komplew jissaħħu l-Kummissjoni Banda, l-Għaqda tan-Nar u dik tal-Armar. B'hekk saret ri-organizzazzjoni sħiħa tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li inevitabbilment waslet għar-rebħ ta' bosta unuri kbar f'ħafna oqsma differenti, kemm nazzjonali kif ukoll

internazzjonali. Ħdan is-Soċjetà baqa' jespandi sabiex illum insibu diversi klabbs, gruppi u kummissjonijet oħra li jħaddnu membri li għandhom ħiliet varji u interessi oħra.

Carmel kien espert fil-bini u għalhekk kienet xi ħaġa naturali li huwa kien ser jagħti spinta kbira fl-istruttura tal-bini tas-Sede u l-assi tas-Soċjetà. Hekk beda bit-tkabbir tal-imħażen u kompla billi ta' bidu għall-proġett ambizzjuż ħafna li dam sejjer għoxrin sena sħaħ – l-embelliment tas-sala prinċipali tas-Sede. Illum is-'Sala Marija Assunta' hija ġawhra ta' arti li tikseb l-ammirazzjoni u tifħir ta' mijiet ta' nies li jżuruna speċjalment fil-jiem tal-Festa. Is-sena taċ-Ċentinarju, 2010, kienet waħda speċjali u Carmel ħadem kemm felaħ sabiex din is-sena tibqa' mfakkra bil-kbir u għal dejjem. Hekk kien kburi ħafna u ta' unur, meta fis-26 ta' Diċembru 2010 huwa stess, fuq xewqa unanima tas-Soċjetà, inawgura l-Estensjoni tas-Sede tas-Soċjetà. Għalkemm inħakem minn marda kiefra u qerrieda li bdiet teħodlu saħħtu xorta waħda baqa' jistinka biex iwettaq il-proġett li kien ilu joħlom bih għal żmien twil: il-bini ta' statwa artistika ta' Santa Marija. L-imħabba li hu kellu lejn Ommna Marija, speċjalment taħt it-titlu ta' Marija Assunta, kienet tant qawwija li ġiegħlitu jinsa kull uġigħ u għejja li kien iħoss u jkompli jiddedika ħinu sabiex jitwettaq dan l-aħħar proġett li hu tant xtaq jara. Kemm kien ferħan nhar it-8 ta' Awwissu 2014 meta ġiet inawgurata l-istatwa artistika ta' Santa Marija, imnaqqxa fil-ġebla Mqabbija li qiegħda ssebbaħ il-Pjazza Ġublew id-Djamanti!

L-ebda bniedem uman ma hu perfett. Iżda l-kwalitajiet sbieħ kienu bil-wisq jegħlbu l-ftit difetti li seta' kellu. Barra li kien raġel tal-familja eżemplari, kien ukoll bieżel ħafna u mimli b'umiltà. Mhux jordna, imma kien l-ewwel wieħed li jmidd idejh għax-xogħol.



*Il-korteo akkumpanjat minn marċi funebri fi triqtu lejn iċ-ċimiterju*

Qatt ma ftaħar b'għemilu iżda kien iżomm saqajh mal-art u kliemu kien dejjem meqjus. Kellu żewġ doni kbar naturali li għenuh ħafna biex imexxi s-Soċjetà fi żminijiet diffiċli u għal daqs tant żmien: id-diplomazija u t-tolleranza. Il-moderazzjoni ta' ħsibijietu wasslitu biex iressaq flimkien il-maġġoranza mal-minoranza. Waqt id-diskussjonijiet u fuq il-mejda tan-negozzjar kien jisma' bil-kalma kollha dak kollu li kellu jingħad, jixtarr kollox u jasal għal-konkluzjonijiet li kienu jwasslu għall-kompromessi u soluzzjonijiet mingħajr ma jnaqqas xejn mill-akkwisti tas-Soċjetà jew il-kobor tal-Festa. Hekk, dan l-ispirtu ta' għaqal, djalogu ġenwin u rieda tajba għenuh bil-kbir sabiex ikollu relazzjonijiet mill-aqwa mal-awtoritajiet ċivili, ekkleżjastiċi, forzi tal-ordni, organizzazzjonijiet u soċjetajiet mużikali oħra. Fost dawn kellu relazzjoni tajba ħafna mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju u flimkien ħadmu sabiex iż-żewġ festi ġewwa l-Imqabba jiġu ċċelebrati b'dinjità u fi spirtu ta' tolleranza. Saret drawwa li ż-żewġ kumitati jistiednu lil xulxin u jattendu għall-funzjonijiet esterni u interni fil-jiem tal-festa. Jalla dan l-ispirtu ta' għaqda li Nenu, flimkien ma' oħrajn, żera' ġewwa l-Imqabba jkompli jikber u jissaħħaħ.

Illum il-familja tiegħu tibkih u tipprova tistabar. Iżda Carmel straħ mit-tbatija li dan l-aħħar żmien kien qiegħed iġorr fuq spallejh bħall-Imgħallem tiegħu. Qatt ma gerger iżda kien iżomm din it-tbatija mistura ġo fih u jagħmel l-almu tiegħu biex jidher ferħan quddiem familtu u ma jdejjaqhomx bis-sofferenzi kbar tiegħu. Għal Nenu l-festa ta' Santa Marija ma kienet tfisser xejn jekk ma jattendix għall-funzjonijiet interni li jsiru fil-Knisja Parrokkjali. U kien xieraq ħafna li l-Banda Re Ġorġ V akkumpjanat d-daħla tiegħu fiċ-ċimiterju bid-daqq tal-innu 'Ave Marija'. Hekk kien jistħoqqlu. Dan it-twemmin u mħabba kbira li kellu lejn Marija Santissma Mtellgħa s-Sema ġegħluh biex jixrob sal-aħħar qatra l-imrar tal-ħajja li kien hemm lest għalih. Il-kefrija tal-uġigħ, speċjalment dak li kien ikollu fis-satra tal-lejl, ma kienx biżżejjed biex iġiegħlu jitbiegħed minn dak kollu li hu kien jemmen fih u ħaddan matul ħajtu.

Carmel Zahra illum qiegħed f'dinja oħra għax wasallu ż-żmien li jibdel d-dar tiegħu li hu kellu ġo dan l-eżilju u jibni dar oħra f'post fejn il-ħajja ma tintemmx. Illum qiegħed igawdi lill-Ħallieq tiegħu u lil Ommna Marija Assunta. Ninsab persważ li qiegħed iżomm għajnejh fuqna lkoll. U bħalma fil-jiem tal-festa, ġewwa l-Knisja u fit-toroq tal-Imqabba, ninsġu u nkantaw kliem ta' tifħir lil Marija Assunta sabiex tinterċedi għalina quddiem il-Mulej, hekk ukoll nitolbu lill-għażiż Carmel ħalli flimkien ma' Marija Santissma hu wkoll jinterċedi għall-familja tiegħu, qrabatu, ħbieb, għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li hu tant ħadem għaliha, kif ukoll għalina lkoll bħala aħwa Imqabbin.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

**Referenzi**

[1] Iktar tagħrif dwar Carmel Zahra jinsab fil-Programmi tal-Festa Santa Marija 2014 u 2017

# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq
**Tel: 2168 3112 • Mob: 7999 4247**



*For Receptions, Parties and all occasions*





# Tislima



## *B'tifkira għażiża ta' Mro Leonard Spiteri li ħalla din id-dinja s-sena l-oħra*



Mro Leonard Spiteri twieled l-Imqabba nhar it-18 ta' Jannar 1930, iben Ġużeppi u Marija née Debattista. Attenda l-iskola Primarja tal-Gvern u l-Kulleġġ De La Salle. Daħal bħala *apprentice joiner* fit-Tarzna tal-armiraljat fl-1945.

Beda jitgħallem il-mużika u d-daqq tal-oboe fil-Każin Re Ġorġ V u ddebutta mal-Orkestra Santa Marija. Bandist regolari tal-Banda Re Ġorġ V mit-twaqqif tagħha fl-1947.

Fl-1953 ħadem bradella u bankun għall-vara tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba. Din l-opra ġiet iddisinjata minnu stess bi stil kompletament ġdid għal dak li soltu naraw. Fl-istess sena ddisinja u ħadem il-bieb ta' barra tal-Każin Re Ġorġ V. Fl-1950 beda l-istudji tiegħu tal-armonija u l-kontrapont għand is-Surmast Carmelo Costa u kkwalifika għad-diploma A(Mus)LCM. fl-1953. Sadattant Leonard Spiteri ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, kariga li okkupa bejn l-1951 u l-1956. Inkuraġġit mill-ewwel suċċessi fl-istudji mużikali, iddeċieda li japprofondixxi b'iktar serjetà. Fl-1956 mar Londra u rreġistra bħala student tal-*London College of Music* u l-*Guild Hall of Music and Drama* fejn kien jattendi bħala 'evening classes student'. Fl-1957 ikkwalifika għad-diploma L(Mus)LCM. u għal F.L.C.M. fl-1962. Sa fejn hu magħruf dan kien l-ewwel Malti li studja fil-*London College of Music* u mmerita dawn iż-żewġ diplomi.

Lura f'Malta fl-1964 kiteb innu 'Lil Marija Assunta' għall-banda li tant kien ħadem għaliha – il-Banda Re Ġorġ V. Dan ir-rigal kien l-ewwel innu għall-vuċi pwerili li kellha s-Soċjetà Santa Marija għall-festa tal-parroċċa. Mill-mod kif bena din il-kompożizzjoni u l-maestrija fl-armonija, nibdew nifhmu l-abiltà ta' dan is-surmast kompożitur. Indaqq l-ewwel darba mill-Banda Re Ġorġ V minn fuq iz-zuntier fi ħruġ il-vara ta' Santa Marija min-niċċa nhar il-Ħadd 9 ta' Awwissu 1964, u kien kantat minn kor ta' xebbiet tas-Soċjetà.

Fl-istess sena ħadem bankun fejn jitpoġġa s-salib u l-lanterni tal-fratellanza tar-Rużarju u fl-istess żmien ukoll irrinova l-bieb ta' barra tal-Każin. F'Novembru 1964 ġie mpjegat bħala *full-time Visiting Master* fil-mużika u l-kraft mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn wara ġie stabbilit. Dam 27 sena f'dan l-impjieg sa ma rtira bl-età.

Fl-1965 ħa sehem kbir fid-dekorazzjoni tas-sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija. Fuq disinn tas-Sur Ġużè Galea, mir-Rabat, għamel il-forom għall-iskultura kollha tas-saqaf u wara ffurmahom u waħħalhom f'posthom. Mhux possibbli nelenka l-kontribut tiegħu, madanakollu biżżejjed ngħid li kien moħħ prinċipali wara x-xogħol.

Mro Leonard Spiteri mar jgħix Ħal Qormi meta żżewweġ lil Josephine née Borg fl-1968. Għalkemm dawn is-snin kollha għex barra minn raħal twelidu, Mro Leonard Spiteri kien baqa' jħobb u jinteressa ruħu fl-Imqabba u b'mod partikulari fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Mro Leonard Spiteri miet fit-28 ta' Awwissu 2017 fl-età ta' 87 sena.

**L-AVUKAT**
**DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.**

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**



# Pawlu Sciberras

**Elvin Sciberras isellem il-memorja ta' wieħed mill-membri attivi fi ħdan l-Għaqda tan-nar Santa Marija**

Pawlu Sciberras twieled l-Imqabba fis-6 ta' Mejju 1946. Iben Emmanuel u Maria Sciberras (Ta' Ġambona) u r-raba' wild fost seba' aħwa. Huwa trabba l-Imqabba iżda meta żżewweġ mar joqgħod Santa Luċija.

Pawlu "iz-Zoj", kif kien magħruf l-Imqabba, ħalla l-iskola ta' 16-il sena u mar jaħdem bħala kunduttur fuq ix-xarabank ma' zijuh Ġienju. Iżjed tard beda jaħdem bħala xufier ta' xarabank sakemm imbagħad emigra lejn il-Kanada.

Fiż-żmien li dam il-Kanada ħass sew in-nuqqas tal-festa ta' Santa Marija u tal-ħajja soċjali fl-Imqabba, u fil-fatt wara ftit inqas minn sentejn iddeċieda li jiġi lura, fejn daħal jaħdem bħala *watchman*.

Kellu passjoni kbira lejn il-festa ta' Santa Marija u b'mod partikulari lejn in-nar, fejn kien membru attiv fl-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Għalkemm residenti Santa Luċija, kont dejjem tarah l-Imqabba u tista' tgħid ma kienx ifalli ġurnata milli jinżel il-post tan-




*Pawlu Sciberras waqt il-ħidma piroteknika*



*Pawlu Sciberras waqt il-ħruq ta' murtali*



*Pawlu Sciberras waqt il-Pellegrinaġġ bil-vara tal-Assunta fl-1 ta' Novembru 2017*



*Pawlu Sciberras flimkien ma' sett tal-murtali*


Magic Clean
DETERGENTS & TOILETRIES
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq (Ħdejn il-Museum tal-Bniet)
Tel: 2164 7070 • Mob: 7720 8974
Għall-Offerti u Sorpriżi mill-Aħjar
• Punti Doppji • Free Deliveries • Prodotti b'Xejn
• Bonus Card • L-Orħos u l-Aħjar Prezzijiet
Magic Cleam... The Heart of Magic Prices


MOBILTECH VRT STATION
VRT GHAND ĠANNI L- ELECTRICIAN
WE ALSO DO:
TYRES AND PUNCTURE REPAIR
BATTERIES
A/C SERVICE
ELECTRICAL PARTS AND REPAIR
INSURANCE AND LICENCE
VRT FOR:
CARS
LIGHT COMMERCIALS
QUAD BIKES
LOW VEHICLES
4 WDS
VALLETTA RD - ZURRIEQ
TEL: 21640466 / 79498465
e mail: mobiltechgarage@hotmail.com

nar. Hemmhekk kien jiltaqa' mal-ikbar ħbieb li kellu filwaqt li jaħdem il-murtali tal-beraq, ħaġa li baqa' jagħmilha sa ftit ġranet qabel miet. Fil-fatt kellu diġà xi xogħol lest għall-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena. Flimkien ma' sħabu tal-kamra, kien ukoll jaħraq il-murtali fil-ġranet tal-festa. Kien maħbub u rispettat minn sħabu d-dilettanti aktarx minħabba t-tjubija tiegħu u d-disponibbiltà li dejjem wera lejn kulħadd.

Ħafna nies involuti fis-Soċjetà Santa Marija u fil-Banda Re Ġorġ V żgur li jiftakru lil Pawlu dejjem jiġri b'xi kelb miegħu. Fil-fatt huwa kellu mħabba kbira lejn l-annimali. Kien iħobb ukoll il-futbol fejn kien iżomm mat-Taljani u mal-Inter, fejn kellu x-xorti jiltaqa' personalment mal-leġġendarju Interist Ivan Cordoba meta dan żar l-Imqabba fl-2015. Pawlu kien ukoll isegwi mill-viċin lit-tim ta' Mqabba FC u kważi qatt ma kien jitlef logħba tagħhom. Kien ukoll għen fil-bini tal-klabb tal-futbol tar-raħal.

Huwa miet fis-27 ta' Jannar 2018 fl-età ta' 71 sena.
Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

# Agħti sehmek

## fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V billi tingħaqad ma' xi waħda mis-sezzjonijiet tagħha

BUILDING
YOUR VISION

ZAHRA
GROUP

CONSTRUCTION WORKS,
SUPPLIERS OF CONCRETE & CONCRETE BLOCKS,
CRANE HIRE, PLANT HIRE & AGGREGATE



Siġġiewi Road, ta' Kandja, L/O Mqabba.
**Tel:** 2164 0957, **Fax:** 2164 1601, **Mob:** 9942 4689
**E-Mail:** info@zahragroup.com.mt

**www.zahragroup.com.mt**

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables
***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

# Awguri



Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Ryan Vella
għall-kisba ta' B.Sc. in Physics & Mathematics

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Tyrone Barbara
għall-kisba ta' Higher National Diploma in Sales and Marketing Management

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Maria Barbara
għall-kisba ta' B.A. (Hons) in Tourism Studies

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Sarah Buttigieg
għall-kisba ta' B.A. (Hons) in Tourism Studies

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Tiziana Farrugia
għall-kisba ta' Doctor of Medicine and Surgery

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Antoine Galea
għall-kisba ta' Doctor of Medicine and Surgery

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Maria Zammit
għall-kisba ta' Master in Teaching and Learning English

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Maria Ellul
għall-kisba ta' B.Sc. (Hons.) in Nursing

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Dr Charles Farrugia
fl-okkażjoni tal-unur 'Ġieħ l-Imqabba 2017' mogħti lilu mill-Kunsill Lokali
nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru 2017

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Dr Louis Galea
għall-ħatra fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Patri Joseph Zahra O.P. f'għeluq
ħmistax il-sena bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Kan. Dr Jonathan Farrugia
f'għeluq l-għaxar sena mill-ordinazzjoni saċerdotali

Is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Chris Spiteri f'għeluq l-għoxrin sena
ħidma fil-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V

Is-soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Whitney Russell
għall-kisba ta' B.A. (Hons) in Business Enterprise

Callus
Garden Centre
for all your garden needs

21 462 229
79 405 135

Callus Garden Centre
Triq l-Imqabba
is-Siġġiewi SGW 2200

calluslandscaping@gmail.com

Callus Garden Centre

F1 CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

Christian Mifsud
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420

# Il-Kwadru taz-ziju Nin



**Patrick Mallia**

Minn ċkuniti sew kont midħla
U nżur spiss liz-ziju Nin
Dar dan kellu sewwa antika
F'tarf ir-raħal kienet din

Miegħu kienet tgħix iz-zija
Oħtu xebba, z-zija Ċens
Issajjarlu u tieħu ħsiebu
Din għalih kienet ta' wens

Kont nqatta' l'ġranet magħha
Tgħid xi talba u tirrakonta
Fuq tfulitha tgħid xi storja
Sew tifakar kull sekonda

Mela f'din id-dar taz-ziju
Kien hemm sala kbira fuq
Dejjem hekk jien niftakarha
Kellha l-bieb dejjem magħluq

Darba minnhom jien fettilli
Tagħha nfittex il-muftieħ
Sakhemm l-imsejkna z-zija
Mimduda kienet tistrieħ

Ma domtx wisq jiena biex sibtu
Dlonk mort niftaħ jien il-bieb
X'kurżità kelli ġo fija
Minn moħħi għadda elf ħsieb

Bi ftit sforz kien irnexxieli
Biex bla ħoss il-bieb jinfetaħ
Waqt li z-zija tibqa' rieqda
U din żgur qatt ma tintebaħ

Dlonk dħalt niġri ġewwa s-sala
Rajt għamara kullimkien
Kbira, goffa u antika
U mogħbija sew biż-żmien

F'salt waqaft għajnejja waqfu
Fuq inkwatru f'nofs il-ħajt
Impitter fuq tila kbira
Ġmiel li bħalu qatt ma rajt

Minn xaqq żgħir ta' tieqa kbira
Kien hemm raġġ ta' dawl leqqien
U li donnu ried dan juri
Ġmiel ix-xbieha li rajt jien

Xbejba sbejħa ġmiel il-ġenna
L'fuq dirgħajha miftuħin
Donnha mtajjra l-fuq fis-sema
Magħha l-anġli mdawwrin

Issaħħart b'dan il-ġmiel kollu
Ridt li fuqu nsir naf
Minn fejn ġie dan għand iz-ziju
Ngħid liz-zija tgħidli x'taf

X'ħin iz-zija min-ngħas stenbħet
Dlonk għedtilha x'għamilt jien
B'kurżità staqsejtha niġri
Minn fejn ġiebu z-ziju kien

U ftit ftit bdiet tirrakonta
Storja illi ġrat fiż-żmien
Kif l-inkwatru tal-Madonna
Ġie fid-dar taz-ziju Nin

Meta n-nannu mar Lixandra
Żmien twil ilu ħafna snin
Minn irkant lilu kien xtara
Ħallas tiegħu mhux xelin

Biss ried jaf tiegħu l-istorja
Staqsa sew lil ħafna nies
Minn fejn ġie u min kien pittru
Għaliex ġmielu kien bla qies

Fl-aħħar ħjiel sab min tah sewwa
Qata' xewqtu kien kuntent
Għax qalulu li l-inkwatru
Kien instab fuq bastiment

F'nofs tempesta kien inkalja
F'baħar qawwi bla qatigħ
Iżda b'għaġeb dan l-inkwatru
Baqa' hemm qawwi u sħiħ

F'wiċċ iz-zija rajt tbissima
Kif l-istorja temmet tgħid
Bqajt miblugħ nħares lejha
Lanqas kelma ma stajt ngħid

U snin komplew igerbu sewwa
Ma bqajtx tifel għadda ż-żmien
Iżda qatt dina l-istorja
Illi ninsa żgur le jien

Iz-zija llum qed tgawdi
Hemm fil-ġenna lill-bambin
Baqa' biss dana l-inkwatru
Illi kien taz-ziju Nin

3 ta' Ġunju 2018

*B'memorja tal-qatt minsijin iz-zija Ċensina u z-ziju l-kanonku Dun Anton Mallia Borg*
*li kienu parti kbira mit-tfulija tiegħi*




# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi Tel: 2168 0006 Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**

# Lil Santa Marija, it-Timbru ta' Ħajti



**Stefano Ancilleri**

Ma nistax f'dis-sena għażiża ma nibdiex bil-kelma grazzi,
tas-snin kollha li gawdejtek bħala Mqabbi w tant devot
w għalkemm issa ħriġt mir-raħal xorta nibqa' marbut miegħek,
għaliex Inti l-muża tiegħi, bik biss ħajti tkun fis-sod.

Ngħożż għal dejjem il-mumenti li tpaxxejt bix-xbieha tiegħek
u ssaħħart inħares lejha għaliex fiha rajtek tqum
mis-silenzju skur tal-qabar għall-għamara nir tas-sema,
bħal sirena f'nofs ta' baħar, tqajjem lili ta' kuljum,

mill-weġgħat u l-biżgħat tiegħi, mill-iżbalji tal-imgħoddi,
mis-silenzji solitarji meta nfittxek qalb il-ħsus,
mit-tempesti u l-buffuri li lkoll aħna ngħaddu minnhom
biex ikollna mertu bħalek li ġisimna jkun meħlus.

Fi tfuliti bħala abbati, kemm imxejt wara xbihetek
u f'żgħożiti sibtek dejjem tiggwidani qalb l-imwieġ
biex insib it-triq ta' ħajti anke jekk qalbi maqtugħa
u f'kull skoll refgħetni idek sal-jum-ħolma għal tnejn fiż-żwieġ.

Inti marka għal dejjem f'qalbi, Inti l-boxxla għall-ġejjieni,
Inti biss il-garanzija li ngħix ħajti b'umiltà
u fidil għal dejjem f'kollox lejn il-kliem prezzjuż ta' Ibnek,
Int tfakkarni fl-għeruq tiegħi, Int tagħtini identità.

Inti vjaġġ mill-art sas-sema, Inti l-ħajja O Marija,
Inti t-tama ta' min bħali ra l-mewt therri demm għażiż,
jew ta' min jiġih id-dubju jekk il-mewt hix l-aħħar kelma
meta Ibnek tana ħajtu biex jiksbilna post qaddis.

U f'dis-sena memorabbli kemm għalija w għal pajjiżna
ma nistax ma ngħidlekx grazzi ta' kemm dejjem Int ħarist
lil dal-poplu w lil dar-raħal illi ħabbek sa minn dejjem
kif ħabbejtek minn ċkuniti għax lil ħajti Int għaġint.


Magri
BUTCHER
SHOP
Free
Delivery
DIAMOND JUBILEE SQUARE, MQABBA
Mob: 7972 9699
Opening Hours:
Tuesday: 7.00am - 12.00pm 3.30pm - 7.00pm
Wednesday: 8.00am - 12.00pm 3.30pm - 7.00pm
Friday: 7.00am - 12.00pm 3.00pm - 6.00pm
Saturday: 7.00am - 1.00pm
For the best quality
of fresh and frozen meat


GRAF
FAI
Auto Parts
do not waste your time
going around stop at
QH
WÜRTH
Gates
MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES
Valeo
ICER
Japanparts
FERODO
AISIN
MONROE
where you will find
everything under one roof
More brands available...
Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465



# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda għas-sena 2018

**L-Avukat Noel Camilleri, President tal-Għaqda Każini tal-Banda, iwassal il-messaġġ tiegħu għall-jiem tal-festa.**



Il-festi ddedikati lill-qaddisin patruni huma sinonimi mal-ħajja tal-ibliet u rħula tagħna. Huma espressjoni reliġjuża, kulturali u tradizzjonali li naraw bħala parti integrali tal-ħajja tagħna bħala poplu. Is-sehem tal-Każini tal-Banda f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huma wieħed fundamentali li aħna bħala Għaqda Każini tal-Banda flimkien mal-każini u mal-komunità inġenerali rridu naħdmu biex naraw li dan is-sehem jissaħħaħ u jinfirex aktar ħalli aktar żgħażagħ jieħdu sehem aktar attiv mhux biss fl-organizzazzjoni tal-festi imma anke fl-amministrazzjoni tal-każini tagħna.

Huwa fatt li ma jistax jiġi miċħud li l-każini tagħna huma fihom infushom skola tat-tagħlim. Tagħlim mhux biss Mużikali imma anke tagħlim ta'amministrazzjoni u tal-valuri sbieħ tal-ħajja. Il-każini jistgħu u għandhom jkunu post fejn fiha tissawwar aktar is-sens ta' lealtà u sens ta' appartenenza (a sense of belonging) li tant huwa tajjeb biex fiż-żgħażagħ tagħna jkompli jissawwru l-valuri sbieħ li għallmuna missirijietna u anki l-Knisja Kattolika. Dan jista' jsir billi anki fl-organizzazzjoni tal-festi tagħna jkomplu jingħataw spazju sabiex juru t-talenti sbieħ li ż-żgħażagħ tagħna huma mogħnijin bihom. Madanakollu ż-żgħażagħ iridu wkoll juru maturità u serjetà li waqt il-festi jġibu ruħhom kif jixraq u dan biex jkunu ta'eżempju tajjeb kemm għaż-żgħażagħ bħalhom imma anke għal dawk li huma iżgħar minnhom.

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tagħna jista' jkunu sbieħ daqskemm jistgħu jkunu koroh. Kollox jiddependi b'liema mod jiġu organizzati u ċċelebrati u kif iż-żgħażagħ tagħna huma kapaċi jgħollu l-livell tagħhom biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet verament jkattru dak is-sens ta'appartenza lejn dak il-każin partikolari imma aktar importanti lejn dik il-komunità fejn jgħixu. Barra minn hekk il-komportament taż-żgħażagħ għandu jirrifletti s-sens ta'qima sabiħa u nadifa bejn il-qaddis patrun biex anki s-sens ta' fidi naħdmu fuqu ħalli nkattruh. Mingħajr fidi persuna tħossha mitlufa u titlef sens ta' identità personali.

Irridu bħala Għaqda Każini tal-Banda naħdmu u nkunu aħna bħala punt fundamentali ta' referenza li naraw li l-festa tibqa' verament waħda li fiha l-komunità tkun magħquda fit-tiġdid tal-valuri sbieħ tagħha mhux biss dawk kulturali u tradizzjonali imma importanti daqshom dawk reliġjużi u soċjali. Irridu nkomplu naħdmu ħalli dak is-sens ta' appartenza jissaħħaħ u jinxtered b'mod partikolari maż-żgħażagħ tagħna ħalli lkoll naraw li l-festi tagħna jintużaw b'mod tajjeb, san u li verament iservu ta' ġid għal kull min jieħu sehem fihom.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u ngħid grazzi lis-Soċjetà u lill-membri għall-impenn volontarju tagħhom u nħeġġeġ li dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet sbieħ ta' festa li tgħaqqad, li tkattar sens ta' appartenza u li l-poplu jagħraf bl-liema responsabbilità, b'serjetà u maturità l-każini tal-Banda jafu jiċċelebraw il-festa ħalli nħarsu s-sens reliġjuż u sabiħ tagħhom.

# Velton Ltd

**Għad-dilettanti tal-Festi**

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Kif ukoll bozoz LED**

**Mob: 9949 7336**






**HORACE ENTERPRISES**

**TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT**

84, Triq Il-Gudja Għaxaq,
GXQ 2175 MALTA

21696302 / 99420346

horaceltd@gmail.com

www.horace-ent.com

Horace Enterprises Ltd

**WE PRINT ON T-SHIRTS**



# Il-knisja ta' Santa Marija f'Ħal Balzan

**Mario Fenech**

Il-Kult Marjan f'Malta huwa wieħed mifrux sew u tista' tgħid li f'kull rokna ta' kull belt u raħal tiltaqa' mal-isem tal-Madonna b'titli differenti mill-bosta li nsibu f'ġieħha. Il-lokalità ta' Ħal Balzan hi waħda li fiha nsibu mhux biss il-knisja parrokkjali li hija ddedikata lil Marija Annunzjata iżda wkoll waħda mill-knejjes filjali hija ddedikata lil Marija Assunta. Din il-knisja ta' Santa Marija kienet ġiet mibnija fil-post fejn qabel kien hemm żewġ knejjes oħra. L-ewwel waħda kienet inbniet matul is-seklu sittax, it-tieni waħda ġiet mibnija matul is-seklu ta' wara. Kienet ġiet imbierka nhar l-10 ta' Marzu 1675. Il-knisja li hemm illum bdiet tinbena fis-sena 1846 u tlestiet tliet snin wara meta l-prokuratur tagħha kien Dun Salv Zammit. Dan kien fi żmien meta l-kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Balzan kien Dun Mikielanġ Borg.



*L-Artal tal-knisja bil-kwadru tal-Assunta*



*L-arzella ta' fuq l-artal li jinsab fil-knisja*

Din il-knisja fiha altar wieħed bil-kwadru tal-assunta fuqu. L-arzella ta' fuq dan l-artal għandha xogħol mill-isbaħ ta' skultura u tikkumplimenta l-iskultura l-oħra li hemm fil-knisja. F'nofs l-arzella hemm kwadru bix-xbieha tal-missier etern. Il-knisja għalkemm hija ta' daqs żgħir għandha fuqha koppla mdaqqsa bil-lanterna u fuq il-bieb il-kbir tagħha għandha gallarija tal-orgni.

Ma' wieħed mill-ħitan tal-knisja hemm lapida li qabel kienet tgħatti qabar li kien hemm fil-paviment tal-istess knisja. Waqt it-tieni gwerra dinjija l-knisja kienet tintuża mill-Università ta' Malta bħala awla għall-istudenti tal-liġi minħabba l-fatt li l-Università tal-Belt Valletta ma kinitx qiegħda tintuża minħabba l-attakki tal-għadu l-aktar fuq il-Port il-Kbir. Fil-preżent din il-knisja qiegħda tintuża għall-adorazzjoni tas-sagrament imqaddes.

Quddiem din il-knisja hemm statwa ta' Santa Marija fuq pedistall għoli. F'din il-wesgħa ta' quddiem il-knisja qabel kien hemm ċimiterju żgħir. Il-knisja ġiet irrestawrata ftit taż-żmien ilu u tinżamm fi stat tajjeb ħafna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!



*L-istatwa ta' Santa Marija li tinsab quddiem din il-knisja*

# Sena Attivitajiet 2017/2018





*Purċissjoni bl-istatwa tar-Rużarju*



*Tnedija ta' app ġdida mill-kumpanija internazzjonali tal-mużika Meludia fis-Sede tas-Soċjetà.*



*Kunċert mill-Banda Taljana La Forma fil-Pjazza tal-Imqabba.*



*Party tal-Milied għat-Tfal*



*Dawra bid-dgħajsa madwar il-Port u t-Tlett Ibliet.*



*Aħna Nsara?! Dramm tal-Passjoni fis-Sotterran tas-Sede tas-Soċjetà.*



*Il-Wirja La Semana Santa de Espana fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.*



*L-aħħar tislima lill-eks President u President Onorarju, is-Sur Carmel Zahra*



*Kan Dr Jonathan Farrugia jagħmel taħdita dwar il-Madonna waqt l-attività 'Niltaqgħu ma' Marija' ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju.*



*Żjara minn Marina Calvo Perez esperta tal-UNESCO bħala parti mill-proċess sabiex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta Wirt Dinji Intanġibbli tal-UNESCO.*



*Pellegrinaġġi bil-Vara Titulari ta' Santa Marija fl-okkażjoni tal-75 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija.*



**Lest We Forget,** *Serata fil-Pjazza tal-Imqabba relatata mat-Tieni Gwerra Dinjina u l-Konvoj ta' Santa Marija.*



*Żjara ta' Kortesija minn delegazzjoni minn Santa Vittoria in Matenano.*



**fgp** *The Garage Door People*

Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt



# L-umiltà ta' Marija



**Patri Mario Attard OFM Cap**



Waħda mill-virtujiet li tassew tolqotni f'Marija hija, mingħajr dubju, l-umiltà tagħha. Tgħid Marija kienet umli? Santa Tereża ta' Calcutta tgħid hekk dwar l-umiltà: "L-umiltà hija l-omm tal-virtujiet kollha; tas-safa, tal-karità u tal-ubbidjenza. L-għaliex huwa meta nkunu umli li l-imħabba tagħna issir tabilħaqq vera, iddedikata u mħeġġa. Jekk int umli xejn ma jaffettwak, la t-tifħir u lanqas it-tmaqdir. L-għaliex taf min int. Jekk jakkużawk qatt ma taqta' qalbek. Jekk isejħulek qaddis jew qaddisa qatt ma tpoġġi lilek innifsek fuq xi pedestall". Kemm Marija dan id-diskors għexietu! Fil-*Magnificat* Marija tattribwixxi dawk il-ħwejjeġ kbar li l-Mulej għoġbu jagħmel magħha lilU, is-Salvatur waħdieni tagħha! U għemilha? Jikxef tabilħaqq l-umiltà li hemm fiha! Jgħidilna l-evanġelista San Luqa: "F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija" (Lq 1:39) biex isservi lil qaribtha Eliżabetta. Għax min hu umli ħaġa waħda jaf jagħmel, jaqdi!

Il-virtù tal-umiltà hija l-minjiera vera tal-ħajja qaddisa mhux biss ta' Marija imma wkoll tiegħi u anki tiegħek! Jgħidilna San Bernard: "L-umiltà hija s-sies u l-ħarriesa tal-virtujiet". Kemm għandek raġun għażiż San Bernard! L-għaliex mingħajr l-umiltà ma tista' teżisti l-ebda virtù oħra fir-ruħ. Għax anki jekk ir-ruħ iseħħilha tikseb il-virtujiet l-oħra kollha lkoll kemm huma jisparixxu jekk ma jkunx hemm l-umiltà! Min-naħa l-oħra, bħalma San Franġisk de Sales fisser waqt li kiteb lil Santa Ġwanna Franġiska de Chantal, "il-Mulej tant kemm iħobb l-umiltà li meta jaraha, immedjatament huwa jmur hemm". Din il-virtù daqshekk sabiħa u neċessarja ħadd ma kien jaf biha fiż-żmien bikri tad-dinja. Iżda l-Iben ta' Alla ġie f'din id-dinja biex jgħallimha bl-eżempju ta' ħajtu tiegħu. Mhux biss! Iżda Ġesù ried li aħna għandna nagħmlu ħilitna biex nimitawh f'din il-virtù partikulari. Qalilna Ġesù fil-Vanġelu skont San Mattew: "Tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli" (Mt 11:29).

Ġaladarba Marija kienet l-ewwel waħda u l-aktar dixxiplu perfett ta' Ġesù fil-prattika tal-virtujiet kollha ma setgħetx ma teċċellax fil-prattika tal-virtù tal-umiltà. Għal din ir-raġuni hu bix-xieraq li tkun mgħollija 'l fuq mill-ħlejjaq l-oħra. Lil Santa Matilda kien irrivelat li kienet l-umiltà li fiha l-Verġni Marija eċċellat, bl-aktar mod partikulari. U din l-eċċellenza tagħha seħħet sa mit-tfulija tagħha stess.

L-ewwel effett tal-umiltà tal-qalb hija l-opinjoni umli li wieħed ikollu tiegħu nnifsu. Marija dejjem kellha din l-opinjoni umli dwarha nnifisha li, bħalma kien rivelat lill-istess Santa Matilda, għalkemm rat lilha nnifisha mogħnija b'aktar grazzji minn kulħadd hija qatt ma poġġiet lilha nnifisha 'l fuq minn ħaddieħor, fuq ngħidu aħna, xi pedestall. Il-magħruf Abbati Rupert, it-teologu, eseġeta u kittieb dwar is-suġġetti liturġiċi u mużikali tal-Medju Evu, meta jikkummenta fuq it-test tal-*Għanja tal-Għanjiet:* "Inti sraqtli lil qalbi, għarusa tiegħi, inti sraqtli lil qalbi, oħti, sa b'ħarsa waħda tiegħek, sa b'waħda biss mill-ġawhar ta' fuq għonqok!" (Għan 4:9), jgħid li l-opinjoni umli li Marija kellha tagħha innifisha kienet il-ġawhra li biha ġerrħet il-qalb tal-Mulej.

Dan ma jfissirx li Marija kienet tikkunsidra lilha nnifisha b'midinba. Fil-fatt, Santa Tereża tgħid li l-umiltà hija l-verità. Marija kienet taf li hi qatt ma kienet offendiet lill-Mulej. Marija kienet taf ukoll li hi kienet irċeviet aktar grazzji mill-Mulej mill-bqija tal-ħlejjaq l-oħra. Għax il-qalb umli dejjem tagħraf il-favuri speċjali tal-Mulej għaliha bil-għan li tumilja aktar u aktar ruħha. Iżda l-Verġni Marija, minħabba d-dawl l-aktar kbir li għarrafha l-kobor u t-tjubija infinita tal-Mulej, kienet ukoll konxja tax-xejn tagħha. Huwa għalhekk li Marija umiljat lilha nnifisha ħafna aktar minn ħaddieħor. U, mal-Għarus qaddis tagħha, qalet: "Oh! La tqisux il-lewn samrani tiegħi: dak għax ħarqitni x-xemx" (Għan 1:6). Għalhekk San Bernard ifissirha hekk: "Meta nersaq lejh insib lili nnifsi samrani". Filwaqt li San Bernardinu jgħid li dan hu veru l-għaliex il-Verġni Marija kienet dejjem konxja tal-kobor tal-Mulej u tax-xejn tagħha. Għax meta tallab jingħatalu rigal li jiswa ħafna ma jiftaħarx bih fil-preżenza ta' min tahulu. Anzi! Huwa jirċievi dan ir-












TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**

rigal b'umiltà u jibqa' konxju tal-faqar tiegħu.

Għalhekk, meta Marija rat lilha nnifisha għanja bil-grazzja hija umiljat ruħha. Marija fakkret lilha nnifisha dak li kellha fiha kien kollu d-don tal-Mulej għaliha. Huwa għalhekk li qalet lil Santa Eliżabetta tal-Ungerija li hi qieset lilha nnifisha bħala ħlejqa li ma jistħoqqilhiex u li ma kienx jimmerita l-grazzja ta' Alla. U huwa għalhekk li San Bernardinu jgħid li "wara l-Iben ta' Alla, ħadd fid-dinja kollha ma kien mgħolli 'l fuq daqs Marija. L-għaliex ħadd qatt ma umilja ruħu sal-punt li umiljat ruħha hi".

Barra minn hekk, hija karatteristika tal-umiltà li taħbi d-doni tas-sema. Marija xtaqet li taħbi minn San Ġużepp il-favur li għamilha Omm Alla. Fl-istess ħin kien jidher neċessarju li kellha tirrivelalu din is-sejħa speċjali li rċeviet mingħand l-Anġlu. Jekk xejn, biex tneħħilu minn moħħu kull suspett rigward il-virtù tagħha li hu seta' żamm f'moħħu meta raha tqila. Min-naħa l-oħra San Ġużepp ma xtaqx li jiddubita mill-kastità ta' Marija. Iżda, fl-istess ħin, minħabba li ma kienx konxju tal-misteru, "għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies" (Mt 1:19). U waqt li qatagħha li jwettaq l-Anġlu wrieh li l-għarusa tiegħu kienet tqila bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

Mill-ġdid, ruħ li hija tabilħaqq umli ma tħallix lilha nnifisha tiġi mfaħħra. U jekk it-tifħir jinżel bil-gzuz fuqha, din ir-ruħ għaqlija, l-għaliex umli, twasslu lill-Mulej. Fil-fatt il-vanġelu jurina li Marija "tħawdet ħafna" (Lq 1:29) meta semgħet lilha nnifisha tiġi mfaħħra mill-Anġlu Gabrijel. Marija tħawdet ukoll meta Eliżabetta qaltilha: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?… Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!" (Lk 1:42-43.45). Marija rreferiet dan kollu lill-Mulej u wieġbet bil-kliem umli tal-kantiku tagħha: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej" (Lk 1:46). Kliemha kien l-istess daqslikieku kienet qed tgħid: "Int tfaħħarni Eliżabetta. Imma jiena nfaħħar lill-Mulej, li lilu biss jixraq kull unur. Int qed taħseb l-għaliex ġejt inżurek filwaqt li jien qed naħseb dwar it-tjubija divina li ġiet fuqi. U l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi (Lq 1:47). Int tfaħħarni l-għaliex jien emmint. Imma jien infaħħar lil Alla tiegħi l-għaliex hu għolla x-xejn tiegħi. Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu (Lq 1:48).

Dan l-istess ħsieb narawh jiżviluppa wkoll fil-mistika Nisranija. Tant hu hekk li Ommna Marija qalet lil Santa Briġita: "Jiena tant kemm umiljajt ruħi u immeritajt tant grazzji l-għaliex kont naf li, minni nnifsi, ma kelli xejn. Huwa għalhekk li ma ridtx li nkun imfaħħra. Xtaqt biss li t-tifħir jiġi mogħti lill-Ħallieq u lil Dak li jagħti kollox". Waqt li rrefera għall-umiltà ta' Marija kittieb antik qal hekk: "O umiltà tassew imbierka, li tajt l'Alla lill-bnedmin, li ftaħt is-smewwiet u ħlist l-erwieħ mill-infern!"

Hija karatteristika wkoll tal-umiltà li taqdi lill-oħrajn. Marija ma qagħditx titnikker inkella tiċċassa quddiem is-sejħa li għamlilha l-Mulej permezz tal-Anġlu biex tkun Omm Ibnu. Anzi! Hija xxammar il-kmiem u tmur ħa tgħin lil Eliżabetta għal tliet xhur. Bir-raġun kollu San Bernard jirrimarka: "Eliżabetta bdiet titħasseb l-għaliex Marija marret iżżurha; imma – dak li hu tassew tal-għaġeb – hu li hi marret mhux biex tiġi moqdija iżda biex taqdi".

Persuni umli huma x'aktarx dawk li ma jħobbux jidhru u li jagħżlu l-anqas postijiet ta' ġieħ għalihom infushom. Kien għalhekk li San Bernard irrimarka: "Meta Ġesù kien qed jgħallem f'dar (bħalma jgħidilna fil-vanġelu skont San Mattew), Marija, li xtaqet tkellmu, ma qabditx u daħlet imma baqgħet barra. Hija ma użatx id-dritt matern tagħha biex twaqqfu". U meta Marija kienet mal-Appostli tistenna l-miġja tal-Ispirtu s-Santu hija għażlet l-aktar post ċkejken, bħalma jirrakkonta tant tajjeb San Luqa fl-Atti tal-Appostli meta jgħid: "U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù, u ma' ħutu" (Atti 1:14). San Luqa kien jaf bil-merti tal-Verġni Mbierka. Għalhekk dan il-fatt waħdu seta' wasslu biex isemmi lilha l-ewwel. Madankollu, Marija ħadet l-aħħar post qalb l-Appostli u n-nisa. U għalhekk jiddiskrivihom, bħalma awtur jirrimarka, fl-ordni li kienu fih. San Bernard jgħid: "L-aħħar waħda saret, bir-raġun, l-ewwel waħda. L-għaliex minħabba li hija l-ewwel minn fost kulħadd hija saret l-aħħar".

Fl-aħħar nett, in-nies li huma tassew umli ma jiġrux wara l-favuri. Fil-fatt, iħobbu jkunu mwarrba. Huwa għalhekk li ninnutaw li Marija ma turix ruħha f'Ġerusalemm, f'Ħadd il-Palm, meta n-nies laqgħu lil Ġesù b'tant unur. Min-naħa l-oħra, f'mewt Ġesù, Marija ma qagħdet tħabbel rasha xejn li tidher fuq il-Għolja tal-Kalvarju. Ma qagħditx tikkonfondi u lanqas tibża' mill-biża' tat-twaqqigħ għaċ-ċajt li setgħet tirċievi meta sar magħruf li kienet l-omm tal-kriminal. Il-mistika Nisranija turina li f'okkażjoni minnhom Marija qalet lil Santa Briġita: "X'inhu aktar umiljanti minn meta jsejħulek belha, li tkun fil-bżonn tal-affarijiet u li temmen li int l-aktar waħda li ma jistħoqqlokx minn kulħadd? Binti, hekk kienet l-umiltà tiegħi. Hi kienet il-ferħ kontinwu tiegħi. Din kienet ix-xewqa kollha tiegħi li biha ħsibt kif nogħġob biss lil Ibni".

Il-Venerabbli Swor Paola minn Foligno kellha l-privileġġ li tara, f'estażi, kemm kienet kbira l-umiltà tal-Verġni Mbierka. Meta rrakkuntatha lill-konfessur tagħha Swor Paula sfat tant mimlija bil-għaġeb dwar l-umiltà ta' Marija li fuqha setgħet tgħid biss hekk: "Padre, int qatt ma tista' tifhem kemm hi kbira l-umiltà tal-Verġni Marija! M'hemm l-ebda umiltà fid-dinja li tista' titqabbel mal-umiltà ta' Marija". F'okkażjoni oħra Ġesù wera lil Santa Briġita żewġ nisa. Waħda minnhom kienet kollha mżejna u mimlija tilja frugħa ta' din id-dinja. Ġesù qalilha: "Din hi s-suppervja. Imma l-oħra, li qed tara b'rasha baxxuta, ħelwa ma' kulħadd, mogħtija lill-Mulej biss, u li qed tikkonsidra



# Albert Abela woodworks

*for all your furniture needs!*

Arcadia, Gilbiena Street, Zabbar

Contact 9988 5347
2167 7970

albertabelawoodworks@live.com



www.albertabelawoodworks.com

# THE CORE BEAUTY CLINIC

*... where Beauty is at Heart*

6, Sebastian Saliba Street , Luqa — Contact Mariella on 9927 3375

Guinot & Mary Cohr Customised Facials -- Guinot & Mary Cohr Anti-ageing Treatments
Guinot Non Surgical Facial Lifting Treatments
Electroloysis & Waxing -- Manicures -- Pedicures
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage -- Holistic Massage -- Slimming Programmes

GUINOT INSTITUT PARIS — PUPA MILANO — ARRAN AROMATICS — GUAM — MARY COHR PARIS

lilha nnifisha bħala xejn, hija l-umiltà. U isimha hu Marija". B'dan il-mod il-Mulej għażel biex jurina li Marija hija l-personifikazzjoni tal-umiltà.

San Girgor ta' Nissa josserva li m'hemm l-ebda dubju li mill-virtijiet l-oħra kollha m'hemm l-ebda virtù l-aktar diffiċli biex nipprattikawha bħala bnedmin daqs l-umiltà. Dan l-għaliex in-natura tagħna l-bnedmin hija mċappsa bid-dnub. Madankollu ma nistgħux nevitaw din il-verità: Aħna nistgħu nkunu wlied Marija biss jekk inkunu umli! San Bernard jgħid: "Jekk ma tistax timita s-safa tal-Verġni Marija, imita l-umiltà tagħha". Marija tobgħod lis-suppervja u tistieden liċ-ċkejknin biex jiġu għandha. Għalhekk, fi kliem l-awtur tal-ktieb tal-Proverbji, Marija tgħidilna b'qalb miftuħa: "Min hu ċkejken ħa jiġi għandi!" (Prov 9:4).

Huwa għalhekk li Rikkardu ta' Saint Laurent jikteb: "Marija tħarisna taħt il-mantell tal-umiltà tagħha". Il-Verġni Mbierka fissret lil Santa Briġita x'kien ifisser il-mant tagħha. Qaltilha: "Ejja u nħeba taħt il-mant tiegħi. Dan il-mantar tal-umiltà tiegħi". Imbagħad Marija żiedet li l-meditazzjoni fuq l-umiltà tagħha kienet bħal gverta jew il-mantell li biha jew bih aħna nistgħu nisħnu. Iżda ġaladarba l-mantell jagħti biss dan is-servizz lil dawk li jilbsuh u mhux lil dawk li jaħsbu biss dwaru, Santa Briġita tgħidilna: "L-umiltà ta' Marija mhu se tgħin lil ħadd għajr lil dawk li jippruvaw jimitawha". Fit-taħdita tagħha ma' Santa Briġita Marija kkonkludiet b'dawn il-kelmiet: "Għalhekk, binti, libbes lilek innifsek b'din l-umiltà". O kemm Marija hija ddedikata għall-erwieħ umli! San Bernard jgħid: "Hija tagħraf u tħobb lil dawk li jħobbuha. U hija lesta li tgħin lil dawk kollha li jsejħulha, aktar u aktar lil dawk li jixbhuha fis-safa u fl-umiltà".

Għalhekk il-qaddis iħeġġeġ lil dawk kollha li jħobbu lil Marija biex ikunu umli: "Jekk tassew tħobbu lil Marija, ixbhu din il-virtù tagħha". Jgħidu li l-Ġiżwita Martin d'Alberto, kien jiknes l-art tad-dar u jiġbor l-iskart daqskemm kien iħobb lill-Verġni Marija. Bħalma jirrakkuntalna Father Nieremberg fir-rakkont ta' ħajtu, jum minnhom Marija dehritlu u rringrazzjatu billi qaltlu: "Jiena tabilħaqq kuntenta b'dan l-għemil umli li int twettaq għall-imħabba tiegħi".

Tajjeb għalhekk li issa li qrajt dawn il-ħsibijiet fuq l-umiltà ta' Marija jiena wkoll bħala Mqabbi u Mqabbija, li ngħid li nħobb lil Marija, neżamina ftit imħabbti lejn Marija biex nara ftit jekk tassew inħobbhiex jew le.

Nagħraf li dak kollu li għandi hu don tal-Mulej għalija u għall-oħrajn? Kemm jien konxju u konxja tax-xejn tiegħi quddiem il-Mulej? Jiena persuna li nħobb nidher? Jew li nħobb nisraq ix-xena? Tgħid b'hekk qed inkun umli jew inkella nkun qed nuri kemm jien ilsir u lsiera ta' kburiti? Jekk tassew irrid nikber fl-umiltà kemm qiegħed u qiegħda nfittex li nagħżel l-anqas postijiet ta' ġieħ għalija nnifsi? U x'nagħmel meta nara li ħaddieħor għandu talent: inkabbarulu jew nara x'nagħmel biex inwaqqfulu u, jekk mhux ukoll, nipprova nkissirhulu? Tgħid nista' nkun għajjur u għajjura u, fl-istess inkun umli? L-umiltà u l-għira jmorru flimkien jew huma kelb u qattus għal xulxin?

Kemm qed nifhem li jien, u jien min jien, fil-verità ma jistħoqqlix dan il-ġid kollu mill-Mulej l-għaliex midneb u midinba? Kemm qed inżomm posti f'ħajti? Jew, f'daqqa waħda, l-għaliex issa għandi r-riħ fil-qala, malajr kibritli rasi? Jekk ġrali hekk minix konxju u konxja li, jekk se nibqa' sejjer u sejra hekk, għad nieħu xi tisbita? U ma ndumx?

Lest u lesta li, fil-verità kollha, nammetti s-suppervja tiegħi? Jew lis-suppervja tiegħi rrid indawwarha f'virtù ukoll? Lest u lesta li nagħti tort lil ħaddieħor basta jien nidher li jien bandiera bajda? Kemm qed nilqa' bil-qalb il-korrezzjoni li ssirli f'ħajti li, wara kollox, hi għall-ġid tiegħi stess? Kemm qed naqdi bil-qalb lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna tiegħi? U jekk irrid nikkompeti l-għaliex ma nikkompetix fuq kemm se numilja ruħi u mhux fuq kemm se nitkabbar fuq l-oħrajn? U meta jfaħħruni kemm dan it-tifħir qed ngħaddih lill-Mulej u mhux inżommu għalija biss? U meta t-tifħir ġej fuqi bħal valanga, jiġifieri bil-gzuz, nitħawwad jien jew nisker fil-pjaċir li jagħtini u hekk naqa' fil-ftaħir fieragħ? Kemm nemmen li l-virtù tal-umiltà hija tabilħaqq imbierka? U li tagħti l'Alla lill-bnedmin? Kemm nemmen li l-umiltà tiftaħ is-smewwiet u teħles l-erwieħ, inkluża lil ruħi, mill-infern tas-suppervja?

U jien, li aqta' kemm niftaħar b'rixi li jien umli, ninsab bla nifs għax qed niġri *gas down* wara l-favuri? Jaqaw qed nitkarrab biex imexxuni 'l quddiem? Anki jekk ngħaffeġ bla ħniena fuq l-oħrajn li, fil-verità, jimmeritahom aktar minni? Jew, bħal Marija, inqisha bi grazzja tal-Mulej meta jwarrbuni? Kemm l-umiltà hija tassew il-ferħ kontinwu tiegħi? Kemm l-umiltà hija x-xewqa kollha tiegħi? Kemm l-umiltà hija għalija l-virtù li biha jiena deċiż u deċiża, akkost ta' kollox, li nogħġob lil Ġesù? Anki jekk ta' madwari jaħsbu li qed inħoss jew inkella mort minn moħħi?

U jekk qed insibha tant diffiċli li nipprattika s-sultana tal-virtujiet, jiġifieri l-umiltà, minħabba li n-natura tiegħi ta' bniedem u bniedma hija mċappsa bid-dnub, l-għaliex ma nitlobx lil Marija Ommi? Ħa tidħol għalija hi bit-talb qawwi u matern tagħha!

*O Marija, Ommi u Sultana tiegħi, jiena qatt ma nista' tabilħaqq inkun ibnek u bintek jekk ma nkunx umli. L-għaliex dnubieti mhux biss għamluni ingrat u ingrata lejn il-Mulej imma wkoll supperv u supperva. Għalhekk illum, fil-jum għażiż ta' meta ġejt imtella' fis-Sema, nitolbok li tipprovdili d-duwa. Bil-merti tal-umiltà tiegħek agħmilni tassew umli u għinni b'dan il-mod li nkun ibnek u bintek. Ammen.*

# Seabreeze Hotel

Pretty Bay, Birżebbuġa - Malta

Tel: 24 Hours (+356) 21 651256, 21 651499 - 21 651493
Fax: (+356) 21 653898 • E-mail: seahotel@maltanet.net



OPEN TO NON-RESIDENTS

FULLY AIRCONDITIONED



# EGM PSAILA

Ta' Leri

• *Kiri ta' Skips* • *Ġarr ta' xogħol bil-vannijiet*
• *Tħammil bil-gaffa* • *Ġarr ta' ġebel*

Emmanna, Triq Wied Costa, Ta' Kandja l/0 Siġġiewi

**Maurizio u Giovanni Psaila**
**9983 0453 / 9982 6145**
taleri@hotmail.com

# Iż-Żjara Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares fl-Imqabba fl-1615

## *L-Ewwel Parti: Deskrizzjoni tal-Knisja Parrokkjali*

**Dr Simon Mercieca**

F'din l-ewwel parti, f'sensiela ta' żewġ artikli li l-ewwel wieħed qed jidher fil-ħarġa ta' din is-sena, u l-ieħor ser joħroġ fil-ħarġa tas-sena d-dieħla, ser inkun qed nagħti ħarsa lejn deskrizzjoni storika tal-Imqabba li saret fl-1615. Din id-deskrizzjoni saret bħala parti miż-żjara pastorali, li l-isqof ta' dik il-ħabta, Baldassare Cagliares, kien għamel f'din il-lokalità. Din kienet parti mill-ewwel żjara pastorali tiegħu tal-gżira wara li kien sar isqof ta' Malta u Għawdex fis-sena ta' qabel.

L-isem tal-isqof ma jidher imkien fid-deskrizzjoni ta' din iż-żjara fl-Imqabba. Minflok, hu dejjem jiġi msejjaħ bħala l-Illustrissimu Sinjur u hekk ser inkun qed insejjaħlu fit-traduzzjoni li għamilt ta' din iż-żjara. L-isqof wasal l-Imqabba nhar d-disgħa ta' Diċembru 1615. Wasal filgħodu kmieni, wara li kien spiċċa ż-żjara pastorali tiegħu fis-Siġġiewi. F'din l-ewwel parti, ser naraw kif l-isqof iddeskriva l-knisja tal-Imqabba, jew kif kienet tinkiteb Michabiba.

Kif wasal l-Imqabba, sab jilqgħu lill-kappillan Pietru Pace. Normalment, il-kappillan kien imur jilqgħu fit-tarf tar-raħal. Kif kienet l-użanza, kif wasal l-isqof talab lill-kappillan Pace biex jurih il-karti tal-ħatra tiegħu bħala kappillan u Pace uriehomlu u għamel ġenuflessjoni jiġifieri niżel fuq irkoppa waħda. Dan kien il-ġest ta' sottomissju u qima. F'din il-pożizzjoni, normalment kien ukoll ibuslu ċ-ċurkett. Biss ma hemmx deskrizzjoni dettaljata jekk għamilx hekk jew le. Dak li jinnota l-iskriba li kien qed jieħu nota ta' din iż-żjara kien il-fatt li l-kappillan Pace wera lill-isqof l-ittra li biha kien ġie maħtur kappillan. Ma hemmx miktub fiż-żjara fejn mar il-kappillan jilqa' lill-isqof u lanqas kif l-isqof wasal l-Imqabba, jekk hux bil-mixi taħt il-baldakkin jew fuq iż-żiemel jew bil-kaless. Naħseb li wasal bil-kaless.

Kif kien jiġri dejjem, iż-żjara pastorali kienet tibda billi l-isqof iżur il-knisja parrokkjali u l-ewwel ħaġa li kien jagħmel l-isqof kienet dik li jżur is-Sagrament. Il-knisja tal-Imqabba kienet mogħtija bħala ddedikata lill-Madonna taħt it-titlu tal-Assunta. Il-kwadru tal-kor kien fuq it-tila juri l-Assunzjoni tal-Madonna. Lill-Isqof għoġbu ħafna dan il-kwadru tant li qal li kien sabiħ. Il-kwadri l-oħra tal-knisja ma jiġux diskritti bħala sbieħ, iżda xierqa.

Biss fil-knisja kien hemm xi ħaġa li ma kontx issibha f'parroċċi oħra. F'din il-knisja kien hemm altar tal-ġenb, l-ewwel wieħed fuq ix-xellug mill-altar maġġur, iddedikat ukoll lill-Assunta. Normalment fi knisja ma jkunx hemm aktar minn artal wieħed taħt l-istess invokazzjoni.

Il-preżenza ta' dawn iż-żewġ artali fl-Imqabba, it-tnejn lejn l-Assunta, jikkonfermaw id-devozzjoni kbira li kien hemm lejn il-Madonna taħt dan it-titlu fi żmien tan-nofs. Din kienet influwenza qawwija Normanna. Għan-Normanni, l-Assunta kienet l-ikbar festa, tant li kienu ddedikaw lill-Kattidral tal-Imdina lilha. Fuq kollox, il-knisja li fi żmien tan-nofs kienet tagħmel magħha l-Imqabba, jiġifieri dik ta' Bir Miftuħ, kienet ukoll iddedikata lill-Assunta. Kienu biss bir-Riformi tal-Konċilju ta' Trentu li ma setax ikun aktar permess li jkun hemm artali ddedikati lejn l-istess titlu fl-istess knisja jew knejjes taħt l-istess titlu fl-istess parroċċa.



***Il-pittura tal-Lunzjata li llum tinsab fis-sagristija l-qadima u li fl-1615 kienet fuq l-artal li wara sar tal-Agunija.***



# Cassar Florist

(taz-zizzu)

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



**5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations**

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*

Meta niġu għar-riti reliġjużi marbuta mas-sagramenti f'din il-knisja, insiru nafu li sal-1615, il-knisja parrokkjali tal-Imqabba kienet għadha ma ġietx għalkollox skont ir-regoli li kienu ħerġin minn Ruma marbuta mar-riformi relatati mal-Konċilju ta' Trentu. Iż-żjut sagri, jiġifieri tal-magħmudija, imsejħa fiż-żjara bħala tal-katekumeni u dawk tal-morda, kienu qegħdin f'reċipjenti tal-fidda, iżda ma kinux qed jinżammu kif suppost. Kienu miżmuma flimkien fl-istess armarju. Dan ġie nnutat, u anki ordnat li dawn jinbdew jinżammu separatament f'post li jingħalaq u jsir važett tal-fidda ħalli fih jinġarr iż-żejt tal-griżma tal-morda. Lanqas hu ċar jekk il-fonti tal-magħmudija kienx skont ir-rit tal-Konċilju ta' Trentu li qata' r-riti tal-magħmudija bl-għaddis tat-trabi fl-ilma. Kien wara l-Konċilju ta' Trentu li l-magħmudijiet kellhom isiru billi l-ilma jintefa' biss fuq ras it-tarbija. Iżda hawn kien hawn problema. Il-knisja tal-Imqabba ma kelliex il-kuċċarun biex isir dan it-tip ta' rit sew u ġie ordnat li jkun hemm wieħed tal-fidda. Fuq il-battisteru kien hemm bħal koppla tal-injam. Din kienet mgħottija bi drapp ta' kulur blu.

Fuq kollox minn din iż-żjara nsiru nafu kif bdiet il-festa tal-Assunta fl-Imqabba. Bdieha ċertu Baskal (imsejjaħ bil-Latin bħala Paschalis) Spiteri u bdiet ma' dan l-altar tal-ġenb ta' Santa Marija. Fl-1609, dan kien ħalla flus biex nhar il-festa tal-Assunta jsir l-ewwel għasar u quddiesa nhar il-festa. Il-kelma wżata fit-test Latin hija 'vesper', li tiġi tradotta bħala għasar li tfisser it-talb ta' filgħaxija. Anki fil-Latin, din il-kelma hekk tfisser. Iżda f'din iż-żjara, il-kelma 'vesper' kienet tintuża biex tfisser it-talb ta' filgħodu li llum ngħidulu l-lawdi, għaliex għat-talb ta' filgħaxija ta' lejlet il-festa kien qed juża espressjoni oħra.

Spiteri obbliga anki lit-tfal u l-werrieta tiegħu biex jibqgħu jagħmlu din il-festa. Obbliga wkoll lil żewġ imgħallmin, Andrea Schembri u Natali Magro biex jaraw li din il-festa tibqa' ssir.

Fl-Imqabba kien hemm żewġ fratellanzi. L-ewwel waħda kienet dik tas-Sagrament. Din kienet l-ikbar waħda u kellha sittax-il membru. Imbagħad kien hemm oħra: dik tar-Rużarju. Din kellha ħames membri. Dawn il-fratellanzi kienu marbuta ma' artal fil-knisja. Tas-Sagrament kienet mal-maġġur. Tar-Rużarju kienet mal-artal li kien faċċata tal-altar tal-ġenb tal-Assunzjoni. L-altar tar-Rużarju kien l-aħjar wieħed ta' dik il-ħabta fl-Imqabba. Kellu dak kollu meħtieġ marbut ma' ritwali tal-knisja.



*L-irħama li kienet tinsab fil-kor tal-knisja sal-1942 li tfakkar il-fondazzjoni tal-festa ta' Santa Marija li kienet issir fuq wieħed mill-altari laterali (illum l-artal tal-Inkurunazzjoni)*



*Pjanta tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba tal-1615*

F'din iż-żjara, insiru nafu li l-fratelli tal-Fratellanza tas-Sagrament kienu jilbsu konfratija blu. Dan jidher kemxejn stramb illum peress li l-fratelli ta' din il-konfraternità jilbsu konfratija ħamra. Dan id-dettal juri li l-aħmar ma kienx minn dejjem assoċjat ma' din il-konfraternità tas-Sagrament fl-Imqabba. Fuq kollox, il-kulur blu kien kulur dominanti fl-Imqabba u naħseb dan jispjega għala spiċċa assoċjat mal-Madonna, aktar mill-kulur abjad, li kien il-kulur użat mill-fratelli tar-Rużarju.

Il-preżenza ta' dawn iż-żewg fratellanzi, jiġifieri tar-Rużarju u tas-Sagrament, kienet ġejja mill-fatt li kienu d-digrieti maħruġa wara tmiem dan il-konċilju, b'mod partikolari mill-Papa Piju V, li kien obbliga li f'kull parroċċa jkun hemm dawn iż-żewġ fratellanzi. Mat-twaqqif tal-parroċċa, l-Imqabba wettqet dan l-obbligu.

Imbagħad fil-kursija kien hemm żewġ artali. L-ewwel wieħed kien tal-Kunċizzjoni li kien miżmum tajjeb. Fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-altar tal-Lunzjata. Dan kien miżmum ħażin ħafna. Ma kellu xejn. Lanqas gandlieri




CB™ COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999
Mob: 9945 3187

Email:info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com

u tvalja. Biss kien l-aktar artal sinjur f'dawk li huma renti, għaliex Dun Mariano Briffa kien ħalla d-djar bil-ġonon għal dan l-altar biex mid-dħul minn fuq din l-propjetà, dan l-artal ikun jista' jinżamm tajjeb. Ġara li f'dik il-ħabta kellu jieħu ħsiebu wieħed jismu Duminku Zammit. Dan beda jżomm dan id-dħul fil-but. B'hekk l-isqof ordna li dan id-dħul jerġa' jibda jmur għal dan l-altar u jekk Duminku Zammit ma jwettaqx din l-ordni, jitlef l-użu u l-frott ta' din il-propjetà.

Fuq kollox dawn iż-żewġ artali kienu qrib il-bieb ta' barra tal-knisja.

Din l-informazzjoni kollha tinsab fid-deskrizzjoni li ġejja. Minħabba li ż-żjara hija miktuba bil-Latin, b'kalegrafija diffiċli ħafna biex wieħed jaqraha, ħadt ħsieb li mhux biss naqleb id-dokument iżda wkoll nittraskrivih ħalli b'hekk ikun hemm dokument komplut ta' din id-deskrizzjoni:

**Archivium Archiepiscopi Melitensis (Floriana), Visitatio Pastoralis, Bathassare Cagliares, vol. 8.**

f. 236r.
Die 9a Mensis Decembris 1615
Visitatio Casalis Michabibe
Prelatus Ill[ustrissi]mus D[ominus] de mane continuando visitationem diocesanam recessita parrochiali ecclesia Casalis Sigei ad parrochialem Ecclesia[m] Casalis Michabibae sub invocatione Assumptionis Dicatae Mariae Virginis qual[em] ad pr[aese]ns obtinet et eius cura[m] gerat Rev[erendu]m Don Petrus Pace et p[er] miss[um] debit et genuflexionibus, accretionibus patet de more.

Visitavit Sanct[issi]um Eucharistiae et Sacramentu[m] asservatum intus prixidem argenteam, ac intus tabernaculum ligneu[m] fori roseum depict[um] et intrinsecus commissum tela sangalli coloris cerulei.

Ill[ustrissi]mus D[ominus] mandavit inter alias pixside[m] argentea pro apparando sacratissimo olio ad infirmu[m].

Altare maius ubi requiescit d[ictu]m tabernaculu[m] habet omnia necessaria et perpulchrem icona[m] in tela depicta[m] referente[m] Assumptione[m] p[er] tan[tae] Gloriossimae Virginis. Ardet lampas perenter cora[m] sancto sacramen[t]o esse oleo subminstrati ex colletis eleemosinis fidelius incolarum. Adest confraternitas Sanctissim[i] Sacram[ent[i] cuius est Rector Magister Andreas Bugeia qui asserit in d[ict]a societate in esse confratres sexdecim saccis

f. 236v.
ceruleis induti, qui sustinent omnia munera concernentia d[ict]a[m] societate[m] suis loco et tempore fuit impositum, ut afferat inventariu[m] omniu[m] utensilium d[ictae] Confraternitatis infra dies octo.

Deinde visitavit armarolum positu[m] a latere dextus altaris maiores in quo asservantur duo vascula argentea, in quanquam detentum oleus infirmor[um], in altero vero sacru[m] Chrisma et oleum catechumenorum. invicem di stincta, que[m] detinentur sub custodia clavium proretae decet.

Visitavit inde fontem baptismalem habente[m] cupula[m] lignea[m] intrinsecus ornata[m] tela sangalli coloris cerulei, qui habet operculum ligneu[m] tectum eundem telae et sudariolum ad abstegerandos

**Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (Floriana), Viżti Pastorali, Bathassare Cagliares, vol. 8.**

f. 236r.
Il-ġurnata tad-disgħa tax-xahar ta' Diċembru 1615.
Żjara fir-Raħal tal-Imqabba.
Il-Prelat, l-Illustrissimu Sinjur kompla filgħodu biż-żjara tad-djoċesi u ħalla lill-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi u mar fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba taħt it-titlu tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni li fil-preżent qiegħda f'idejn u qed jieħu ħsiebha r-Reverendu Dun Pietru Pace u l-isqof talab lil Pace l-karti tal-ħatra u Pace niżel fuq l-irkoppa u kif kienet titlob il-prassi uriehomlu.

Żar is-Santissimu Sagrament tal-Ewkaristija miżmum f'pissidi tal-fidda minn ġewwa t-tabernaklu tal-injam li minn barra hu miżbugħ lewn il-ward u minn ġewwa miksi bid-drapp tal-għażel ta' kulur blu.

L-Illustrissimu Sinjur ordna fost l-oħrajn pissidi tal-fidda għall-ġarr taż-żejt imqaddes tal-morda.

L-altar maġġur li fuqu jinsab l-imsemmi tabernaklu għandu dak kollu meħtieġ u b'pittura sabiħa fuq it-tila li turi t-Tlugħ fis-Sema tal-imsemmija daqshekk Glorjuża Verġni. Hemm lampa dejjem tixgħel quddiem is-Santissimu Sagrament u ż-żejt tagħha jiġi amministrat mill-ġbir kollettiv li jinġabar mill-fidili li jgħixu fil-post. Hawn Fratellanza tas-Sagrament li r-rettur tagħha hu l-imgħallem Andrea Bugeja u jafferma li hemm f'din l-imsemmija soċjetà sittax-il

f. 236v.
membru, libsin konfratija blu, u dawn isostnu dak kollu li hu meħtieġ u jikkonċerna din is-soċjetà u ġie impost fuqhom li jagħmlu inventarju tal-affarijiet kollha tal-imsemmija fratellanza fi żmien tmint'ijiem.

Imbagħad żar l-armadju li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-altar maġġur u fih sab żewġ važijiet tal-fidda, li f'wieħed jinżamm iż-żejt tal-griżma u fl-ieħor, il-veru balzmu qaddis u ż-żejt tal-katekumeni. 'Il quddiem dawn għandhom jinżammu separatament u f'post li jingħalaq biċ-ċavetta mill-kappillan.

Imbagħad żar il-fonti tal-magħmudija li għandu koppla tal-injam imżejna minn ġewwa bid-drapp tal-għażel ta' kulur blu, li għandha għatu tal-injam mgħotti mill-istess drapp u xalla biex jimsaħ dawk li tgħammdu.

# Alessio's Old Cottage

**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Sub-Post Office u Ġbir ta' Parcels**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**

**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.30am - 12.00pm***
***4.30pm - 7.00pm***

**Ħdud u Festi:**
***6.30am - 12.00pm***

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*
*Kartolini, affarijiet tal-iskola, rigali,*
*kotba, żraben u ħwejjeġ għal kull età,*
*affarijiet ta' Hi-Fi kif ukoll*
*uniformijiet tal-iskola San Benedittu*
*u joffri servizz ta' dry cleaning*



# tj tower ironmongery

WÜRTH – FASTENERS
SIGMA COATINGS – INTERIOR & EXTERIOR PAINT
PROTOOL – POWER TOOLS
narex – POWER TOOLS
V-TAC – LED BULBS & TUBES
MOTTURA – SECURITY LOCKS
Cuprinol – WOOD TREATMENT
TOPEX – HAND TOOLS
Kress – POWER TOOLS
fumagalli since 1973 – RESIN OUTDOOR FITITNGS
ABB – ELECTRICAL SUPPLIES
Unoair® – AIR TOOLS
CISA – LOCKS
TECHNICAL PROTECTION TEXTILES ARRIGONI 1936 – SUN SHADING
NEO – HAND TOOLS

DUPLICATE YOUR KEY NOW!
SILCA
PROFESSIONAL KEY CUTTING HERE.
SILCA YOUR GLOBAL PARTNER IN LOCKSMITHING

**Tower Street, Żurrieq, ZRQ 2360**

**Tel: 2164 0196 • E-mail: towiro@maltanet.net**



# Maths Coach

**Mathematics and Physics Private Tuition**

**MATHEMATICS**
- Form 3
- Form 4
- Form 5 (SEC Paper 2A)
- Form 5 (SEC Paper 2B)

**PHYSICS**
- Form 5 (SEC Paper 2A)
- Form 5 (SEC Paper 2B)

**Mqabba & Zurrieq**

**Contact Mr Mario Debattista on 7970 7458**

baptizatos, iuxta que[m] fontem est sacrarium cum tenerabiliter detentar, cum sua sera ferrea. Ill[ustrissi] mus D[ominus] mandavit fieri chocleare argenteu[m] ad usum baptizantor[um] et infra mense[m]

Postea visitavit Altare positum a latere dextro Altaris maioris sub invocatione Assumptionis Beatae Mariae Virginis fundatum per Paschale[m] Spiteri de anno 1609 sub die 15 Mensis Novembris quod habet omnia necessaria et sup[radictus]

Qrib dan il-fonti hemm is-*sacrarium* li qed jinżamm b'kura magħluq b'serratura tal-ħadid. L-Illustrissimu Sinjur ordna li fi żmien xahar jinġieb kuċċarun tal-fidda għall-użu tal-magħmudijiet.

Wara żar l-altar, li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-Altar maġġur, taħt it-titlu tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija Verġni, imwaqqaf minn Baskal Spiteri fis-sena 1609, fil-jum tal-15 tax-xahar ta' Novembru u għandu dak kollu li hu meħtieġ u l-affarijiet kollha li għandu bżonn altar u 'il fuq imsemmi

f. 237r

Paschalis Spiteri obligavit omnia bona sua in perpetu[o] servitio d[ict]i Altaris et praecipue pro accentione lampadis omnibus diebus festivis per annum et pro celebratione primor[um] vesperoru[m] et missae in die festo Assumptionis Gloriosae Virginis Mariae et ad hoc exequendum obligavit omnes eius filios et heredes cum Magister Andrea Schembri, Magistro Natali Magro et alias de d[ict]a casali Michabiba, qui hactenus satisfecit.

Item visitavit Altare Sacratissimi Rosarii quod est lapideum habens iconam decente[m] omnia misteria sancti[ssim]i Rosarii contenente[m] in que[m] est erecta Confraternitas euisdem nominis, in qua sunt personae quinq[ue] cum saccis albis p[er] inter alios descriptos in matricula[m] quae obeunt omnia munera concernentia a d[icta]m societate[m] quod quidem Altare habet omnia necessaria, et tarens quindecim annui debitus pro eius servitiis.

Item visitavit aliud Altare positum a latere sinistris altaris maioris sub invocatione Immaculatae Conceptionis Beatae Mariae Virginis, quod habet omnia necessaria et decente[m] icona[m]. C[ons]tat obligatio in actis Curiae Eccl[essi]ae Civitatis Vallettae factae per Bartholomeus Magro tarens

f. 237r

Baskal Spiteri obbliga li l-ġid tiegħu jingħata għal dejjem għas-servizz tal-imsemmi altar u speċjalment biex jinxtegħel il-lampier f'kull jum ta' festa tas-sena u għaċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel għasar u quddiesa fil-jum tal-festa tat-Tlugħ fis-sena tal-Glorjuża Marija Verġni u biex dan ikun jista' jsir rabat lil kull tifel tiegħu u l-werrieta, mal-imgħallem Andrea Schembri, l-Imgħallem Natali Magro u oħrajn mill-imsemmi raħal tal-Imqabba, u sal-lum dan l-obbligu għadu jsir.

Bl-istess mod żar l-Altar tas-Santissimu Rużarju li hu tal-ġebel, għandu kwadru diċenti li fih il-misteri kollha tas-santissimu Rużarju. Fuqu hemm imwaqqfa l-konfraternità li ġġib l-istess isem, u li għandha ħames persuni bil-konfratija bajda u fost in-nies l-oħra msemmija f'reġistru dawk li jattendu għall-obbligi kollha tal-imsemmija soċjetà u mhux inqas, dan l-altar għandu dak kollu li hu meħtieġ u dħul ta' ħmistax-il tarì għall-bżonnijiet tiegħu.

Bl-istess mod, żar l-altar l-ieħor li qiegħed fuq in-naħa tax-xellug tal-altar maġġur taħt it-titlu tat-Tnissil Bla Tebgħa tal-Beata Marija Verġni, li għandu kollox li hu meħtieġ u pittura fuq l-injam xierqa. Hemm marbut obbligu bħal ma jidher fl-att tal-Kurja tal-Knisja tal-Belt Valletta magħmul minn Bartolomeo Magro ta' sitt tari

f. 237v.

sex annauliu[m] qui hac tenes satisfecit eius obligationi. Procuratores et[iam] d[icta]e Ecc[lesi]ae parrochialis habent uncia[m] una[m] pertinente[m] ad d[ict]um Altare, ut videtur annotatum in libello eorunde[m] Procuratorum.

Item visitavit aliud altare sub invocatione Annunciationis Beatae Mariae Virginis quod caret omnibus necessariis. Bona autem obligata d[ict]o Altari detinentur conducti nomine a Dominico Zammit de d[ict]o Casali Michabibae, quae sunt locus domor[um] et viridariorum Rev[erend]i Don Mariani Briffe, quare pluribus annis dimisit servitia d[ict]i Altaris.

R[everendu]mus D[ominus] mandavit sequestram fructus d[ict]i loci domorum et viridariorum poenes d[ictum] Dominicu[m] Zammit unductere[m] proscriptiis dimissis et fructis.

f. 237v.

fis-sena u sal-lum dan l-obbligu qed ikun onorat. Ukoll il-prokuraturi tal-imsemmija knisja parrokkjali għandhom unċja waħda li tapparteni għall-imsemmi altar kif jidher imnizzel fil-ktieb tal-istess prokuraturi.

Bl-istess mod, żar l-altar l-ieħor taħt it-titlu tat-Tħabbira tal-Mulej lill-Beata Marija Verġni li jonqsu dak kollu li hu meħtieġ. Iżda d-dħul tal-imsemmi altar qed jinżamm u jmur għand Duminku Zammit mill-imsemmi raħal tal-Imqabba u għandu djar u ġonna tar-Reverendu Dun Marjanu Briffa, u għal ħafna snin ma għamilx xogħlu għall-imsemmi Altar.

Ir-Reverendu Sinjur ordna s-sekwestru tad-dħul mill-imsemmi post ta' abitazzjonijiet u ġonon taħt il-piena lill-imsemmi Duminku Zammit li jiġi mkeċċi u meħud il-frott.

*Il-Lingwa Maltija*

# Il-Mejda tal-Qubbajt



Minn Rita Saliba

Robbie illostra l-mera bl-ittri mberflin fuq il-ħġieġ TA' BERTU L-QUBBAJT. Il-mera bdiet tittebba' b'tikek suwed fl-irkejjen iżda xorta għadha taqdi l-funzjoni tagħha tajjeb, dik li tirrifletti d-dawl tal-bozoz iżejnu l-ġnub tat-triq f'katina twila fil-festa tal-Patruna tar-raħal. Dak iż-żmien Robbie kien jipprova jgħoddhom donnhom stilel sofor maqbudin fil-gwerniċ.

In-nannu Bert, kien ikun fuq il-bank fil-għoli fejn jarah kulħadd, ħafna drabi jiżen il-qubbajt fuq il-miżien li kellu bażi tal-injam fejn iżomm il-flus u l-użin. Robbie kien iqum kmieni biex imur man-nannu biex jarma f'post vantaġġuż u ġieli f'nofs il-ġurnata, Robbie kien jaqbdu n-nagħas u jkollu jintasab taħt il-bank jieħu nagħsa żgħira fuq it-tavla. Ħadd ma kien jinduna bih wara l-purtiera li kienet iddawwar il-bank kollu. Kultant leħen nannuh kien jaħsdu minn dik ir-raqda ħelwa.

"Hello lady! Come and taste qubbajt ta' Bertu! For free għax tal-festa!" Imbagħad għal Robbie kienet tibda logħba oħra. Jgħodd is-sandlijiet u ż-żraben li kien jilmaħ qrib wiċċu u jipprova jaqta' ta' min huma. Ħafna drabi saqajn imlibbsin sandli aktar adattat għall-baħar milli għall-festa, kien ikun ta' xi turista, li kienet iddum ftit wieqfa tixtri b'kummentarju għaddej minn fuq il-bank ta' nannuh.

"Ejja Robbie," kien iġibu f'sensih in-nannu Bert, "għaddiet Ingliża, u ħarbitilna! Newlilha l-plattina ħa dduq biċċa minn tagħna!" Għan-nannu t-turisti kollha kienu Ingliżi.

Robbie kien jistħi jnewwel il-plattina bil-biċċiet tal-qubbajt lin-nies. Ħafna drabi t-turisti kienu jiggustawh, joħdulu biċċa biex ma jiksruhx u jgħidulu kliem li ma setax jifhmu. L-aċċent tagħhom magħluq wisq. Ara n-nannu ftit li xejn kien iħabbel rasu jifhimx. L-aqwa li jgħid li, "ta' Bertu is the best qubbajt!" l-aktar jekk tkun ġiet xi barranija tistagħġeb aktar bil-mejda tal-qubbajt u kif inhi mżejna milli għall-ħelu. Imma fl-aħħar mill-aħħar in-nannu ma kien jgħaddih ħadd biex jipperswadi lin-nies biex jixtru. U l-aktar li kien jistħi Robbie, meta nannuh kien jibda jgħid, "he's my grandson, bravu ta! Gonna be a good salesman like me when he grows up!" Il-plattina f'idejn it-tifel kienet tibda tirtogħod u l-qubbajt imqatta' biċċiet kien jibda jeħel ma' xulxin bis-sħana li toħroġ minn idejh hu u jżomm il-plattina.

L-istorja tal-qubbajt jagħqad u jintrama fuq l-ixkaffef kien semagħha ħafna drabi. Nannuh ma kien iħalli l-ebda dettall barra meta kienu jiġu n-nies madwara il-mejda armata, kurjużi kif isir dal-ħelu. Iżda jew biex in-nannu Bert ma jiddejjaqx jirrepeti l-istess storja għal ma nafx kemm-il darba, jew biex il-qubbajt tan-nannu jinbiegħ aktar minn ta' bejjiegħa oħra, in-nannu Bert kien dejjem iżid xi dettall ikkulurit fir-riċetta u aktar ma jisma' "Oh lovely!" jew "amazing!" aktar itawwal u jġebbed u jżomm in-nies madwaru sakemm fl-aħħar jinkartalhom xi blokka qubbajt bajda li jkun irnexxielu jbigħ.

Robbie tgħallem ir-riċetta tista' tgħid bl-amment. Kemm in-nannu Bert kif ukoll missier in-nannu u missier missieru kienu jiftaħru li kienu jaħdmu qubbajt mill-aqwa. Il-qubbajt kien jinħadem billi jaħarqu z-zokkor f'kaldaruni kbar, fuq in-nar ta' xi kenur. Ħafna drabi kien ikun hemm aktar minn kenur wieħed jaqbad. Din il-biċċa xogħol kienet tiġġenera ħafna sħana. Għaldaqstant, it-tisjir kien isir b'xi bitħa. Waqt li z-zokkor jinħall, jerfgħuh mill-kaldarun għal fuq wiċċ tal-irħam u jkomplu jgħaħġnuh b'idejhom. Imbagħad ikumplu jżidu l-ġellewż u ingredjenti oħra, kif ikun għadu sħun u jfuħ. Qabel tibbies it-taħlita iqassmuha fil-forom, bħal kaxxi bla wiċċ u bla qiegħ, li qabel jiksuhom bil-karti tal-ostji. Imbagħad ikomplu jiksu bil-karti bojod jew tal-kulur fuq barra. Meta jibred il-qubbajt ma jibqax iwaħħal u jkun lest fi blokki għall-bejgħ.

Tistgħu taħsbu l-lingwaġġ ikkulurit li bih kien jiddeskrivi dal-proċess lit-turisti n-nannu Bert. Robbie dejjem skanta kif dawn kienu jifhmuh kollox. Bilfors li t-turisti li kienu jiġu għall-festa kienu nies intelliġenti ħafna, jew inkella tant taqagħlhom żaqqhom għall-ħelu li ma jimpurtax jekk ma jifhmux sal-inqas dettall.

Darba waħda, n-nannu kien qed jispjega lil waħda turista mdaħħla naqra fiż-żmien. Damet xi ftit quddiem il-mejda tal-qubbajt, tifli l-ħelu u tiggosta kif kienet imżejna. Iżda meta ġiet biex tixtri, bħal inkisret u bdiet tiskuża ruħha man-nannu.

"Don't worry, lady!" sema' lin-nannu jgħidilha, "take it for free, go. My present." Iżda l-mara aktar stħat u hi u tiskuża ruħha u tgħidlu li terġa' tgħaddi l-għada, bdiet sejra 'l hemm.

Il-jum ta' wara n-nannu u Robbie ramaw fil-post tas-

soltu. Filgħaxija n-nies inġemgħu madwara il-mejda tal-qubbajt, min biex jixtri, min biex jara u min itella' u jniżżel jekk iżidx iz-zokkor fid-dieta għal darba waħda biss fis-sena. Iżda n-nannu ma kompliex tant magħhom. Robbie seta' jinduna li kien qed jistenna lil dik il-mara terġa' titfaċċa. Beda jilmħu jfittixha b'għajnejh. Il-qubbajt li ried ititha kien għadu fil-borża tal-karti.

"Dawk meta joħduh magħhom f'pajjiżhom tgħidx kemm japprezzawh. M'għandhomx bħalu," kien dejjem jgħid lil Robbie.

Daż-żmien Robbie ma kienx jirrakkonta kif isir il-qubbajt. Il-mixers ħadu post l-idejn jgħaġnu t-taħlita. Id-dwal LED's jagħtu aktar dawl mill-fanali tal-aċitilena li kien tant iżejjen bihom in-nannu Bert. It-turisti li kienu jieqfu għandu aktar kienu jieqfu biex jieħdu r-ritratti tal-mejda, iduqu ftit ħlewwa u jitbissmulu. Robbie kien wiegħed lin-nannu li jibqa' jarma, iżomm it-tradizzjoni tal-familja. Forsi jarma sentejn oħra, ħaseb. Hekk kif spiċċa jillostra l-mera sema' lil xi ħadd jistaqsih għan-nannu Bert. Robbie dar u warajh sab tfajla tamparu, wiċċ t'anġlu b'għajnejn kbar ċelesti jistennew tweġiba. Għall-ewwel infixel. Reġa' staqsieha x'kienet qed titlob minnu. Urietu ritratt.

"It was at this place," qaltlu "my grandmother took this photo years ago."

Robbie ħa r-ritratt f'idejh. Il-kliem TA' BERTU L-QUBBAJT kien ċar quddiem għajnejh. In-nannu Bert fuq il-bank jitbissem u tifel żgħir iħares dritt fil-kamera, li ma kellux dubju min kien. It-tfajla rrakkontatlu kif nannitha ġiet btala u xtaqet tieħu lura magħha blokka qubbajt. Il-bejjiegħ kien ġentili magħha u spjegalha kif isir dal-ħelu tradizzjonali mingħajr għaġla ta' xejn. Qaltlu kif minkejja li nannitha ma kellhiex flus, ir-raġel kien lest li jtiha l-qubbajt. Issa li nannitha m'għadhiex magħna xtaqet tiġi hi stess f'dal-post. Kienet żgura li se tagħmel lin-nanna kuntenta, qaltlu. Robbie reġa' ħares lejn ir-ritratt u stħajjel lin-nannu jgħidlu, 'qed tara għaliex ridtek tibqa' tarma bil-mejda tal-qubbajt?' Qabad biċċa qubbajt, geżwirha ġo borża u newwilha lit-tfajla. Ma riedx flus.

"A present for you. I'm sure your grandmother won't mind you didn't pay," qalilha. Robbie stqarrilha li nannuh ma kienx għadu magħna u ħass li anke nannuh kien se jkun kuntent jekk it-tfajla taċċetta r-riġal tiegħu. Did-darba Robbie ma riedx li jiġrilu bħal nannuh. Lit-tfajla ma ħallihiex taħrablu.


Tfal tat-Titular
...ulied il-padruna
santa marija
est : 2010

# Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa,
għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi,
rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

# Fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba



**Carmelo Caruana, Qrendi**

F'erba' kelmiet li jfissru din il-ħtieġa,
Ta' Santa Marija, prosit lill-każin,
Fost serjetà kbira u għaqda familjari,
Li huma magħrufa għaliha dawn l-Imqabbin

Din il-ġrajja ta' matul is-sena kollha,
Tħabrek b'risq il-festa tal-lokal,
Xogħol li jieħu iż-żmien biex jitwettaq u li,
Ġieli jgħinu wkoll in-nisa tad-dar

Ifli f'sabrek il-milja ta' ġrajjithom,
Issib fil-kotba stejjer ta' tagħrif,
Bil-partitarji żgħażagħ akkaniti,
Matul is-sena, b'għemilhom mirqum u sħiħ

Minn membri li tant kibru, għal ġejjieni
Festa kbira, grandjuża u lussuża,
Bil-ħeġġa li trawmet u akkanita,
Għall-patruna il-maħbuba, Santa Marija

U fil-mixgħela ġenerali ta' dawl li jiddi,
L-imsieħba Imqabbin ħabrieka u magħrufin,
Meta taqra mill-arkivji tal-programmi,
Żvog kontinwu li żvolġa matul is-snin

U xi ngħidu għall-għaqda piroteknika?
Fejn għandu x'jaqsam kwalità ta' nar,
Magħrufin mad-dinja kollha,
F'dawn il-gżejjer, tagħna mill-aħjar

Rebħu fost trofew u tant diplomi,
Xi kultant murija, għandu mnejn,
Bla ftaħir li jqanqal majjistrija,
Imfaħħra li tgħammex lill-għajnejn

Magħrufa ħafna il-banda Re Ġorġ V,
B'surmast ħabrieki li jaf xogħlu sew,
Bil-marċi sbieħ li jqanqlu allegrija,
Mal-partitarji jaqbżu u jogħlew!

Viva mill-ikbar jinstema jidwi,
Kant mill-isbaħ li joħloq simpatija,
Hemm tinġemgħa il-folla b'tifħir ħlejju,
Lil ommna tas-sema Santa Marija!

# Għall-Isem ta' Marija



**Joseph Bonnici**

F'statwa bil-wisq issaħħar,
magħmula għall-Imqabbin,
miżmuma b'ħafna stima;
taħtha ġnus qatt imwarrbin.

Kuntenti b'dil-patruna,
l-Omm l-imbierka Marija,
imnissla mingħajr tebgħa;
fil-grazzji hi turija.

Iċċelebrata bl-aqwa,
f'ħafna festi minn tagħha;
Omm l-għażiż l-iben t'Alla,
Għal dan kulħadd semmagħha.

Magħrufa għall-imħabba,
li b'qalb tagħti lill-bnedmin;
minn dawk li ġew talbuha
ma qagħditx tagħżel lil min.

Fost dawn ħafna devoti,
l-Imqabbin huma kburin;
magħhom hi sew għażiża;
warajha sikwit sejrin.

29-04-2018

Go Reds
adoloxxenti TITULARI

Il-Klabb "Go Reds – Adoloxxenti Titulari"
qed jorganizzaw ix-xalata tradizzjonali

Tluq mill-pjazza fis-1pm

Wine and Pizza quddiem il-Palazz Santa Marija għat-8:30pm

Għal aktar informazzjoni avviċinaw
lill-amministraturi tal-Go Reds!





*Nar tal-ajru maħdum mill-partitarji għall-Festa Titulari tas-sena 1961*

*Partitarji waqt il-marċ tad-Te Deum lejn il-bidu tas-snin tmenin*





*Partitarji fuq iz-zuntier tal-knisja għad-dell fil-jiem tal-festa lejn it-tmiem tas-snin sebgħin*

# Rendikont tal-Festa ta' Santa Marija 2017



## Dħul

| | |
|---|---|
| Bilanċ 2016 | €243.91 |
| Envelopes u donazzjonijiet* | €3,500.00 |
| Kaxxa quddiem il-vara | €85.09 |
| Ħruġ min-niċċa | €800.00 |
| Ġabra Ħadd qabel il-festa | €485.00 |
| Ġabra 15 ta' Awwissu | €600.00 |
| Dħul vara fil-Knisja | €578.00 |
| Donazzjoni fjuri | €100.00 |
| | **€6,392.00** |

*Kien hemm donazzjonijiet ta' €200 u ħames donazzjonijiet ta' €100

## Ħruġ

| | |
|---|---|
| Orkestra | €2,200.00 |
| Trasport | €100.00 |
| Fjuri | €160.00 |
| Daqq tal-qniepen | €350.00 |
| Servizz Saċerdoti | €700.00 |
| Kappisti | €160.00 |
| Dawl tal-koppla | €962.00 |
| Inżul/Tlugħ tal-linef | €100.00 |
| Dawl tal-faċċata | €1,400.00 |
| Abbatini | €60.00 |
| | **€6,192.00** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ** | **€200.00** |

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni




3M Kebab House/Take Away ... 103
A. Ferriggi ... 123
A&A Stone Interiors ... 131
Aida Hall ... 154
Albert Abela Woodworks ... 176
Albion VRT Station ... 67
Alessio's Old Cottage ... 184
All n' 1 ... 182
Andrew Vassallo Ltd ... 80
ArtiGenjali ... 22
Attard Bros ... 135
B&G Hardware Store ... 174
Bibas ... 112
Bimbi Baby Shop ... 103
BNF Bank ... 72
BOV ... 60
Brian Green ... 141
Briffa Landscaping ... 30
Browns ... 139
C&G Hardware Store ... 6
Callus Garden Centre ... 162
Carabott Jewellers ... 123
Cassar Florist ... 180
Cassarini Restaurant ... 110
Charlie t-Tirxa ... 106
Cheyenne ... 162
Coca-Cola ... 82
Computer Bargains ... 182
Ctronics ... 141
D. Spiral ... 108
Daily Needs ... 62
Darren's Butcher ... 131
Dee's Pizzeria & Takeaway ... 46
Demsey Aluminium ... 55
Demsweet Garage ... 26
DES ... 66
Di Rocco Trading Limited ... 6
Digital Arena ... 36
DoS Avós ... 32
E. Theuma & Company Ltd ... 172
EGM Psaila ... 178
Elbros ... 8
Elmo Insurance ... 26
Etienne Garage ... 55
Fajsu ... 144
Fantasy Flowers ... 34
FexServ ... inside front
FGP ... 172
Forklifters Malta ... 107
Foster's ... inside back
Frame Maker ... 27
Fresh&Clean ... 156
Frott il-Bidwi ... 30
G. Camilleri Petrol Station ... 114
Gasan Mamo Insurance ... 54
Gold Lady Jewellery ... 151
Golden Point ... 22
Hair Couture ... 30
Henry Zaffarese ... 60
Horace Enterprises ... 168
Horace Spiteri ... 94
iShine ... 150
Ivan's Garage ... 164
J. Cutajar ... 128
Jack's Eat House ... 96
Jade Jewellers ... 106
James Caterers ... 164
Jeff's Pastizzeria ... 16
Jerry's Silencer Repairs ... 10
Jessica Rita Galea ... 84
JMA Aluminium Works ... 102
Jolly ... 24
Jonathan Dingli ... 52
Julia Farrugia Portelli ... 50
Julio & Charlie Sacco ... 126
Kristianne Stationery ... 12
L. Micallef Steel Works ... 118
Lillian Camilleri ... 146
Lorraine Zammit ... 107
Lorraine's Beauty Clinic ... 140
LUX Nails ... 27
Magic Clean ... 158
Magri Butcher Shop ... 166
Mallia Petrol Station Ltd ... 151
Mangion Brothers Zurrieq Ltd ... 122
Mariano's Garage ... 84
Mario Service Station ... 34
Mark Portelli ... 156
Maths Coach ... 184
Maypole ... 99
Mażini ... 166
McSims ... 98
Michael Bezzina ... 128
Mifsud Lift Service ... 154
Mobiltech VRT Station ... 158
Movie Land ... 119
Nails by Brenda ... 146
Newwes Garage ... 130
Nick's Agriculture ... 102
Ohio ... 13
Owen Bonnici ... 47
Owen Sciberras ... 91
Palazzo Castelletti ... 80
Paul & Mark Super-Market ... 122
Peschereccio ... 134
Pet Care ... 27
Philip Taxi Service ... 128
Pineapple ... 58
Polidano ... 116
Portelli & Brincat ... 138
Reborn Snack Bar ... 138
Remissa ... 55
Reno Farrugia ... 150
Ruben's Garage ... 126
Scicluna Florist ... 36
Seabreeze Hotel ... 178
Sierra ... 20
Siggiewi Vehicle Services ... 123
Silvio's ... 160
St. Paul's Dental Clinic ... 62
St. Peter's Ironmongery ... 14
Stanley Zammit ... 63
Stefan Zrinzo Azzopardi ... 32
Step 'n' Shop ... 86
Step in ... 87
Super S Ironmongery ... 118
Ta' Manwel Farmhouse ... 91
Ta' Balal Petrol Service Station ... 146
Ta' Frida Pet & Garden ... 18
Ta' Rita Lapsi View ... 14
Ta' Victor Restaurant ... 110
Tahabel Ltd ... 144
Take Off ... 114
Tal-Bazzi ... 174
Tal-Paradise ... 126
Tal-Pjazza ... 96
Tar-Robba Recycling Centre ... 4
Teddies ... 118
Teżor il-Bidwi ... 58
The Convenience Shop ... 139
The Core Beauty Clinic ... 176
The Fruit Shop ... 10
The Healthy Pantry ... 119
Timberland ... 95
Toni Bezzina ... 24
Tower Ironmongery ... 184
Trocadero ... 119
Unistyler ... 58
Velton Ltd ... 168
Village Core ... 74
Viper Garage ... 114
Viri's ... 99
Visage ... 134
Xarolla ... 82
Xelini Co. ... 108
Xuereb Installations Ltd ... 90
Zahra Group ... 160
Zneiber ... 112



NEW
FOSTER'S
MELBOURNE
F
CRAFTED
TO
REFRESH
FOR THE THIRSTY
W. & R. Foster
QUALITY LAGER BEER
FOR
THE
THIRSTY
ENJOY RESPONSIBLY



Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba, Malta
www.santamarija.com santamarija santamarijamqabba